

# "U baqa' miexi magħhom"

*Sussidju Kateketiku dwar il-Qaddisin u l-Beati tal-Karità*

Uffiċċju Djakonija

Djoċesi ta' Għawdex 2020

# *Daħla*

“Il-qdusija hi l-isbaħ wiċċ tal-Knisja”, jistqarr il-Papa Franġisku fl-Eżortazzjoni Appostolika *Gaudete et exsultate (Ifirħu u thennew)* (n.9). Aħna lkoll imsejħin biex inkunu qaddisin, għax qaddis hu Dak li sejħilna, jgħid San Pietru fl-ewwel ittra tiegħu (ara 1 Piet 1:15-16). Biex ngħixu s-sejħa għall-“perfezzjoni” li jitlob minna Ġesù (ara Mt 5:48), aħna rċevejna l-Ispirtu s-Santu biex, bil-qawwa tiegħu, ngħixu l-kmandament il-ġdid tal-imħabba, jiġifieri li nħobbu lil xulxin kif ħabbna Ġesù nnifsu (ara Ġw 15:12). L-imħabba li minnha jitkellem Ġesù hi dik l-imħabba li permezz tagħha wieħed jasal li “jagħti ħajtu” għall-oħrajn (ara Ġw 15:13). Fil-Vanġeli, din l-imħabba tissejjaħ *agape* (bil-Grieg) jew *caritas* (bil-Latin). L-imħabba evanġelika (*agape-caritas)* hija l-qofol tar-Rivelazzjoni Nisranija (ara *Gal* 5:14) u, kif jgħallem il-Papa Franġisku, hi t-triq ewlenija għat-tħabbira tal-Vanġelu. Kif kien iħobb jgħid San Vinċenz de Paoli, appostlu kbir tal-karità, l-imħabba hi “is-Sinjura l-Kbira” li tgħinna nilmħu l-wiċċ ta’ Ġesù fil-fqar u l-imwarrba tal-lum u mmissu mal-ġrieħi tiegħu (ara *Mt* 25:31-46).

San Pawl jgħallimna li l-aqwa triq biex insiru qaddisin hi propju t-triq tal-imħabba tal-proxxmu (ara 1 Kor 12:31). Biex naslu li nħobbu kif ħabbna u jħobbna Ġesù, hu tana l-istess imħabba tiegħu, li aħna rċevejna bħala don fil-magħmudija tagħna, meta “l-imħabba ta’ Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna” (Rum 5:5). L-imħabba lejn l-oħrajn hi triq biex nagħtu xhieda u nwasslu l-Vanġelu, għax “minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom” (Ġw 13:35).

Mal-medda tas-snin u s-sekli, permezz tal-Qaddisin u l-Beati, il-Knisja tatna diversi eżempji ta’ kif aħna lkoll nistgħu ngħixu l-Vanġelu, u nsiru dixxipli-missjunarji (*Evangelii Gaudium*, 120). Kif jgħallimna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, hu proprju fix-xhieda tal-qaddisin li l-Ispirtu s-Santu juri lilu nnifsu u jkompli l-ġrajja tas-salvazzjoni (ara KKK 688). Permezz tal-qaddisin, Ġesù “jibqa’ jimxi mad-dixxipli tiegħu” kif għamel mad-dixxipli ta’ Għemmaws, u permezz tagħhom jimxi mal-bnedmin, speċjalment mal-foqra u l-imwarrba ta’ kull żmien… kif kien jagħmel fil-Galilija tal-ġnus.

Fost il-lista twila ta’ qaddisin u beati “uffiċċjali”, hemm bosta rġiel u nisa minn kull parti tad-dinja u ta’ kull żmien, li ddedikaw ħajjithom biex ipoġġu fil-prattika l-imħabba tal-proxxmu, li Ġesù jgħallimna dwarha fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (ara Lq 10:25-37). Għal dan il-għan, sabiex il-ħidma tagħhom tibqa’, uħud minnhom waqqfu istituti reliġjużi li għadhom magħna sal-lum. Fost il-“foqra” ta’ matul iż-żmien li għalihom dawn il-qaddisin iddedikaw ħajjithom, ta’ min isemmi il-morda, il-barranin, il-ħabsin, l-ilsiera, l-ikkundannati għall-mewt, it-tfal u ż-żgħażagħ, it-tfajliet u n-nisa f’riskju ta’ faqar u kriminalità, il-ħaddiema sfruttati, il-persuni ta’ ġilda skura, il-popli indiġeni, dawk li jbatu l-ġuħ u l-għera, l-iltima u l-orfni, u tant u tant oħrajn li l-istorja u l-għonja tad-dinja tawhom il-ġenb.

Dan is-sussidju jixtieq ikun għajnuna ċkejkna f'idejn il-katekisti biex nerġgħu npoġġu l-figura u l-messaġġ tal-qaddisin fiċ-ċentru tal-katekeżi tat-tfal. It-titlu ċentrali tas-sussidju – "U baqa' miexi magħhom" – hu marbut mal-motto li l-Isqof Anton Teuma għażel għall-episkopat tiegħu. B'dan il-mod, is-sussidju jrid jgħinna nifhmu l-ministeru episkopali tal-Isqof Teuma mil-lenti tal-karità u d-djakonija Nisranija.

Is-sussidju jipproponi numru ta' qaddisin kull xahar. Ma' kull qaddis/a, hemm stampa li tista' tiġi mogħtija l-kulur waqt it-tagħlim kateketiku. Fil-parti l-kbira tagħhom, dawn l-istampi tal-qaddisin u beati ġew meħuda mill-blogspot http://dibujosparacatequesis.blogspot.com/. Oħrajn huma meħuda mill-websajt https://www.scholarosaonline.com/curriculumintro/free-stuff/. Xi stampi oħra ttieħdu minn bnadi oħra, fosthom https://www.thecatholickid.com/ u http://www.supercoloring.com/. L-istampa tal-qoxra hi meħuda minn https://gameschildrenplay.files.wordpress.com/2012/04/road-to-emmaus1.jpg.

Il-katekisti jistgħu jagħżlu qaddis/a, pereżempju darba fix-xahar, u jippreżentawh/a liċ-ċkejknin. Wieħed jista' jinqeda b'riżorsi oħra, bħalma huma filmati, li wieħed faċilment isib fuq il-mezzi soċjali.

Permezz ta' dan is-sussidju, it-tfal jistgħu jsiru jafu aħjar

- is-sejħa għall-qdusija
- il-vanġelu tal-imħabba (jew tal-karità)
- l-opri tal-ħniena
- il-ħajja tal-qaddisin li, fi kliem il-Papa Franġisku, huma ġirien tagħna, jagħmlulna l-qalb u jimxu magħna fit-triq tal-qdusija
- is-sejħa li huma għandhom biex, fl-esperjenza tagħhom, isiru dixxipli-missjunarji.

Fl-istess waqt, hi tama tagħna li, bl-eżempju ta' tant qaddisin "tal-karità", il-komunità Nisranija titħeġġeġ fix-xewqa tas-solidarjetà u tal-impenn volontarju favur il-persuni mwarrba u vulnerabbli. Għalhekk, flimkien mal-katekeżi, nissuġġerixxu li darba kull tant it-tfal ikollhom mezz kif jagħmlu esperjenzi żgħar ta' "volontarjat" adatt għall-età tagħhom.

Napprezzaw jekk il-katekisti jgħinuna ntejbu dan is-sussidju bis-suġġerimenti u l-proposti prattiċi tagħhom, frott l-esperjenzi li għandhom fit-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal ċkejknin.

Nixtieq, fl-aħħar nett, nirringrazzja lil Dun Geoffrey G. Attard, li ħa ħsieb it-tagħrif dwar il-qaddisin u l-beati.

*Dun Giovanni Curmi*

16 ta' Settembru 2020

Il- 156 Anniversarju tat-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex
u Jum l-Ingress Solenni tal-Isqof Anton Teuma fil-Katidral tal-Assunta

# Werrej

San Bażilju l-Kbir (ta' Ċesarija)....5
Santa Ġenoveffa....7
Santa Eliżabetta Anna Seton....9
Santa Marianne ta' Molokai (Marianne Cope)....11
Santa Anġela Merici....13
San Ġwann Bosco....15
Beata Marija Ludovika de Angelis....18
Santa Katerina Drexel....20
Santa Franġiska Rumana....23
San Lwiġi Orione....25
Beatu Artemides Zatti....27
Santa Lwiża de Marillac....29
San Oscar Romero....31
Beatu Franġisku Faà di Bruno....34
San Leonardo Murialdo....36
San Ġwann Battista de La Salle....38
San Ġużepp Moscati....41
San Ġużepp Benedittu Cottolengo....43
San Ġużepp Marija Rubio....45
Beata Anna Rosa Gattorno....47
San Pietru Nolasco....49
San Damjan ta' Molokai (Joseph de Veuster)....51
Beata Maria Crescencia Perez....54
Santa Joaquina Vedruna De Mas....56
Santa Giovanna Antida Thouret....58
Santa Madalena Sofia Barat....60
San Filippu Neri....62
San Marċellinu Champagnat....65
San Alwiġi Gonzaga....67
San Ġużepp Cafasso....69
Beatu Jacques Ghazir Haddad....72
San Kamillu ta' Lellis....75
San Pietru Poveda....77

Beatu Solanus Casey (Bernard Francis) .......... 79
San Gejtanu ta' Thiene .......... 82
Santa Marija tas-Salib (Mary Helen MacKillop) .......... 84
San Lawrenz Djaknu .......... 87
Santu Rokku .......... 89
San Alberto Hurtado .......... 91
Santa Roża ta' Lima .......... 93
Beata Maria Del Transito Cabanillas .......... 95
San Rajmondu Nonnato .......... 97
San Ġużepp Calasanz .......... 99
Santa Tereża ta' Kalkutta .......... 101
San Pietru Claver .......... 104
San Ġwann Macias .......... 107
San Piju ta' Pietrelcina .......... 109
San Vinċenz de Paul .......... 112
San Franġisk ta' Assisi .......... 115
San Daniel Comboni .......... 121
San Martin de Porres .......... 123
San Martin ta' Tours .......... 125
Santa Eliżabetta tal-Ungerija .......... 127
San Nikola ta' Bari .......... 129
San Ġwann ta' Matha .......... 131
Santa Francesca Saverja Cabrini .......... 133
Santa Fabjola ta' Ruma .......... 136
Tagħrif fil-qosor dwar il-Qaddisin u l-Beati f'dan is-sussidju .......... 139



# San Bażilju l-Kbir (ta' Ċesarija)

*Tifkira: 2 ta' Jannar*

Il-familja ta' San Bażilju hi kollha qaddisin: in-nanna tiegħu Makrina l-Kbira, Missieru Bażilju x-Xiħ, ommu Emmelja, oħtu Makrina ż-żgħira, u ħutu Girgor, Isqof ta' Nissa, u Pietru, Isqof ta' Sebaste! Hu twieled f'Ċesarija, fil-Kappadoċja (illum parti mit-Turkija). Meta kien qed jistudja f'Ateni ltaqa' ma Girgor Nazjanzenu u t-tnejn saru ħbieb kbar, hekk li għandek il-festa flimkien fl-istess jum.

Bażilju laħaq tabib, matematiku famuż, filosofu u astrologu. Influwenzat minn oħtu Makrina, mar jgħix bħala eremita, u waqqaf monasteru fuq ix-xmara Iris, fis-sena 358. Fis-sena 364 ġie ordnat saċerdot minn Ewsebju, Arċisqof ta' Ċesarija. Tant kien saċerdot kapaċi u ħabrieki, li l-ħabib tiegħu Girgor kien qal dwaru: "L-Isqof mexxa l-poplu, u Bażilju mexxa l-Isqof."

Fis-sena 370 ġie elett Arċisqof ta' Ċesarija bħala suċċessur ta' San Ewsebju. Irnexxielu jqajjem responsabbiltà soċjali kbira fost l-Insara, billi hu stess kien jittallab biex jinbnew sptarijiet, orfanatrofji u skejjel. B'dan il-mod irnexxielu jibni dik li tissejjaħ 'belt tal-ħniena'. Din l-istruttura ta' sptar u bini ta' kenn għall-persuni foqra nbniet ftit 'il barra mill-belt ta' Ċesarija. L-Isqof kien baqa' impressjonat bit-tbatija tal-foqra tar-reġjun tal-Pontu, li kienu ntlaqtu mill-pesta fis-sena 369, fejn kien ra lis-sorijiet u l-patrijiet monaċi tal-qrib jieħdu ħsieb it-tfal orfni, u għalhekk ried jibni struttura kbira fil-belt tiegħu f'każ li tiġri xi traġedja simili. L-isptar, li ssejjaħ 'Basilijadi' għalih, hu meqjus bħala mudell għal ħafna istituzzjonijiet simili tal-Knisja tal-ewwel sekli. L-isptar kien jitmexxa mir-reliġjużi.

Sakemm miet fl-1 ta' Jannar tas-sena 379, ta' 49 sena, baqa' dejjem attiv, b'elokwenza kbira u b'karità immensa, li tawh l-isem ta' Kbir f'ħajtu, u ta' Duttur tal-Knisja wara mewtu.

Kien jgħid: "Il-ħobż li ma tużax, hu l-ħobż ta' min hu bil-ġuħ; l-ilbies li għandek fil-gwardarobba, hu l-ilbies ta' min hu għarwien; iż-żarbun li ma tilbisx, huwa ż-żarbun ta' min hu ħafi; il-flus li għandek imwarrba huma l-flus tal-fqar; l-atti ta' karità li ma tagħmilx huma inġustizzji li inti twettaq."



# Santa Ġenoveffa

*Tifkira: 3 ta' Jannar*



Santa Ġenoveffa twieldet qrib Pariġi fis-sena 422 WK. Meta kienet għadha żgħira, hija ltaqgħet ma' San Ġerman, isqof venerabbli u qaddis, li taha l-parir li tiddedika ħajjitha għall-qadi tal-proxxmu. Meta kellha ħmistax-il sena biss, hija ffurmat grupp ta' ħbieb nisa li riedu jgħinu lill-Knisja u lill-foqra. Kienu jgħixu bħala komunità f'dar flimkien.

Meta, fl-451, kien hemm il-periklu li Attila II jinvadi Pariġi, hija ħeġġet lin-nies biex ma jitilqux mill-belt iżda li jagħmlu penitenza u jafdaw f'Alla. Fil-fatt ġara kif kienet ħabbret minn qabel, għax Attila u n-nies tiegħu biddlu triqthom u ma daħlux f'Pariġi. Il-belt kienet meħlusa b'miraklu u l-armata marret lejn Orleans. Fi triqitha lejn din il-belt, armata Nisranija Rumana u Viżigota ltaqgħet mal-armata ta' Attila u ġġildulha u rebħu. Baqgħet magħrufa bħala l-battalja tal-għelieqi tal-Katalonja.

F'okkażjoni oħra, meta kien hemm ġuħ kbir li ħakem lil Pariġi, u n-nies bdiet tmut bil-ġuf, Ġenoveffa ġabret għadd ta' persuni magħha u marru jfittxu l-ikel. Huma ġew lura b'diversi dgħajjes mimlijin bl-ikel. Għat-tieni darba, Ġenoveffa kienet salvat lil Pariġi. Ġenoveffa mietet fit-3 ta' Jannar tas-sena 502 WK u hjia meqjusa l-patruna ta' Pariġi. Din id-data nafuha mill-kitba ta' San Girgor ta' Tours, li kiteb dwarha għoxrin sena biss wara mewtha.





# Santa Eliżabetta Anna Seton

*Tifkira: 3 ta' Jannar*

Din il-qaddisa twieldet fi New York City u kienet bint Richard Bayley, li kien professur tal-anatomija f'dik li llum tissejjaħ Columbia University. Ħuha minn omm oħra kien l-arċisqof James Roosevelt Bayley, ta' Baltimore. Kienet edukata u mtellgħa fir-reliġjon Protestanta minn missierha, li kien *Episcopalian*.

Ta' 20 sena (1794) iżżewġet lin-negozjant William Magee Seton u involviet ruħha f'ħidma soċjali billi għenet, fl-1797, fit-twaqqif tas-Soċjetà għall-għajnuna tan-nisa romol fqar bi tfal żgħar. Ta' 29 sena (1803) sabet ruħha armla b'ħamest itfal meta żewġha miet f'Pisa, l-Italja, fejn kien mar biex jieħu saħħtu. L-għajnuna u l-eżempji sbieħ tal-familja Kattolika Filicchi, li laqgħetha għandha meta kienet fl-Italja, impressjonawha ħafna u nisslu fiha interess fir-reliġjon Kattolika. Wara sitt xhur fl-Italja, Eliżabetta Seton marret lura fl-Istati Uniti u, fl-1805, il-fidi tagħha fl-Ewkaristija mexxietha flimkien mal-ħames uliedha biex saret Kattolika. Minħabba f'hekk, niesha u ħbiebha ħaduha kontriha u abbandunawha.

Dr Dubourg, superjur tas-Sulpizjani f'Baltimore, stedinha tibda skola għall-bniet f'din il-belt. Għemejjel ta' ħniena kienu dejjem parti minn ħajjitha u għalhekk malajr fetħet skola għat-tfal foqra f'Baltimore, bl-għajnuna ta' erbat iħbieb tagħha. L-iskola mxiet 'il quddiem u aktar tard is-superjur tas-Sulpizjani, bl-approvazzjoni tal-Arċisqof Carroll, ta lil Eliżabetta u 'l sħabha regola ta' ħajja. Kellhom ukoll il-permess li jagħmlu l-professjoni reliġjuża u jilbsu l-abitu reliġjuż.

Fl-1809, Eliżabetta ħadet il-komunità żagħżugħa tagħha f'Emmitsburg, fil-Maryland, fejn hi addottat ir-regola tal-Ulied tal-Karità ta' San Vinċenz de Paul. Din il-komunità reliġjuża ġdida bdiet tissejjaħ s-Sorijiet (tal-Karità) ta' San Ġużepp. Fid-19 ta' Lulju tal-1813 Madre Seton u sbatax minn sħabha għamlu l-voti u taw bidu għas-sistema ta' skejjel parrokkjali fl-Istati Uniti, bla ma ttraskuraw il-qadi tal-foqra, u speċjalment tan-nies ta' kulur. Hi kienet tħarreġ lill-għalliema u hi stess ħejjiet kotba tat-tagħlim għall-użu fl-iskejjel.

Waqqfet ukoll orfanatrofji f'Filadelfja u fi New York. Is-sorijiet tagħha malajr xterdu mal-Istati Uniti u meta hi mietet, fl-4 ta' Jannar 1821, ta' 47 sena, kellhom diġà 20 dar. Is-sorijiet tagħha llum huma l-aktar numerużi fl-Istati Uniti u l-kontribut tagħhom fl-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ huwa tassew kbar. Santa Eliżabetta Anna Seton kienet iddikjarata qaddisa mill-Papa Pawlu VI fl-1975.


ELIZABETH ANN SETON



# Santa Marianne ta’ Molokai
## (Marianne Cope)

*Tifkira: 23 ta’ Jannar*

Marianne twieldet f’Hessen, Darmstadt, il-Ġermanja, fit-23 ta’ Jannar 1838, bint Barbara u Pietru Cope. Isimha sħiħ kien Maria Anna Barbara Koob. Sentejn wara li twieldet il-familja emigrat għall-Istati Uniti u ssetiljaw fi New York. Hemm il-kunjom tal-familja ħa xejra Ngliża u sar Cope.

Meta saret daqsxejn ta’ tfajla, Marianne bdiet taħdem f’fabbrika u damet sa Awwissu tal-1862, fejn imbagħad ingħaqdet mas-sorijiet tat-Terz’Ordni ta’ San Franġisk ta’ Sirakuża, ġewwa New York stess. F’Novembru tas-sena ta’ wara hija pprofessat u marret tgħallem fl-iskola parrokkjali tal-Assunzjoni. Sor Marija kienet superjura tal-kongregazzjoni diversi drabi, u darbtejn majjistra tan-novizzi. Għal tliet darbiet kienet tmexxi l-isptar ta’ San Ġużepp f’Sirakuża, New York, fejn tgħallmet ħafna, u kellha ssibu utli ħafna aktar ’il quddiem.

Fl-1877, hija kienet eletta provinċjal, kif ukoll fl-1881. Sentejn wara, il-gvern tal-Ħawaj talab biex xi reliġjużi mill-Istati Uniti u l-Kanada jmorru jmexxu berġa biex tilqa’ nies suspettati bil-marda tal-lebbra, fl-antik imsejħa l-marda tal-ġdiem. Il-kongregazzjoni tas-Sorijiet ta’ Sirakuża mall-ewwel aċċettat. Għalhekk fit-22 ta’ Ottubru 1883, Madre Marija, u sitt sorijiet oħra telqu lejn il-Ħawaj, fejn ħadu ħsieb klinika ftit ’il barra minn Ħonolulu. Fuq il-gżira ta’ Maui, huma fetħu wkoll sptar u skola tal-bniet.

Fl-1988, Madre Marija, flimkien ma’ żewġ sorijiet, marru l-Molokai, fejn fetħu dar għal nisa u tfajliet abbandunati. Għenet ukoll biex titmexxa dar tal-irġiel u l-ġuvintur, li kienet ġa teżisti. Din il-Madre kienet strumentali biex tbiddel l-istil ta’ ħajja tal-poplu tal-Molokai, billi introduċiet l-iġjene u li jħarsu lejn il-kolonja tagħhom bħala l-egħżeż ħaġa li għandhom. Hi ħadmet fil-ġrib mas-saċerdot Patri Damjan, u kkuratu fl-aħħar ta’ ħajtu meta marad bil-lebbra.

Hija baqgħet taħdem b’ħerqa kbira fuq il-gżira ta’ Molokai u nibtu ħafna vokazzjonijiet mill-post. “F’kull marid, Madre Marija kienet tara l-wiċċ ta’ Kristu batut.” Hekk intqal mill-Kardinal Martins waqt il-beatifikazzjoni tagħha.

Hija mietet fid-9 ta’ Awwissu tal-1918. Ġiet ibbeatifikata fl-14 ta’ Mejju 2005 u kkanonizzata 7 snin wara.





# Santa Anġela Merici

*Tifkira: 27 ta' Jannar*

Anġela de Merici twieldet f'Desenzano fir-reġjun ta' Venezja, fl-Italja, fis-sena 1470. Waqt li kienet fuq vjaġġ fl-Art Imqaddsa, Alla rrivelalha l-missjoni tagħha: hi rat taraġ għoli ssapportjat mid-dinja. It-taraġ kien mimli b'ħafna żgħażagħ. Hi fehmet li l-vokazzjoni tagħha kienet li tieħu ħsieb l-assistenza spiritwali u materjali tan-nisa żgħażagħ.

F'dak iż-żmien, l-iskejjel kienu biss għal nies distiniti u għall-irġiel, l-aktar dawk li jkunu jitħejjew għal karriera diplomatika jew militari.

Hi riedet tilbes l-abitu tat-tielet Ordni Franġiskan. Għalhekk ġabret magħha diversi żgħażagħ u bdiet tgħallimhom fil-prattika tal-karità. Nisslet fihom l-imħabba lejn il-ħajja reliġjuża. Ippruvat tagħti kontinwità lill-inizjattiva favur in-nisa fi Brescia taħt l-isem ta' Sant'Ursola. L-Ursolini fetħu diversi orfanatrofji u skejjel. L-għan tagħha kien li din il-kongregazzjoni tkun iddedikata għall-formazzjoni Nisranija tat-tfajliet foqra.

L-Ursolini jiltaqgħu flimkien sabiex jgħallmu u jitolbu u jwettqu diversi ħidmiet fid-djar tagħhom. Anġela mietet fi Brescia nhar is-27 ta' Jannar 1540. Ġiet dikjarata qaddisa fis-sena 1807.



# San Ġwann Bosco

*Tifkira: 31 ta' Jannar*



San Ġwann Bosco, wieħed mill-akbar ħbieb taż-żgħażagħ, twieled qrib il-belt ta' Turin, fl-Italja fl-1815, minn familja fqira. Biex tkompli tagħqad, ta' sentejn tilef lil missieru, iżda ommu, minkejja ħafna diffikultajiet, edukatu.

F'awtobijografija li kiteb fuq talba tal-Papa Piju IX, S. Ġwann Bosco jgħid li meta kien għadu tfajjel ra f'ħolma ħafna tfal jilagħbu f'bitħa, li bdew jitkellmu ħażin u huwa beda jsawwathom biex iwaqqafhom; imbagħad raġel liebes l-abjad (li kien Ġesù) u sinjura sabiħa (il-Madonna) wrewh li huwa kellu jirbaħ lil dawn it-tfal bl-umiltà u l-ġentilezza.

Meta kellu sittax-il sena daħal il-Liċeo ta' Chieri. Minkejja l-istudju li kellu, kien isib ħin biex jiġbed it-tfal tar-raħal tiegħu lejh, saħansitra kien jagħmlilhom kummiedji u bużullotti, biex wara, imbagħad, jeħodhom il-knisja u jkellimhom fuq Ġesù.

Ċkejken għamilha ta' ragħaj u mbagħad ta' kamrier u ta' ħajjat fil-belt ta' Chieri. Il-ħin li kien jibqagħlu kien jiddedikah għall-istudju u l-qari tajjeb. Ta' 20 sena daħal is-seminarju bl-għajnuna ta' saċerdot li, miġbud mill-imġiba eżemplari taż-żagħżugħ, kisiblu post bla ħlas. Ġie ordnat saċerdot fl-1841, ta' 26 sena.

Waqt li darba kien qed iżur ħabs ma' Don Cafasso, kappillan tal-ħabsijiet, osserva b'niket kbir il-kundizzjoni miżera tad-delinkwenza taż-żgħażagħ, u ddeċieda li jiddedika ħajtu għall-edukazzjoni ċivili u morali ta' dawn l-imsejknin.

Jum minnhom (fit-8 ta' Diċembru 1841), waqt li kien qed jilbes għall-quddiesa, sema' lis-sagristan ikeċċi tifel mill-knisja għax ma riedx jgħin fil-quddiesa. Sejjaħlu, għamel ħbieb miegħu, u din il-laqgħa maċ-ċkejken Bartolomeo Garelli kienet iż-żerriegħa tal-"oratorju" li hu waqqaf fil-knisja ta' San Franġisk u mbagħad, wara ħafna taħbit u ġarr minn naħa għal oħra, f'Valdocco, fil-parti baxxa ta' Turin (1846).

Fil-bidu l-oratorju kien ġa jgħodd seba' mitt tifel. Ommu marret tgħix miegħu biex tgħinu u baqgħet miegħu l-aħħar għaxar snin ta' ħajjitha. It-tfal kienu jħobbu jsejħulha "Mamma Margherita."

Fl-1872, bil-għajnuna ta' Santa Marija Domenika Mazzarello, waqqaf ukoll il-Komunità tas-Sorijiet Salesjani biex jieħdu ħsieb it-tfajliet, u għal-lajċi għamel it-tielet ordni ta' Koperaturi Salesjani.

San Ġwann Bosco kien ukoll kittieb prolifiku, u kiteb mhux biss kitbiet reliġjużi, imma wkoll kitbiet oħra biex jgħallem liż-żgħażagħ tiegħu u lill-poplu inġenerali. Kien

ukoll imfittex għall-pariri u ġie kkonsultat minn Papiet, mexxejja tal-istat, u Ministri tal-Gvern. Kien ukoll medjatur bejn is-Santa Sede u l-Istat fi żminijiet diffiċli. Kien bniedem ta' diplomazija kbira, organizzatur mill-aħjar, u mexxej mill-aqwa.

Lil sħabu kien jgħidilhom: "Qisu liż-żgħażagħ bħala wliedkom. Titilfux il-paċenzja magħhom. Ixbhu lil Ġesù li ħa tant paċenzja bl-appostli, bin-nuqqas ta' manjieri tagħhom, bl-injoranza tagħhom, u wkoll bl-infedeltà tagħhom. Hu tħallat mal-midinbin b'tant ħlewwa li għaġġeb lil xi wħud."

Fl-aħħar snin ta' ħajtu Don Bosco kien magħruf mad-dinja kollha. L-opra tiegħu bdiet tixtered mad-dinja kollha fejn il-missjunarji tiegħu Salesjani ħadu ħsieb skejjel, orfanatrofji, u kull xorta ta' opra oħra għall-ġid tat-tfal u ż-żgħażagħ.

Meta San Ġwann Bosco miet fil-31 ta' Jannar 1888 fl-età ta' 72 sena, is-soċjetà tas-Salesjani kellha diġà 250 dar mad-dinja kollha b'aktar minn 130,000 tifel, li minnhom kienu joħorġu 18,000 apprendist fis-sena.

Iddikjarah beatu u qaddis il-Papa Piju XI. L-għada tal-kanonizzazzjoni l-Gvern Taljan nedieha vaganza pubblika. B'sens ta' gratitudni lejh, kważi l-popolazzjoni kollha ta' Turin attendiet għall-funeral tiegħu.





# Beata Marija Ludovika de Angelis

*Tifkira: 25 ta' Frar*

Sor Ludovika De Angelis twieldet f'San Gregorgio, ftit kilometri 'l barra mill-belt ta' L'Aquila, fl-Italja. Fil-magħmudija ngħatat l-isem ta' Antonina. Sa età żgħira kienet tgħin fix-xogħol tal-għalqa.

Ftit għexieren ta' snin qabel twelidha, kien twaqqaf istitut reliġjuż femminili, bl-isem ta' Ulied il-Verġni Marija tal-Ħniena, mogħti kollu kemm hu għall-opri tal-ħniena, speċjalment fil-kura tal-morda u l-anzjani. Kien qed jattira ħafna membri lejh. Xejn inqas attira lil Antonina. Nhar l-14 ta' Novembru 1904 hi bdiet in-novizzjat u rċeviet l-isem ta' Sor M. Ludovika. Tliet snin wara, f'Novembru 1907 hi marret lejn Ġenoa biex tbaħħar lejn l-Arġentina bħala missjunarja, f'dan il-pajjiż fejn kienu marru ħafna immigranti Taljani jaħarbu mill-faqar bit-tama ta' futur aħjar.

Minkejja li Sor Ludovika qatt ma marret skola, il-ħiliet naturali tagħha għenuha tagħti lilha nfisha kompletament f'din il-missjoni ġdida tagħha. Ingħatat il-ħidma l-ġdida tagħha fl-isptar tat-tfal ta' La Plata. Il-ħidmiet tagħha kienu fil-kċina u fil-qasam tal-ilbies, biex tipprovdi għat-tfal, is-sorijiet sħabha u l-ħaddiem. Meta waslet, l-isptar kien fqir u primittiv. Is-superjura tagħha ħassitha impressjonata bil-ħila ta' Ludovika u ħatritha amministratur tal-isptar, minkejja li ma riditx. Wara l-mewt tas-superjura, hi saret il-mexxejja tal-missjoni. Fil-bidu sabitha diffiċli sabiex tmexxi, imma bl-għajnuna ta' Alla tgħallmet tiddelega x-xogħol u tieħu d-deċiżjonijiet. Saret esperta fil-qasam tal-infermerija. Kienet anke tassisti fil-kamra tal-operazzjonijiet. Is-sorijiet bdew jieħdu ħsieb it-tfal li jħallu warajhom il-ġenituri. Riedu jieħdu ħsieb irabbuhom u jedukawhom. L-isptar inbidel f'dar ta' mħabba. Irnexxielha ssib l-għajnuna meħtieġa biex tibni swali tal-operazzjonijiet, aktar kmamar għat-tfal, takkwista makkinarju mediku, dar oħra għat-tfal li jkunu qed jagħmlu l-konvalexxenza, kappella, u anke farm, biex it-tfal għall-kura tagħhom ikollhom ikel nutrijenti biex ifiequ aktar malajr.

Għal 45 sena sħaħ, Sor Ludovika kienet ħabiba, omm u *counsellor* għal numru kbir ta' nies minn kull klassi soċjali. Hi mietet fil-25 ta' Frar 1962. Ftit snin wara, l-isptar tat-tfal ġie msemmi għaliha. Fit-3 ta' Ottubru 2004, il-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjaraha beata.






# Santa Katerina Drexel

*Tifkira: 3 ta' Marzu*

Il-qaddisa twieldet f'Filadelfja, nhar is-26 ta' Novembru 1858, it-tieni bint ta' Francis Drexel u Hannah Langotroll, li mietet xahar biss wara t-twelid ta' Katerina. Ftit wara li romol, missierha Francis iżżewweġ lil Emma Bouvier, li kienet Kattolika, u li rabbiet lil Katerina u lil oħtha l-oħra fil-fidi. Il-familja kienet waħda tat-tajjeb ħafna.

It-robbija fil-familja ħalliet marka tajba fuq Katerina. Tliet darbiet fil-ġimgħa, il-familja Drexel kienet tqassam ikel, ħwejjeġ u flus mid-dar tagħhom lil min kien fil-bżonn. Meta xi romol jew nisa oħra weħidhom kienu jistħu żżejjed imorru jittallbu l-karità, id-Drexels kienu jmorru huma jfittxuhom.

Fl-1879, meta għalqet 21 sena, Katerina kienet imdaħħla fis-soċjetà għolja ta' Filadelfja, imma kienet aktar miġbuda għall-ħajja reliġjuża. Ommha tar-rispett, mietet dik l-istess sena bil-kanċer. Din l-esperjenza ġegħlitha tifhem li l-flus ma jeħilsukx mit-batija jew il-mewt. Meta miet missierha, Katerina u oħtha wirtu kull waħda minnhom, renta ta' elf dollaru kuljum. Imma ħajjitha kienet ħadet xejra ġdida. Katerina dejjem kellha interess speċjali fil-qagħda ħażin tan-*natives* tal-Amerika, l-"Indjani". Hi rat b'għajnejha stess il-qagħda tagħhom u xtaqet tagħmel xi ħaġa speċifika għalihom. Hekk bdiet missjoni sħiħa tagħha biex issostni bil-flus il-ħafna missjonijiet li kien jaħdmu ma' dawn in-nies soċjalment imwarrba.

Meta kellha 28 sena, fis-sena 1886, Katerina mardet u marret il-Ġermanja biex tieħu saħħitha. Waqt li kienet hemm, hi ġabret diversi saċerdoti u sorijiet biex imorru jaħdmu fil-missjonijiet fost l-Indjani tal-Amerika, wara li kienet issuġġeriet it-twaqqif ta' fond Kattoliku għal dawn il-ħidmiet. Waqt li darba Katerina Drextel kellha udjenza privata mal-Papa Ljun XIII, il-Papa qalilha biex hi ssir missjunarja. Fis-sena ta' wara hi bniet skejjel fl-istati Amerikani ta' Dakota, Wyoming, Montana, Kalifornja, Oregon u New Mexico.

Ta' 31 sena, Katerina daħlet novizza mas-sorijiet tal-Ħniena (Sisters of Mercy), u ħadet il-libsa reliġjuża fis-7 ta' Novembru 1889 mill-Arċisqof Ryan ta' Filadelfja. Sentejn wara, fl-1891, Katerina ħadet il-voti bħala l-ewwel membru tas-Sorijiet tas-Santissmu Sagrament għall-Indjani u l-Poplu ta' Kulur. Hi fetħet novizzjat, u sat-tmiem tas-sena, f'Cornwall Heights qrib Filadelfja, kien hemm fil-kongregazzjoni 21 reliġjuża. L-ewwel missjoni kienet dik ta' Santa Katerina f'Santa Fé, New Mexico.

Imbagħad infetħu missjonijiet oħra u skejjel, fosthom ukoll Xavier University fi New Orleans. Il-Papa San Piju X ta l-approvazzjoni preliminari għall-kongregazzjoni tagħha fl-1907.

Barra l-voti tal-faqar, safa u ubbidjenza, Katerina daħħlet fil-kongregazzjoni tagħha r-raba' vot: dak li s-sorijiet tagħha jkunu ommijiet u qaddejja tar-razez Indjani u Suwed skont ir-regoli tas-Sorijiet tas-Santissmu Sagrament, u li ma jieħdu ebda xogħol li jista' jwassal li r-razez Indjani u lin-nies ta' Kulur jistgħu jiġu traskurati jew abbandunati. Hija rċeviet ukoll pariri siewja u prudenti mill-qaddisa fundatriċi ta' żmienha, Santa Franġiska Saverja Cabrini.

Katerina kienet magħżula superjura ġenerali, u kompliet tifrex l-iskop tal-ħidmiet tal-kongregazzjoni. Fl-1912, meta kienet fi New Mexico, ħadet il-marda tat-tifù u ħtiġielha tagħmel żmien biex tieħu saħħitha. Wara li fieqet, fl-1915 waqqfet Xavier University fi New Orleans – l-ewwel istituzzjoni kattolika ta' edukazzjoni għolja għas-Suwed.

Fl-1935 attakk tal-qalb ġagħalha tirtira minn superjura. Hi marret fl-infermerija tal-kunvent biex titlob u timmatura fil-ħajja komtemplattiva. Santa Katerina Drexel mietet fit-3 ta' Marzu, f'Cornwell Heights, Pennsylvania, fl-età ta' 96 sena. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II ddikjaraha beata fl-1988, u dan l-istess Papa ddikjaraha qaddisa fl-1 ta' Novembru 2000.





# Santa Franġiska Rumana

*Tifkira: 9 ta' Marzu*

Franġiska twieldet fl-1384, fi Trastevere, f'Ruma, għand familja sinjura. Kellha ħajra li ssir soru, iżda biex tobdi lill-ġenituri tagħha żżewġet ta' tlettax-il sena lil Lorenzo Ponziano, nobbli Ruman. Kien żwieġ feliċi li dam għal 40 sena, u kellhom żewġ subien u tifla.

Franġiska, li minn dejjem kellha x-xewqa li tgħin lill-foqra, iltaqgħet mal-mara ta' ħu żewġha, Vannozza, li kellha l-istess ħajra, u flimkien, bil-barka ta' żwieġhom, bdew ħidma għal dawk li kienu fil-bżonn. Kienu ta' għajnuna kbira għal dawk li ġew milquta mill-epidemija tal-pesta li xterdet f'Ruma.

Fl-1408, il-familja ta' żewġha ġiet ippersegwitata u mfaqqra mit-truppi ta' Ladislaw ta' Napli, li kien qed jappoġġa lill-Antipapa Ġwanni XXIII. Fl-1410, Ladislaw raġa' invada Ruma, u mhux biss għamel straġi mill-propjetà tal-familja ta' Ponzjano, imma saħansitra immaltratta lil Lorenzo, li baqa' jbati tul il-kumplament ta' ħajtu.

Fl-1413, binha ż-żgħir miet kawża tal-pesta li kienet reġgħet ħakmet Ruma. Ftit wara, bintha mietet ukoll. Fl-1414, binha l-kbir iżżewweġ, u l-mara li ħa kienet tiddisprezza lil Franġiska, iżda ma baqgħetx wara li mardet serjament u ġiet ikkurata minn Franġiska nnifisha.

Franġiska fetħet parti minn darha bħala sptar. U fl-1426, billi xi nisa ngħaqdu magħha biex jgħinuha fix-xogħol li kienet qed tagħmel mal-morda, waqfet l-Oblati ta' Marija, komunità għan-nisa li ma kienu marbuta bl-ebda voti ħlief li joffru ruħhom għas-servizz ta' Alla u tal-foqra.

Franġiska ma kinetx tgħix fil-komunità, iżda fid-dar tagħha ma' żewġha. Kienet tgħid: "Il-mara miżżewġa għandha tħalli anki l-artal biex tħobb 'l Alla fil-qadi tad-dar." Wara l-mewt ta' żewġha (1436), marret bil-mixi titlob biex tidħol fil-monasteru ta' Tor di Specchi, imwaqqaf minnha. Laqgħuha bħala superjura, iżda dejjem fittxet is-servizzi l-aktar baxxi tad-dar.

Meta binha marad marret tagħmillu żjara, iżda ħassha ħażin u mietet fil-jum li kienet ħabbret, id-9 ta' Marzu 1440. Sa minn mewtha ġiet meqjuma mill-poplu Ruman bħala qaddisa, u wara tliet proċessi, il-Papa Pawlu V iddikjaraha uffiċjalment qaddisa fl-1608. Ġisimha difnuh fil-knisja ta' Santa Maria Nuova, fil-Foro Romano. Għaliha l-knisja l-lum tissejjaħ ta' Santa Francesca Romana.





# San Lwiġi Orione

*Tifkira: 12 ta' Marzu*

Lwiġi Orione twieled fl-1872 f'Pontecurone, fir-reġjun tal-Pjemonte, fl-Italja. Fis-snin 1886-1889 kien jiffrekwenta l-Oratorju ta' Turin, immexxi mis-Salesjani ta' Don Bosco. San Ġwann Bosco nnifsu kien iqisu fost l-istudenti preferuti tiegħu. Sa minn meta kellu 13-il sena, Luigi kien ibati ħafna f'saħħtu. Imma donnu ġara miraklu, għax wara li ħa sehem fil-funeral ta' Don Bosco, il-problemi ta' saħħtu għebu fix-xejn.

Lwiġi dejjem wera x-xewqa li jsir saċerdot. Fis-sena 1889 hu daħal fis-seminarju djoċesan ta' Tortona, f'Alessandrija. Sa minn meta kien għadu seminarista, ddedika lilu nnifsu għall-oħrajn. Daħal fis-Soċjetà ta' San Marzjanu u fis-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paul, it-tnejn mogħtija għall-opri ta' karità tal-proxxmu. Fl-1892 fetaħ l-ewwel oratorju f'Tortona biex jgħallem lis-subien. Is-sena ta' wara, ta' 21 sena, fetaħ *boarding school* għal subien foqra fiż-żona ta' San Bernardinu.

Fit-13 ta' April 1895, Orione kien ordnat saċerdot. Hu ġabar miegħu għadd ta' saċerdoti li ffurmaw in-nukleu ta' dik li kellha tkun il-Ħidma jew l-Opra ċ-Ċkejkna tal-Providenza Divina. Dan hu istitut reliġjuż li għandu l-għan li jgħix u jaħdem fost il-klassi tal-ħaddiema, partikularment fl-aktar partijiet foqra tal-ibliet industrijali. L-attenzjoni tagħhom hi mitfugħa wkoll fuq it-tfal orfni u abbandunati, fuq il-foqra u l-imwarrba tas-soċjetà. Fost l-ewwel ħidma kbira ta' dan l-istitut, Luigi Orione ħadem u għen lil dawk in-nies milquta mit-terremoti f'Reggio u Messina fis-sena 1908 u dawk ta' Marsica fl-1915. B'xewqa ta' Papa Piju X, qaddis, sar vigarju ġenerali tad-djoċesi ta' Messina għal tliet snin. Fl-1915 hu beda l-fergħa femminili tal-kongregazzjoni u fl-1927 hu waqqaf is-Sorijiet tas-Santissimu Sagrament u aktar tard il-Kontemplattivi ta' Kristu Msallab. Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918), hu waqqaf ukoll skejjel, kulleġġi, skejjel tal-argikoltura u bosta ħidmiet oħra soċjali. Waqqaf ukoll 'l hekk imsejħa 'Cottolengi ċ-Ċkejknin' għal dawk li jbatu sabiex jaħdmu fit-trufijiet tal-ibliet il-kbar. Sa mill-1913, don Luigi beda jibgħat missjunarji f'ħafna pajjiżi tad-dinja biex iferrxu l-opra tal-Istitut.

San Lwiġi miet fit-12 ta' Marzu 1940. Hu ġie ddikjarat beatu fl-1980 u mbagħad qaddis fl-2004.



# Beatu Artemides Zatti

*Tifkira: 15 ta' Marzu*




Zatti twieled f'Boretto f'Reggio Emilia, l-Italja nhar it-12 ta' Ottubru 1880. Flimkien mal-familja kollha tiegħu hu emigra lejn l-Arġentina sabiex isibu futur aħjar. Issetiljaw f'Bahia Blanca.

Artemides xtaq isir saċerdot mas-Sależjani u daħal aspirant f'Bernal (Buenos Aires) imma marad bit-tuberkolożi. Talab lill-Madonna li, jekk tfejqu mill-mard, hu kien se jiddedika ħajtu għall-foqra u l-aktar għall-morda. Sar membru lajk Sależjan u qatta' aktar minn erbgħin sena jaħdem f'Viedma, fi sptar, biex iżomm kelmtu. Hu għamel mill-isptar San Josè ta' Viedma d-dar permanenti tiegħu. Kien jipprattika l-virtujiet Kristjani u kellu fiduċja kbira fil-providenza ta' Alla u mħabba kbira lejn il-proxxmu.

Fis-sena 1913 tqiegħdet il-ġebla ta' sptar ġdid. Kien mimli enerġija u kien ilaħħaq mat-tmexxija tal-isptar, mat-tindif u mat-tisjir, imma fuq kollox mal-amministrazzjoni tal-isptar. Kien jilqa' fl-isptar nies minn irħula oħra li kien hemm qrib ix-xmara Negro. Kien jinqala' ħafna bħala infermier u kien iżur l-inħawi foqra tal-irħula anke bil-lejl u fil-maltemp biex jieqaf mal-marid. Fl-età ta' sebgħin sena, hu marad bil-kanċer tal-pankreas u miet fil-15 ta' Marzu 1951.

Fis-sena 2002, San Ġwann Pawlu II ħatru beatu.


ZATTI



# Santa Lwiża de Marillac

*Tifkira: 15 ta' Marzu*

Twieldet fi Franza nhar Santa Marija tal-1591, minn familja magħrufa ħafna f'Pariġi. Ommha mietet meta kienet għadha żgħira u rabbitha zija li kienet reliġjuża f'Poissy. Ta' 16-il sena ħasset sejħa qawwija biex tidħol soru Kapuċċina, imma l-konfessur tagħha ma kienx tal-idea.

Fl-1613 iżżewġet lil Antoine Le Gras, li kien segretarju tal-familji de' Medici u minnu kellha iben. Bil-kunsens ta' żewġha, hi kienet tgħaddi l-ħin liberu tagħha f'ħidma ta' karità fost il-fqar ta' Pariġi.

Fl-1619 iltaqgħet ma' San Franġisk de Sales u San Vinċenz de Paul. Meta miet żewġha fl-1625 u ħallieha b'tifel li nikkitha ħafna, il-qaddisa poġġiet lilha nnifisha totalment taħt id-direzzjoni ta' San Vinċenz de Paul, u ddedikat l-enerġija kollha tagħha biex tieħu ħsieb id-diversi konfraternitajiet tal-karità mwaqqfin mill-qaddis, bħala għajnuna għall-foqra ta' Pariġi. Hi bdiet ukoll torganizza korsijiet regulari għat-tfajliet żgħażagħ tal-kampanja fil-kura personali tal-fqar morda. Dan jista' jitqies bħala l-bidu tas-Sorijiet tal-Karità (ta' San Vinċenz de Paul).

Ix-xogħol dedikat tagħhom ħalla frott abbundanti, kif jidhru mill-fatt li fl-ewwel sena biss tal-ħidma tagħhom kellhom 760 konverżjoni minn fost l-Insara Luterani Kalvanisti.

Is-sorijiet bdew jieħdu ħsieb it-tagħlim reliġjuż u sekulari tat-tfal foqra, bdew djar għall-anzjani, il-morda u n-nies b'diżabbiltajiet fiżiċi u mentali. Fuq talba tar-reġina ta' hemm, li qabel kienet Dama tal-Karità, xi sorijiet marru l-Polonja u hemm ħadu ħsieb itaffu t-tbatijiet tas-suldati feruti, u bdew jissejħu "l-anġli tal-kamp tal-battalja." Qabel ma mietu San Vinċenz de Paul u Santa Lwiża de Marillac, kien hemm diġà 40 dar fi Franza.

Santa Lwiża de Marillac mietet fil-15 ta' Marzu tal-1660, ta' 69 sena. Fuq is-sodda tal-mewt qalet lis-sorijiet tagħha: "Ħudu ħsieb aqduhom lill-fqar. Ħobbuhom lill-fqar; weġġħuhom, uliedi, kif kontu tweġġħu lil Kristu nnifsu."

Santa Lwiża de Marrillac iddikjaraha qaddisa Piju XI fl-1934.






# San Oscar Romero

*Tifkira: 24 ta' Marzu*

Oscar Arnulfo Romero twieled fi Cuidad Barrios, f'El Salvador nhar Santa Marija tas-sena 1917. Dakinha, l-iskola pubblika f'pajjiżu kienet biss sat-tielet sena, imma sa ma kellu tlettax-il sena sab l-għajnuna ta' għalliema privata li kienet tgħinu jkompli jitgħallem. Missieru għallmu s-sengħa ta' mastrudaxxa, biex la jikber ikun jista' jsib xogħol. Imma Oscar kellu xewqa li jsir qassis. Għamel żmien qasir jaħdem ma' tnejn minn ħutu f'minjiera tad-deheb.

Romero ġie ordnat saċerdot f'Ruma fis-sena 1942, fejn kien qed ikompli l-istudji tiegħu. Minħabba l-gwerra, il-familja tiegħu ma setgħetx tmur għall-ordinazzjoni. Hu u sejjer lura lejn pajjiżu fi tmiem il-gwerra, ġie arrestat f'Kuba u għal diversi xhur mitfugħ f'diversi ħabsijiet. Meta wasal f'El Salvador, serva f'ħafna postijiet. Kien jaħdem ħafna mal-għaqdiet, u waqqaf grupp tal-*alcoholics anonymous*.

Fis-sena 1970, wara li kien ilu 28 sena saċerdot, ġie ordnat isqof awżiljarju għal San Salvador, il-belt kapitali ta' El Salvdor. Dakinhar tal-ordinazzjoni tiegħu għażel il-motto għal ħajtu: 'Sentire cum ecclesia' – Inħossu mal-Knisja. Fit-3 ta' Frar 1977 inħatar l-isqof ta' El Salvador. B'xorti ħażina, f'El Salvador u f'ħafna pajjiżi tal-Amerika t'Isfel, f'dawk is-snin kien hemm ħafna ġlied u vjolenza. Kien żmien fejn kien hemm il-biża' li jqumu rvellijiet u rivoluzzjonijiet, u gwerer ċivili.

Ġrajja li mmarkatu ħafna kienet il-qtil ta' saċerdot Ġiżwita ħabib tiegħu, Rutilio Grande. Hu talab lill-Gvern biex jinvestiga, iżda dan baqa' ma għamel xejn. Ftit wara, fl-1979, faqqgħet il-gwerra ċivili f'pajjiżu. Kien żmien tal-biża': ħafna repressjoni politika, tortura, vlojenza u qtil. Kien hemm gruppi ta' suldati li bil-moħbi kienu jmorru joqtlu lil min kien avversarju politiku tal-gvern. Kien żmien fejn il-ġlied u l-qtil fit-toroq kien komuni. Nies kienu 'jisparixxu' u ma jistabu qatt. Anke saċerdoti ġew maqtula.

Romero kien jipprietka bil-qawwa iżda bl-imħabba kontra l-faqar, l-inġustizzji soċjali, il-qtil u t-tortura, u kontra l-firda dejjem tikber bejn il-politika tax-xellug u dik tal-lemin. Kien ifittex il-paċi bis-sejħa għall-ġustizzja u għall-konverżjoni. Fost dawk li kienu qed ilaqqtuha, kien hemm diversi saċerdoti u lajċi li kienu jaħdmu favur il-foqra. Minkejja li ħafna kienu jgħidulu biex joqgħod attent u ma tantx jitkellem għax kien hemm min seta' jeħodha kontra tiegħu, l-isqof Romero ma beżax jikkundanna l-ħażen soċjali u jiddefendi l-foqra. L-omeliji tiegħu saru mistennija mill-poplu, hekk li

kull nhar ta' Ħadd il-knejjes fejn iqaddes kienu jkunu ffullati. Il-prietki kienu jixxandru fuq ir-radju u ħafna nies oħra kienu jisimgħu. Kien sar simbolu tal-foqra ta' pajjiżu u tal-foqra fil-kontinent Amerika. Fil-pulptu hu kien jitkellem dwar il-ġrajjiet ta' inġustizzja u vjolenza li kienu qed iseħħu f'pajjiżu, filwaqt li jxandar u jwassal id-dawl tal-Vanġelu.

Nhar it-23 ta' Marzu 1980 hu kien qed iqaddes u jipprietka f'kappella żgħira dwar il-ħtieġa urġenti għal waqfien mir-ripressjoni meta daħal assassin u sparalu. Dakinhar stess filgħodu kien għamel appell lis-suldati biex ma jobdux ordnijiet ħżiena tal-gvern li kienu jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-persuni, imma jobdu minn Alla. Romero miet fil-post, taħt l-altar.

Il-Papa Franġisku ħatru qaddis nhar l-14 ta' Ottubru 2018.


LA
BIBLIA

# Beatu Franġisku Faà di Bruno

*Tifkira: 27 ta' Marzu*



Imwieled Alessandria, fir-reġjun tal-Pjemonte, fl-Italja nhar id-29 ta' Marzu 1825, Franġisku kien bniedem appassjonat għall-matematika, li studja b'tant entużjażmu. Franġisku kien ħabib ta' Don Bosco u t-tnejn ħadmu fl-istess belt ta' Turin. Ix-xorti għaqqdithom ħafna flimkien, saħansitra fil-mewt, għax Franġisku miet ftit żmien biss wara Don Bosco.

Il-ħajja ta' Franġisku tista' tinqasam fi tlieta: is-servizz militari, il-ħajja akkademika u l-ħajja tal-fidi. Franġisku ffrekwenta l-Akkademja Militari u bħala uffiċċjal ħa sehem fi ġlied li bil-mod wassal għat-twaqqif tal-Italja. Fl-armata speċjalizza fil-ġografija u fit-tħejjija tal-mapep ġografiċi. Ir-re tal-Italja bagħtu Pariġi biex jistudja fl-universita tas-Sorbona. Iggradwa fil-matematika u l-astronomija. Għallem il-matematika fl-università u l-Akkademja militari ta' Turin. Ippubblika diversi kotba xjentifiċi.

Minkejja l-għerf u l-ħiliet tiegħu fix-xjenza, bata ħafna bħala għalliem universitarju, għax kien żmien ta' ħafna mibegħda lejn il-Knisja fl-Italja ta' Fuq, u Franġisku qatt ma ħeba li kien Kattoliku prattikanti. Ipproġetta l-bini ta' kampnar għoli ħafna fil-knisja ta' Santa Żita li fuqu kien hemm arloġġ kbir jidher mill-bogħol, bil-għan li jgħin lill-ħaddiema, irġiel u nisa, ikunu jafu l-ħin eżatt biex ma jiġux imqarrqa minn min iħaddimhom. Bħala xjenzat, ried juri li l-fidi Nisranija hija perfettament kompatibbli mal-istudju tax-xjenzi. Kien iħobb il-mużika u beda jippubblika rivista ta' mużika sagra. Waqqaf skejjel għall-kant nhar ta' Ħadd, biex ikunu jistgħu jiġu ffrekwentati min-nisa li kienu bħala sefturi, li lilhom iddedika ħafna mill-ħidma tiegħu. Fi żmienu, il-qagħda ta' dawn in-nisa kienet waħda ta' sfruttament fuq ix-xogħol, faqar u emarġinazzjoni. Mhux darba jew tnejn kienu jkunu abbużati sesswalment u meta jinqabdu tqal, jitkeċċew mill-familji tagħhom. Għal dawn in-nisa partikulari, Franġisku waqqaf l-Opra ta' Santa Żita, b'dar fejn jilqa' lil dawn it-tfajliet omm imkeċċija mid-dar. Fetaħ skola professjonali, fejn kienu jsiru l-irtiri tas-sajf. Ispirat mill-Ispirtu s-Santu, hu waqqaf ma' Swor Agostina Gonella, is-Sorijiet Minimi tal-Madonna tas-Suffraġju u offra ħajtu għat-talb u x-xogħol, kif ukoll b'suffraġju għall-erwieħ tal-Purgatorju. Ħass ix-xewqa li jsir saċerdot, u ġie ordnat fl-1876, anke biex isegwi aħjar l-Istitut reliġjuż. Madwar dan l-Istitut, nibtu ħafna opri soċjali, fosthom kumpless skolastiku kbir li għadu jeżisti sal-lum.

Franġisku miet fis-27 ta' Marzu 1888. Mitt sena wara, fl-1988, ġie dikjarat beatu.


MATE-
MÁ
TI
CAS

# San Leonardo Murialdo

*Tifkira: 30 ta' Marzu*



San Leonardo għadda ħajtu jiddefendi l-fqir u l-batut, u dan għamlu billi ħa għalih il-kawża tal-ħaddiema li għalihom ħela l-enerġija kollha tiegħu. Il-ħidma tal-qaddis Murialdo f'appostolat soċjali, bit-tħejjija ta' żgħażagħ għad-dinja tax-xogħol, bil-kura tal-orfni u tal-abbandunati u bl-interess enormi li wera f'kull aspett tal-ħajja tal-ħaddiema – pereżempju, jiddefendikom kontra l-isfruttament fuq ix-xogħol u jitlob li jingħatawlhom aktar drittijiet – aktar tidher fid-dawl veru tagħha meta wieħed iqis li Leonardo twieled f'familja sinjura u ta' demm aristokratiku.

San Leonardo Murialdo twieled fis-26 ta' Ottubru 1828 f'Turin, fl-Italja. Kien it-tielet fost disa' wlied ta' bankier għani minn Turin. Ta' 18-il sena, wara li kien diġà beda jistudja għal inġinier, beda l-kors għal qassis. Kien ta' intelliġenza mhux komuni. Ordna ftit qabel għalaq it-23 sena. Dun Ġwann Bosco talbu jieħu ħsieb l-Oratorju ta' San Lwiġi għat-tfal diffiċli ġejjin mis-*slums* ta' Torin. Fl-1866 (ta' 38 sena) ġie inkarigat jieħu ħsieb il-kulleġġ tal-"Artigianelli" li fih kienu jitħarrġu apprentisti żgħażagħ għall-fabbriki li bdew jinbtu. Aċċetta proviżorjament, u dam f'dil-kariga 34 sena! Bata, ħadem u ttallab il-karità biex isostni l-kulleġġ u ż-żgħażagħ tiegħu, b'fiduċja kbira fil-Providenza u bil-motto *Fare e Tacere* –"Aħdem u iskot" dejjem quddiem għajnejh.

Hu waqqaf il-Kongregazzjoni ta' San Ġużepp (Patrijiet Ġużeppini), li għadhom sal-lum jieħdu ħsieb il-formazzjoni professjonali u reliġjuża tat-tfal. Il-kongregazzjoni li bdiet f'Turin, xterdet mal-Italja kollha u aktar tard fl-Amerika u nħawi oħra tad-dinja.

San Leonardo Murialdo ntebaħ li kien wasal iż-żmien li l-kattoliċi b'sens għoli ta' dover u bi dritt bħala ċittadini, jagħtu sehemhom fit-tmexxija tal-pajjiż u fil-ħajja politika tiegħu. Kien devot kbir tal-Ewkaristija, tal-Madonna u ta' San Ġużepp.

Miet jaħdem sal-aħħar nhar it-30 ta' Marzu, 1900, fl-età ta' 71 sena u nofs. Pawlu VI iddikjarah qaddis fit-3 ta' Mejju, 1968. Fuq qabru hemm minquxin żewġ sentenzi li kienu l-programm ta' ħajtu: Naħdmu u nżommu s-skiet; Min jumilja ruħu jkun imgħolli.



# San Ġwann Battista de La Salle

*Tifkira: 7 ta' April*



Il-Fundatur tal-"Freres" twieled f'Rheims, Franza, fit-30 ta' April 1651, f'familja nobbli u sinjura ħafna. Fl-1670, daħal is-Seminarju ta' Pariġi, u ġie ordnat saċerdot fl-1678, meta kellu 28 sena.

Sentejn wara ltaqa' ma Adrian Nyel, u miegħu beda jaħdem għall-edukazzjoni tat-tfal foqra. F'dawk iż-żminijiet, is-sinjuri biss setgħu jirċievu t-tagħlim, u hekk il-foqra kienu jiqgħu dejjem aktar foqra. Baqa' sakemm intefa' b'ruħu u b'ġismu f'dan ix-xogħol. Ħalla d-dar u l-kanonikat, flusu beda jonfoqhom fit-tfal, u beda jgħix fl-istess livell tal-foqra li għalihom iddedika l-kumplament ta' ħajtu.

Beda jiftaħ skola waħda wara l-oħra, u minn żmien għal żmien kien iżurhom. Kien jinkoraġġixxi l-għalliema, jagħtihom pariri, u jissuġġerilhom metodi ġodda biex jgħallmu aħjar. Ġieli stedinhom id-dar tiegħu biex jieklu, u joqogħdu miegħu. B'hekk bdiet ir-rabta ma' wħud minnhom, li wara, permezz tagħhom, waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Aħwa (Freres), fit-28 ta' Mejju 1684.

Fl-1684, l-ewwel tnax-il dixxiplu għamlu l-professjoni temporanja u poġġew il-kongregazzjoni taħt il-ħarsien speċjali tal-Madonna. Iżda fl-1700 qamu l-ewwel diffikultajiet minħabba l-metodi ġodda fit-tagħlim introdotti mill-fundatur. Hekk, pereżempju, dawk li kienu jiċċarġjaw għat-tagħlim fl-iskejjel kienu kontra t-tagħlim b'xejn kif kien jingħata fl-iskejjel ta' San Ġwann Battista de La Salle. Barra minn dan, anki s-Sulpizjani rreaġixxew kontra tiegħu għax il-qaddis warrab il-metodi tradizzjonali li kien spiċċa żmienhom u kien jinsisti għall-użu tal-Franċiż aktar milli tal-Latin. Għalkemm għall-ewwel l-intenzjoni tiegħu kienet li jmexxi biss skejjel b'xejn għall-foqra, fl-1698, fuq talba tas-sultan Ġakbu II tal-Ingilterra, hu fetaħ l-ewwel skola għat-tfal subien tal-klassi aristokratika.

Il-metodi pedagoġiċi tiegħu wasslu għat-twaqqif ta' istituti ta' studju għall-gradwati, l-organizzazzjoni tal-klassijiet ta' nhar ta' Ħadd għal dawk li kienu jaħdmu fost il-ġimgħa, kif ukoll skejjel tas-snajja għal studenti bejn is-7 u l-20 sena. San Ġwann Battista de La Salle sab ruħu umiljat minn xi dixxipli tiegħu li kienu jikkritikawh għax kien iddedikat iżżejjed għall-istudenti mill-klassijiet tal-baxxi, u wkoll ikkritikat mill-aristokrazija, li kienu jakkużawh għax kien qed jiddiżunura l-istatus tiegħu tal-klassi nobbli li kien.

Barra mill-iskejjel primarji u sekondarji li waqqaf, ħa ħsieb ukoll jiftaħ Kulleġġi tal-Għalliema biex iħejji aħjar lill-għalliema. L-ewwel wieħed li fetaħ kien f'Rheims, fl-

1687, imbagħad f'Pariġi, fl-1699, u ieħor f'Saint Denis, fl-1709. L-iskejjel tiegħu xterdu ma' Franza kollha u mad-dinja. Il-metodi tiegħu biddlu s-sistema edukattiva ta' żmienu. Dan swielu ħafna diżappuntamenti, ostakli u oppożizzjoni.

Fl-1695, ifformula sett ta' Regoli għall-Komunità tiegħu. Kiteb ukoll ttrattat fuq l-edukazzjoni, "It-Tmexxija tal-Iskejjel Insara". San Ġwann Battista de La Salle rriżenja minn superjur fl-1717, sentejn qabel ma miet, u ddedika lilu nnifsu għall-istruzzjoni tan-novizzi u l-pubblikazzjoni ta' xi kotba, fosthom 'Metodu ta' Talb Mentali'.

Mifluġ mill-ażma u r-rewmatiżmu, miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fis-7 t'April 1719, meta kellu 68 sena, f'Rouen, Franza. Minkejja l-ħafna provi li għadda minnhom, kliem dan il-qaddis edukatur fuq is-sodda tal-mewt kienu: "Jien nadura l-mod kif Alla mexa miegħi fil-ħwejjeġ kollha li jirrigwardaw lili." Kien iddikjarat qaddis flimkien ma' Santa Rita fl-1900 minn Ljun XIII. Il-Papa Piju XII fl-1950 iddikjarah qaddis patrun tal-għalliema.



## San Ġużepp Moscati

*Tifkira: 12 ta' April*



San Ġużepp Moscati twieled f'Benevento, fin-Nofsinhar tal-Italja, nhar il-25 ta' Lulju 1880. Daħal l-università biex jistudja l-mediċina u fl-età ta' 22 sena ggradwa bl-aqwa kwalifiki tal-ġenerazzjoni tiegħu. Kien persuna ta' talb u ma kienx iħalli barra l-quddiesa ta' kuljum qabel imur jaħdem fl-isptar. Kien iżur lill-foqra u jieqaf magħhom bla ma jistenna ħlas. Is-salarju tiegħu kien jonfqu fuq ix-xiri tal-mediċina għal dawk li ma kellhomx biex. Meta żbroffa l-Vessuvju fis-sena 1906, hu kien jaħdem f'Torre del Greco, fejn kien hemm sptar kbir biex jaħdem mal-morda. Meta waslet l-aħbar li l-morda għandhom jinħarġu malajr fi żmien għoxrin siegħa minn dan l-isptar minħabba s-sigurtà, hu kien minn tal-ewwel li ta l-għajnuna tiegħu. Meta kulħadd kien inħareġ minn dan l-isptar, waqgħu s-soqfa bit-toqol tal-lava. Matul l-epidemija tal-kolera fis-sena 1911 f'Napli, hu baqa' fil-belt mal-morda, minkejja li t-tobba telqu biex isalvaw ħajjithom. Fl-1911, hu nħatar direttur tal-isptar tal-inkurabbli u kien jgħallem lill-istudenti. Miet fuq pultruna, wara li kien ħa sehem fil-quddiesa u tqarben, nhar it-12 ta' April 1927 ta' 46 sena, u fuq fomm kulħadd instema' jingħad: "Miet it-tabib qaddis".

Fil-ħidma tiegħu ma taqta' qatt bħala tabib, San Ġużepp kien jilmaħ lil Kristu jbati fil-morda, u għalhekk kien jaqdihom bl-ikbar imħabba u professjonalità. Ma kienx jistenna li l-morda jmorru jħabbtu l-bieb ta' daru imma kien hu stess li jmur ifittixhom fil-postijiet l-aktar imwarrba tal-belt, jikkurahom bla ħlas u, fejn ikun meħtieġ, joħroġ il-flus mill-but għall-kura tagħhom. Hu kien beatifikat minn Papa Pawlu VI fl-1975. Il-Papa Ġwanni Pawlu II għamlu qaddis nhar il-25 ta' Ottubru 1987. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-knisja ta' Gesù Nuovo f'Napli. Fil-katidral ta' Napli hemm ukoll mafkar f'ġieħu.





# San Ġużepp Benedittu Cottolengo

*Tifkira: 30 ta' April*

Ġużeppi Benedittu Cottolengo twieled fil-belt ta' Bra, fl-Italja ta' Fuq, fis-sena 1786.

Kien ordnat saċerdot u mibgħut lejn Turin. F'dawk iż-żminijiet, fil-belt ta' Turin kien hemm numru kbir ta' nies li, minħabba l-faqar, kienu ħallew il-kampanja biex isibu xogħol u ħajja aħjar fil-belt. Dan ħoloq ħafna problemi soċjali u ġab faqar kbir. Fil-belt kien hemm ħafna tallaba, analfabetiżmu, mard, twelid barra miż-żwieġ u mwiet ta' trabi.

Wara li qara l-ħajja ta' San Vinċenz de Paul, Ġużeppi ħass li l-vokazzjoni tiegħu kienet waħda ta' karità. Kellu mħabba kbira għall-foqra u dawk b'xi diżabilità. Kien anke jilqa' għandu lil dawk il-persuni li ma kinux jiġu aċċettati fl-isptarijiet l-oħra. Dan ġara hekk kif darba kellu jassiti mara tqila marida bit-tuberkulosi, u li minħabba l-marda tagħha ebda sptar ma ried jaċċettaha. L-omm mietet fi tbatija kbira bit-tarbija f'ġufha, imdawra b'uliedha żgħar. Din il-ġrajja tant affettwatu, li ried jagħmel xi ħaġa għal dawk il-morda li ebda sptar ma kien jikkurahom. Hu biegħ kull ma kellu u kera żewġt ikmamar, u hemm beda jospita b'xejn wieħed paralitiku. Fi żmien qasir, dan il-post ċkejken inbidel fi sptar, fejn kienu jmorru dawk il-morda li ebda sptar ieħor ma kien iridhom. Wara li faqqgħet il-kolera, u l-isptar tiegħu ġie magħluq, Ġużeppi xtara dar barra l-belt u hemm, bl-għajnuna ta' żewġ sorijiet, laqgħa l-ewwel pazjent bil-kanċer. Dan kien il-bidu tad-"Dar Ċkejkna tal-Providenza Divina", magħrufa l-aktar bħala *Cottolengo*.

Bl-għajnuna ta' bosta benefatturi, irnexxielu jiftaħ ukoll orfanatrofju, u waqqaf diversi istituti reliġjużi biex il-membri tagħhom jassistu lill-morda. Hu jibqa' magħruf b'mod speċjali għall-imħabba tiegħu lejn il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u l-morda, u dawk il-persuni li kienu mwarrba mis-soċjetà. Miet fit-30 ta' April 1842.



## San Ġużepp Marija Rubio

*Tifkira: 4 ta' Mejju*



Josè Maria Rubio twieled fil-belt ta' Dalias, fi Spanja fis-sena 1864. Kien l-ewwel fost 12-il aħwa subien, ulied familja ta' bdiewa.

Studja fis-seminarju ta' Granada u f'Madrid fejn kien ordnat saċerdot fl-1887 għad-djoċesi ta' Madrid. Imħabbtu lejn Ġesù wasslitu sabiex jiżvilupp azzjoni soċjali bla waqfien favur il-foqra hekk li tlaqqam 'missier il-foqra'. Ġie msejjaħ ukoll 'l-Appostlu ta' Madrid'. Kien magħruf għall-ġenerożità tiegħu u kien jagħti minn flusu lill-foqra u jqassam ħwejjeġ u ikel lill-ifqar fost il-fqar ta' Madrid. Kien ukoll jieħu ħsieb il-morda u lill-foqra u jżurhom waqt li jippromwovi voluntiera permezz tal-ħolqien ta' skejjel għall-kura u l-assistenza tat-tfal, iż-żgħażagħ, l-adulti u l-ħaddiema. Il-motto ta' ħajtu kien: 'Agħmel dak li jrid Alla, wettaq dak li jrid'. Sa mill-bidu tal-vokazzjoni tiegħu kellu xewqa li jsir Ġiżwita, imma ma setax jagħmel dan peress li kien jikkura saċerdot anzjan. Wara 19-il sena saċerdot djoċesan, qata' xewqtu u daħal mal-Ġiżwiti wara li kien għamel vjaġġ fl-Art Imqaddsa fl-1906.

San Ġużepp Marija Rubio miet f'Aranjuez fis-sena 1929. Ġie ddikjarat beatu fl-1985 mill-Papa Ġwanni Pawlu II, u mbagħad ddikjarat qaddis mill-istess Papa fl-2003.


JHS



# Beata Anna Rosa Gattorno

*Tifkira: 6 ta' Mejju*

Imwielda f'Ġenoa, fl-Italja, nhar l-14 ta' Ottubru 1831, bl-isem ta' Rosa Maria Benedetta. Ta' 21 sena, iżżewġet lill-kuġin tagħha Gerolamo Custo u marru joqogħdu Marsilja, fi Franza. Il-koppja sabet ruħha fi kriżi finanzjarja li malajr fixklet il-ferħ li kien hemm fil-familja. Reġgħu lura lejn Ġenoa minħabba l-faqar. Il-familja kellha tiffaċċja aktar sfortuni minħabba li l-ewwel bint tagħhom Carlota ġiet milquta minn marda ta' malajr u sfat biex tilfet is-smigħ u d-diskors. Żewġha miet fis-sena 1858 u ħalliha armla, u mbagħad miet ukoll l-iben iż-żgħir tal-familja.

Imsoffija permezz ta' dawn it-tbatijiet, hija baqgħet sħiħa fl-ispirtu u waslet biex fehmet aktar it-tifsira vera tat-tbatija. Hi stess stqarret li dawn il-ġrajjiet wassluha sabiex tagħmel 'konverżjoni interjuri' u tingħata kollha kemm hi lil Alla, u ddedikat ħajjitha għall-proxxmu tagħha. Fl-1861, hi b'mod privat ħadet il-voti tal-kastità, faqar u ubbidjenza. Bħala terzjarja Franġiskana, hi għexet fil-qofol tagħhom dawn il-virtujiet. Fl-1862 rċeviet b'mod mistiku l-ħames pjagi ta-Imsallab li kienu jiswewlha ta' tbatija kbira kull nhar ta' Ġimgħa. Il-qaddisa tagħna kienet dejjem ta' eżempju kbir għal uliedha. Iddedikat ħajjithom biex taqsam it-tbatija tal-oħra, u ngħata għall-opri tal-karità. Hi stess tistqarr: "Tajt lili nnifsu b'ħeġġa akbar għall-opri qaddisa u bdejn inżur l-isptarijiet u l-foqra morda fi djarhom, u ngħinhom u nservihom f'kollox kif nista'."

Fi Frar 1864 ħassitha ispirata sabiex twaqqaf kongregazzjoni għal dawk li jridu jwasslu l-ħniena ta' Alla lill-oħrajn u hekk twieldet il-kongregazzjoni ta' 'Ulied Sant'Anna, Omm Marija Immakulata'. Bil-ħila tagħha, twaqqfu diversi opri ta' karità b'risq il-foqra u l-morda b'kull tip ta' mard, b'risq il-persuni weħidhom, l-anzjani, l-abbandunati, it-tfal, u t-tfajliet li setgħu jispiċċaw fil-prostituzzjoni, li lilhom kienet tagħti tagħlim meħtieġ biex ikunu jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Ma' dan kollu, fetħet l-iskejjel popolari biex tgħallem lit-tfal tal-foqra, u ħafna opri oħra soċjali skont il-ħtieġa ta' dawk iż-żmijiet. Lir-reliġjużi tagħha kienet issejħilhom "qaddejja tal-foqra u ministri tal-ħniena". Meta mietet, hi ħalliet miftuħa madwar 368 dar bi 3,500 soru. Mietet wara marda qasira nhar is-6 ta' Mejju 1900. Il-fama tal-qdusija tagħha kienet diġà mifruxa f'ħajjitha u kompliet tinxtered wara mewtha wkoll.





# San Pietru Nolasco

*Tifkira: 6 ta' Mejju*

Pietru Nolasco twieled fis-sena 1189, fi Spanja jew fi Franza. F'żogħżitu għamel żmien jiġġieled il-Mori li kienu jaħkmu partijiet minn Spanja. Ħa sehem ukoll fil-gwerra ta' Muret (1213) bejn gruppi differenti ta' Nsara. Xi żmien wara, wara żjara fis-Santwarju tal-Madonna ta' Monserrat, Pietru beda jwettaq diversi opri ta' karità. Fost dawn, hu kien sikwit jaħseb kif jista' jgħin lill-Insara li kienu jispiċċaw ilsiera tal-Mori.

Bejn is-seklu 8 u s-seklu 15, l-Ewropa taż-Żminijiet tan-Nofs kienet fi stat kważi kontinwu ta' gwerra bejn is-saltniet Insara tal-Ewropa t'Isfel u s-saltniet Musulmani tal-Afrika ta' Fuq, ta' Sqallija, u ta' partijiet fi Franza u Spanja. Il-biża' li l-popolazzjoni Nisranija ta' dawn l-inħawi tispiċċa fil-jasar, jew minħabba l-gwerer jew minħabba l-attakki tal-furbani fuq l-irħula tal-kosta, kienet kostanti. (L-istess jista' jingħad bil-maqlub, għax anke l-pajjiżi Nsara kienu jattakkaw, jagħmlu gwerer u jagħmlu l-ilsiera, bħalma kien fil-każ tal-Kruċjati.) Ħafna suldati u nies oħra kienu jispiċċaw priġunieri tal-gwerra. Kien hemm swieq tal-ilsiera, fejn dawk li jinqabdu kienu jinbiegħu u jinxtraw qishom biċċa drapp, fwejjaħ jew annimali. L-ilsiera kienu jkunu ttrattati ħażin, abbużati u ttorturati, u wżati għal xogħol iebes u diffiċli, bħalma kienu l-qaddiefa fuq ix-xwieni. Xi drabi kienu jinqatlu. Ħafna qatt ma kienu jmorru lura d-dar. Oħrajn, dawk li jkollhom il-flus, xi drabi setgħu jiġu mifdija u jirritornaw f'art twelidhom u fi djarhom.

Fl-1203, Pietru Nolasco beda jaħdem sabiex joħloq negozjati ħalli jtemm il-jasar u jagħti l-fidwa lil ħafna lsiera. Ħoloq sistema ta' kummerċ sabiex jifdi lsiera kemm jiflaħ. Kien anke jiġbor il-karità għal dan il-għan. Ħadem l-aktar fi Spanja, li parti sew minnha kienet taħt il-Mori, u għamel vjaġġ anke f'Alġeri, il-kapitali tal-Alġerija.

Fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Awwissu 1218, il-Madonna dehritlu u talbitu jwaqqaf ordni għall-fidwa tal-ilsiera. Flimkien ma' San Rajmundu ta' Penafort, hu waqqaf l-Ordni tal-Madonna tal-Ħniena f'Barċellona. Kienet tikkonsisti f'reliġjużi rġiel, uħud minnhom bil-qadi ta' kavallieri li jħarsu l-kosta mill-attakki tal-furbani. Il-membri tal-ordni kellhom jieħdu erba' voti: faqar, kastità, ubbidjenza u r-rieda li jħollu mill-jasar lill-ilsiera kemm-il darba jkollhom il-possibiltà finanzjarja jew soċjali li jagħmlu dan. Ġieli kienu joffru lilhom infushom bħala ilsiera biex jeħilsu oħrajn, meta ma kienx ikollhom flus. B'kollox, matul is-sekli, Pietru u l-Ordni tiegħu taw il-libertà lil madwar 70 elf ilsir, 2,700 minnhom fi żmien San Pietru nnifsu. Din il-ħidma hija dokumentata. Pietru miet nhar is-6 ta' Mejju 1256. Kien dikjarat qaddis fl-1628 mill-Papa Urbanu VIII. Id-data tat-tifkira tiegħu tvarja minn post għal ieħor.





# San Damjan ta' Molokai
## (Joseph de Veuster)

*Tifkira: 10 ta' Mejju*

Joseph de Veuster, li bħala reliġjuż ħa l-isem ta' Patri Damjan, twieled fi Tremeloo, qrib Louvain, fil-Belġju fit-3 ta' Jannar 1840. Ta' 18-il sena daħal mal-patrijiet tal-Qlub Imqaddsa ta' Ġesù u Marija, magħrufa bħala 'Picpus Fathers'. Ta' 23 sena hu telaq bħala missjunarju fil-gżejjer tal-Paċifiku fil-gżejjer Ħawaj u ġie ordnat saċerdot f'Ħonolulu fl-1864. Disa' snin wara, offra ruħu biex imur jaħdem qalb il-lebbrużi fil-gżira ta' Molokai, u wasal hemm fl-10 ta' Mejju 1873. B'kollox dam f'din il-gżira 16-il sena, jagħmel ġid spiritwali u materjali lill-merħla għażiża tiegħu.

Sa mill-bidu Damjan poġġa l-ġid tal-morda bil-lebbra qabel il-ġid tiegħu. Id-dehra u r-riħa ta' iġsma mħassra għall-ewwel ħasditu, iżda ma ċediex. L-ilma li kien hemm ma kienx tajjeb għax-xorb; għalhekk Patri Damjan mar fil-muntanji biex ifittex għejun friski. Wara ħafna xhur ta' ġlied kontra l-burokrazija, ġew mibgħuta xi kanen u Damjan, flimkien ma' xi nies tal-post, bdew jaħdmu sakemm ilma safi twassal fil-kolonja. Billi fuq il-post ma kienx hemm injam biex tibni, Damjan baqa' jiffitta lill-Bord tas-Saħħa ta' Ħonololu sakemm tawh l-għajnuna meħtieġa.

Mhux l-ewwel darba li kien jitlef il-paċenzja, iżda qatt mal-morda, li kien jitrattahom bl-ikbar rispett. Għal kull biċċa xogħol, sew jekk ta' bini jew tagħlim, sew jekk biex idewwi xi ferità jew jaħdem xi tebut, kont dejjem issib lil Patri Damjan. Ma' nżul ix-xemx kien jintasab barra quddiem l-għorfa tiegħu, flimkien ma' xi gruppi raħħala, jieħu gost bl-istejjer u l-kant tagħhom tal-post. Għalkemm ix-xogħol iebes kien iqabbdu l-ġuħ, mhux l-ewwel darba li qasam il-ftit ikel li kien ikollu ma' sħabu. Anke l-pipa tiegħu kien iħallihom ipejpu. Sal-1881, permezz ta' fondi mingħand l-isqof, inbnew żewġ orfanatrofji u żewġ skejjel.

L-ewwel Ħadd ta' Ġunju 1885, qabel ħareġ għall-adorazzjoni ta' filgħodu, Damjan waqqa' ilma jagħli fuq siequ. Ra l-ġilda tinstamat iżda ma ħass xejn. F'dik l-għodwa n-nies inħasdu hekk kif Patri Damjan ma bediex il-prietka tiegħu bis-soltu kliem, "Għeżież ħuti ..." iżda "Aħna l-lebbrużi ..." Bħalhom, Damjan issa kien marid bil-lebbra. Tajjeb li wieħed isemmi li, fost oħrajn, kien hemm soru qaddisa bl-isem ta' Marija Cope li ħadmet ma' Damjan de Veuster, meta kien qed itemm l-apostolat straordinarju tiegħu.

Patri Damjan miet bil-lebbra, ta' 49 sena, fil-15 ta' April 1889, u kien midfun b'għożża kbira minn sħabu taħt is-siġra tal-pandanus li taħtha kien raqad meta wasal hemm l-ewwel darba. Illum fuq Molokai hemm salib tal-granit li fuqu hemm imnaqqax il-kliem: "M'hemmx imħabba ikbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġwanni 15:13).

Il-fdal tiegħu ttieħed trijonfalment fil-Belġju, fejn jinsab meqjum fil-kripta tal-Knisja tal-"Picpus Fathers" ta' Louvain. Aktar minn 33,000 lebbruż, ħafna minnhom mhux Insara, għamlu petizzjoni għall-beatifikazzjoni tiegħu. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II bbeatifikah fil-Belġju fl-1995 waqt żjara pastorali li għamel f'dak il-pajjiż. Il-Papa Benedittu XVI iddikjara lil Damjan de Veuster qaddis f'Ottubru tal-2009. Huwa l-Patrun ta' dawk milquta bil-lebbra, l-HIV u l-AIDS.





# Beata Maria Crescencia Perez

*Tifkira Liturġika: 20 ta' Mejju*

Maria Crescencia Perez twieldet f'San Martin fil-provinċja ta' Buenos Aires, fl-Arġentina nhar is-17 ta' Awwissu 1897. Kienet il-ħames bint fost ħdax-il aħwa. Erba' minn ħutha ta' qabilha, li lkoll mietu żgħar, twieldu fl-Urugway, meta l-familja kellha tħalli l-Arġentina għal xi żmien minħabba t-taqlib fil-pajjiż. Imma peress li fl-Urugway ma sabux futur, reġgħu marru lura l-Arġentina.

Hi kienet bint ġenituri immigranti minn Spanja li, flimkien ma' bosta immigranti oħra mill-Ewropa, kienu jaqsmu l-oċejan biex jaħarbu mill-faqar u l-miżerja li kien hawn fl-Ewropa, bit-tama li jsibu futur aħjar fl-Amerika ta' Isfel. Maria Crescenzia trabbiet fuq farm, u kienet tgħin lil missierha jieħu ħsieb il-bhejjem. Kienet dejjem magħrufa bħala tifla li kienet tgħożż il-fidi tagħha b'devozzjoni kbira sa minn eta kejkna. Meta l-missier sab xogħol aħjar, hu seta' jgħin aħjar il-familja tiegħu, imma minħabba li ommha kienet marida, il-familja marret toqgħod f'post inqas kiesaħ fi Buenos Aires, jismu Pergamino. Ta' kuljum filgħaxija, il-familja kienet tinġabar biex tgħid it-talba tar-rużarju. Maria Angelica, kif kien jisimha qabel daħlet soru, kienet tmur fi skola jisimha *Hogar de Jesus* (Id-dar ta' Ġesù). Minn hemm saret għalliema tal-*crafts* fl-istess skola.

Nhar il-31 ta' Diċembru 1915, hi daħlet fin-Novizzjat tas-Sorijiet ta' Ulied Marija Santissima *del Huerto* (tal-Ġnien) fi Buenos Aires, u ħadet l-isem ta' Maria Crescenzia. Dawn is-sorijiet kienu jgħinu b'mod partikulari lit-tfal fit-tagħlim tad-duttrina u t-tfal morda, l-anzjani, u l-morda tat-tuberkulożi fl-isptarijiet.

Irċeviet l-abitu tal-ordni nhar it-2 ta' Settembru 1918. L-ewwel snin tal-ħajja reliġjuża tagħha kienu ddedikati lill-kura tat-tfal. Hi ħadmet bħala għalliema u katekista fid-dar-skola li kien hemm maġenb id-Dar Provinċjali u aktar tard fil-Kulleġġ ta' Huerto de Buenos Aires fi Triq Rincon. Aktar tard, hi ddedikat perijodu minn ħajjitha għall-morda, speċjalment it-tfal bit-tuberkolożi.

Mietet nhar l-20 ta' Mejju 1932 fil-belt ta' Vallenar, fiċ-Ċili fejn kienet isservi fl-isptar. Kienet beatifikata nhar is-17 ta' Novembru 2012 u l-festa tagħha ssir fl-20 ta' Mejju.





# Santa Joaquina Vedruna De Mas

*Tifkira: 22 ta' Mejju*

Joaquina twieldet f'Barċellona, fi Spanja fl-1783. Fl-età ta' 12-il sena, kellha xewqa kbira li tidħol Karmelitana imma ma ngħatatx permess għax kienet għadha żgħira. Aktar 'il quddiem iżżewġet u kellha tmint itfal. Kemm hi u kemm żewġha t-tnejn daħlu fit-Terz'Ordni Franġiskan, u lilha kienu jsibuha bħala "Joaquina ta' San Franġisk". Għexet għal sittax-il sena l-ħajja taż-żwieġ sa ma żewġha miet meta baqa' jiġġieled kontra l-invażjoni ta' Napuljun Bonaparti fi Spanja.

Minn Barċellona hi ħarbet lejn il-belt ta' Vik, fil-Katalunja. Bħala armla ddedikat lilha nfisha sabiex tkompli trabbi lil uliedha u tgħin il-foqra u l-morda fl-isptarijiet. Meta mbagħad uliedha kollha kibru u telqu mid-dar, hi ngħatat kollha kemm hi għall-oħrajn. Erba' minn uliedha bniet saru sorijiet.

Fuq il-parir ta' saċerdot, hi waqqfet istitut reliġjuż imsejjaħ 'il-Karmelitani tal-Karità' biex ikunu ddedikati għall-apostolat mal-morda, il-foqra u l-abbandunati. Hi ħasset li b'dan il-mod kienet qed twieġeb għas-sejħa ta' Alla, li kienet ħasset sa minn età żgħira.

Wara mewtha, il-kongregazzjoni waqqfet kunventi, skejjel u sptarijiet f'diversi partijiet ta' Spanja u fil-pajjiżi tal-Amerika t'Isfel li kienu taħt il-ħakma Spanjola. Mietet nhar it-28 ta' Awwissu 1854 u kienet dikjarata qaddisa mill-Papa San Ġwann XXIII fis-sena 1959.





# Santa Giovanna Antida Thouret

*Tifkira: 23 ta' Mejju*

Dil-qaddisa twieldet qrib Besancon, fi Franza, minn familja ta' bdiewa. Wara l-mewt ta' ommha kellha tieħu ħsieb seba' ħutha iżgħar minnha. Ta' 22 sena daħlet mas-Sorijiet tal-Karità ta' San Vinċenz de Paul f'Pariġi. Meta r-Rivoluzzjoni Franċiża xoljiet u xerrdet ir-reliġjużi kollha, fosthom is-Sorijiet tal-Karità, Antida reġgħet sabet ruħha Besancon weħedha, bla ħadd minn sħabha u bla gwida.

Imma l-foqra u l-morda ssibhom dejjem u kullimkien. Il-voti tagħha ma setgħux jiġu kkanċellati mir-Rivoluzzjoni u l-qaddisa baqgħet soru bil-moħbi. Kienet tikkura l-morda u tmexxi t-talb f'postijiet moħbija, u kienet ukoll tissogra ħajjitha tgħin lis-saċerdoti fil-ħabs. Imħallta fil-folla, kienet takkumpanja sal-giljottina l-ikkundannati għall-mewt, u ssegwihom b'ħarsitha sal-aħħar mument biex tagħmlilhom kuraġġ.

Aktar tard il-vigarju tad-djoċesi ried iwaqqaf Istitut ġdid ta' sorijiet fuq il-mudell ta' San Vinċenz de Paul f'Besancon. Ġovanna meddet idejha għal din il-ħidma fil-11 ta' April 1797 billi waqqfet is-Sorijiet tal-Karità biex tifforma għalliema, infermieri u katekisti. Għall-ewwel kien hemm ħafna kontra tagħhom, imbagħad bdew jiġu ttollerati, u fl-aħħar, meta tela' fil-poter Napuljun Bonaparte, is-sorijiet kienu msejħin biex jaħdmu fl-isptarijiet u fl-iskejjel.

Billi l-klima nbidlet, l-istitut żviluppa u fl-1810, il-Marixxal Ġwakkin Murat talab lis-sorijiet biex imorru fir-renju ta' Napli. Ġovanna Antida marret hemm ma' tmien sorijiet oħra, waqqfet il-monasteru ta' Regina Coeli u minn hemm bdiet biex twaqqfu disat idjar oħra.

F'daqqa waħda faqqgħet kriżi fuq il-fondazzjoni min-naħa tal-isqof ta' Besancon, u fl-1821 marret f'dik il-belt bit-tama li żżomm il-kongregazzjoni magħquda, imma l-isqof ma laqagħhiex, anzi rrifjuta li hija tidħol fl-istitut tagħha stess.

F'dawn iċ-ċirkustanzi dolorużi, Ġovanna Antida Thouret tat lezzjoni mill-aqwa u eżempju kollu dawl għal kulħadd: tbus fis-silenzju l-bieb li kien żbarrat għaliha, u titlaq minn hemm. Taċċetta kollox biex tibqa' fidila għall-Knisja.

Santa Ġovanna Antida Thouret mietet f'Napli, ħames snin wara din il-ġrajja doloruża, meta kellha ftit inqas minn 61 sena. Kien l-24 ta' Awwissu 1826 u difnuha fil-knisja tar-Regina Coeli. Ġiet iddikjarata qaddisa mill-Papa Piju XI fl-1934 wara fejqan mirakoluż li kien seħħ f'Malta ftit snin qabel.





# Santa Madalena Sofia Barat

*Tifkira: 25 ta' Mejju*

Madalena Sofia Barat twieldet nhar it-12 ta' Diċembru 1779 fir-raħal ta' Joigny, fi Franza. Hi twieldet xahrejn qabel iż-żmien u ħafna ħasbu li mhix se tgħix. Il-familja tagħha kienet tat-tajjeb. Madalena rċeviet edukazzjoni tajba ħafna mingħand ħuha stess, li kien qed jistudja biex isir saċerdot. Ftit kienu n-nisa ta' żmienha li setgħu jirċievu edukazzjoni bħal tagħha. Kien żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża, żmien is-Saltna tat-Terrur, u ħuha rnexxielu jeħles mill-giljottina grazzi għall-għajnuna f'waqtha ta' ħabib tiegħu. Ħuha mbagħad ħarab lejn Pariġi, fejn ġie ordnat saċerdot u kien iqaddes bil-moħbi. Hu ħa miegħu lil oħtu Madalena, u bħal ħafna Kattoliċi oħra, kienu jgħixu fil-moħbi biex ma jinqabdux. Madalena kienet tħit u saret esperta tal-ħjata. Ħuha kompla jgħallimha ħafna suġġetti oħra, bħall-matematika u l-Latin. Ta' 18-il sena xtaqet issir soru Karmelitana, imma dan ma kienx possibbli, peress li ħafna istituti reliġjużi kienu tkeċċew minn Franza mill-mexxejja tar-Rivoluzzjoni Franċiża fl-1790. Għal ħames snin sħaħ baqgħet tgħix Pariġi, titlob u tistudja, u tgħallem id-duttrina fil-moħbi.

Wara żjara qasira fil-familja tagħha biex tgħin fil-ġbir tal-għeneb, hi rritornat Pariġi. Hemm iltaqgħet mas-saċerdot Ġiżwita Joseph Varin. Dan xtaq jibda istitut reliġjuż femminili ddedikat lill-Qalb ta' Ġesù, bil-għan li jgħin fl-edukazzjoni tat-tfajliet. Fl-1800, flimkien ma' tliet nisa oħra li lkoll kienu jgħixu fil-moħbi, Madalena ħadet il-voti li fissru l-bidu ta' dan l-istitut reliġjuż ġdid. Kellha 21 sena. Għall-bidu, l-istitut kien magħruf bħala "Nisa tal-Fidi" jew "Għalliema Nsara".

Nhar il-21 ta' Novembru 1800, il-qaddisa telqet lejn Amiens sabiex tgħallem fi skola fi ħdan l-ewwel kunvent tal-kongregazzjoni. Ta' 23 sena, kienet l-iżgħar waħda fil-komunità u xorta ġiet imsejħa biex tmexxi l-kongregazzjoni. Hija ngħatat kollha kemm hi għal dan l-apostolat u waqqfet diversi skejjel għal tfal li ma setgħux iħallsu u oħrajn li kienu ġejjin minn familji ta' pensjonanti. F'Diċembru 1826, il-Papa Ljun XII approva uffiċjalment is-Soċjetà tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Madalena għaddiet għall-ħajja ta' dejjem fil-25 ta' Mejju 1865 u ġiet dikjarata qaddisa minn Papa Piju XI fl-1925.





# San Filippu Neri

*Tifkira: 26 ta' Mejju*

San Filippu twieled f'Firenze, l-Italja, fl-1515. Meta kellu ħames snin tilef 'l ommu, iżda hu u ż-żewġ ħutu l-oħra ġew imrobbija f'għożża mit-tieni mara ta' missierhom. Sa minn meta kien għadu żgħir, kellu dispożizzjonijiet tant ħelwin li kienu jsejħulu it-Twajjeb Pippo (Pippo Buono).

Ta' tmintax–il sena mar f'San Germano, qrib Napli, jaħdem ma' zijuh, li kien negozjant sinjur kbir. Filippu kien tant ħabrieki li zijuh xtaqu jieħu n-negozju f'idejh. Iżda hu, imqanqal minn ħerqa li jgħix f'għaqda ikbar ma' Ġesù, ħalla n-negozju u mar Ruma. Hemm iltaqa' ma' wieħed li tah kamra fejn joqgħod u x'jiekol kuljum, bil-patt li jedukalu ż-żewġ uliedu. Dam f'din il-ħajja għal tmintax-il sena, imma fl-istess żmien, studja l-filosofija mad-Dumnikani, u t-teoloġija mal-Agostinjani, u kien ukoll jiġbor xi żgħażagħ miegħu biex flimkien jitolbu, jistudjaw ir-reliġjon, iżuru l-isptarijiet u jagħmlu atti oħra ta' karità.

Fl-1548, bil-għajnuna tal-konfessur tiegħu, Persiano Rosa, waqqaf il-Fratellanza tat-Trinità magħrufa wkoll "tal-pellegrini u tal-konvalexxenti", li l-membri tagħha kienu lajċi u kienu jieħdu ħsieb il-pellegrini li jżuru Ruma u l-morda, l-aktar dawk tal-isptar ta' San Ġakbu tal-Inkurabbli, u l-morda li kienu jeħtieġu żmien ta' konvalexxenza wara li joħorġu mill-isptar. Kien ukoll jgħaddi s-sigħat jitlob, anki bil-lejl, l-iktar fil-katakombi ta' San Bastjan.

Fit-23 ta' Mejju 1551, ta' 36 sena ġie ordnat qassis, ħalla dik il-kamra li kien joqgħod fiha u mar jgħix fil-knisja ta' San Ġirolmu ma' Dun Rosa u qassisin oħra li kienu jgħixu bil-karità. Għall-bidu kellu xewqa jmur missjunarju fl-Indja, iżda fehem li l-missjoni tiegħu kellha tkun fil-belt ta' Ruma. Hawn intefa' għall-appostolat billi filgħodu kien jgħaddih fil-konfessjonarju u filgħaxija kien ilaqqa' n-nies biex jitolbu, ikantaw u jitkellmu fuq il-ħwejjeġ tar-ruħ. Kien ukoll jorganizza pellegrinaġġi għall-knejjes u katakombi biex isaħħaħ il-fidi ta' dawk li kienu jmorru miegħu. Xerred id-devozzjoni tal-Kwaranturi. Kollox fi spirtu ta' ferħ, hekk li baqa' magħruf bħala l-qaddis tal-ferħ. Fl-1558, beda l-esperjenza tal-oratorju fejn kien ilaqqa' n-nies għat-talb u l-konferenzi. Fost l-impenji li kien jagħti lil dawk li jiffrekwentaw l-oratorju, kien li jżuru l-morda fl-isptarijiet.

San Filippu Neri waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Oratorjani, li x-xogħol prinċipali tal-membri tagħha kien li jsaħħaħ in-nies fil-fidi tagħhom. Il-kongregazzjoni ħadet forma kanonika fl-1575 u ġiet approvata mill-Papa Girgor XIII fl-1583, bil-knisja ta' Santa Maria in Vallicella bħala l-knisja tal-"Casa Madre" tagħha, imma San Filippu ħa

ħsieb li jibni mill-ġdid din l-istess knisja li għalhekk bdiet tissejjaħ il-knisja l-ġdida – Chiesa Nuova – kif għadha tissejjaħ sal-lum.

San Filippu miet ta' 80 sena, nhar il-festa ta' Corpus Domini, fis-26 ta' Mejju 1595 u ġie kkanonizzat mill-Papa Girgor XIV, flimkien ma' Sant'Injazju minn Loyola, San Franġisk Saverju, Santa Tereża ta' Avila u San Sidoru ta' Madrid. Il-ġisem tiegħu jinsab meqjum fil-Chiesa Nuova ta' Santa Maria in Vallicella, tal-qassisin Oratorjani ġewwa Ruma. Għall-imħabba u l-ħidma tiegħu f'Ruma baqa' jissejjaħ it-tieni Appostlu ta' Ruma.



# San Marċellinu Champagnat

*Tifkira: 6 ta' Ġunju*



Marċellinu Champagnat, fundatur tal-Aħwa Maristi tal-Iskejjel, kien saċerdot Franċiż li twieled nhar l-20 ta' Mejju 1789, fis-sena li faqqgħet ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Hu kien l-iżgħar fost tmien ulied. Bħala tifel, hu mar l-iskola imma ħalla d-dinja tat-tagħlim meta kien għadu ċkejken għax ħassu mnikket bl-imġiba iebsa u ħarxa ta' xi għalliema u t-trattament tagħhom fuq it-tfal. Minkejja dan, meta kellu 16-il sena, daħal is-seminarju. Hu seta' jħallas għall-istudji tiegħu bil-flus li kien daħħal billi kien jirgħa n-nagħaġ. Fl-ewwel sena tiegħu bata ħafna fis-seminarju, hekk li ntbagħat id-dar, imma reġa' ġie aċċettat sena wara. Fl-ewwel sena kien ftit fuq tiegħu u, flimkien ma' xi studenti oħra, kien magħruf li jdur il-ħwienet tax-xorb meta kien ikollu ħin liberu. Imma mit-tieni sena 'l quddiem, Marċellinu nbidel u beda jieħu l-affarijiet aktar bis-serjetà. Mis-seminarju minuri għadda għas-seminarju maġġuri f'Lyon. Hemm issieħeb f'għaqda Marjana (jiġifieri, iddedikata lill-Madonna), li kellha tkun l-ispirazzjoni tal-istitut reliġjuż li kellu jwaqqaf aktar 'il quddiem. Fost is-seminaristi sħabu kien hemm ukoll San Ġwann Marija Vianney.

Marċellinu ġie ordnat saċerdot nhar it-22 ta' Ġunju 1816. Sa mill-ewwel mumenti tas-saċerdozju tiegħu, hu ddedika ħajtu għat-tagħlim tal-ifqar fost il-fqar. Flimkien ma' oħrajn, waqqaf is-Soċjetà ta' Marija magħrufa bħala l-Maristi. Hu stess stqarr li l-għan tas-Soċjetà kellu jkun it-tagħlim reliġjuż tat-tfal, speċjalment dawk li kienu jgħixu f'żoni foqra.

F'Novembru 1819 l-ewwel Aħwa Maristi waqqfu l-ewwel skola tagħhom. Bejn l-1824 u l-1825, Marċellinu u sħab bdew jibnu huma stess dar ġdida għall-Aħwa magħrufa bħala l-Eremitaġġ, li kellha tkun iċ-ċentru tal-attività edukattiva kollha. Nhar id-29 ta' April 1836, is-Santa Sede awtorizzat is-Soċjetà billi tagħtha l-approvazzjoni. Hu miet bil-kanċer nhar is-6 ta' Ġunju 1840 u sa dakinhar, kien diġa fetaħ madwar ħamsin skola. Nhar it-18 ta' April 1999 kien kanonizzat minn Ġwanni Pawlu II.





# San Alwiġi Gonzaga

*Tifkira: 21 ta' Ġunju*

San Alwiġi twieled fil-kastell ta' Castiglione qrib Mantova fil-Lombardija, l-Italja, fid-9 ta' Marzu, 1568. Missieru kien il-Markiż ta' Castiglione. Darba waħda San Alwiġi, meta kien għadu daqsxejn ta' tifel, sema' xi kliem ħażin, u innoċentament irrepetih id-dar. Meta ġie mċanfar mill-għalliem tiegħu, mill-ewwel iddispjaċih, u baqa' jiddispjaċih għomru kollu. Minn dakinhar baqa' jħoss stmellija kbira għall-kliem ħażin. Fl-1577, Alwiġi u ħuh Ridolfo marru Firenze biex jitgħallmu l-Latin u t-Taljan. Wara sentejn marru Mantova għand id-Duka Gonzaga. Għal xi żmien Alwiġi kien marad bil-kliewi li baqgħu jinkwetawh sal-mewt. Ta' tnax-il sena mar Brescia fejn kien iqerr għand San Karlu Borromeo, u għamel l-Ewwel Tqarbina.

Fl-1581, missieru kellu jmur jikkumpanja lill-Imperatriċi Marija tal-Awstrija fi Spanja, u ħa miegħu l-familja. Alwiġi u ħuh saru paġġi fil-Qorti tal-Prinċep Don Diego u sadanittant komplew l-istudji tagħhom. F'dan iż-żmien, Alwiġi kien qara ktieb fuq il-missjunarji Ġiżwiti fl-Indja, u tnisslet fih ix-xewqa li jsir Ġiżwita.

Fl-1584, il-familja Gonzaga marret lura l-Italja, u fit-2 ta' Novembru 1585, wara li ċaħad għall-jedd ereditarju tiegħu ta' prinċep u ħallieh lil ħuh, daħal mal-Ġiżwiti f'Ruma. Dawn bagħtuh jistudja f'Milan, fejn fil-25 ta' Novembru beda n-novizzjat. Sentejn wara ntrabat bil-voti u dlonk wara beda l-kors tat-Teoloġija.

Meta fl-1591, faqqgħet l-epidemija tal-pesta, il-Ġiżwiti fetħu sptar għall-morda, u mill-Ġeneral 'l isfel bdew iduru bil-morda. Minkejja li kellu saħħa dgħajfa ħafna, anke San Alwiġi offra li jservi fl-isptar u jdur bil-morda. Xogħlu kien li jittallab il-flus għall-vittmi, jikkura l-morda, jiġbor il-morda mit-toroq u jeħodhom l-isptar. Fl-isptar kien jaħsel il-morda u jitmagħhom, u jħejjihom biex jirċievu s-sagramenti. Mhux dejjem sabha faċli jissaporti d-dehra u l-irwejjaħ jintnu tal-mard, imma baqa' jaħdem xorta waħda. Bosta Ġiżwiti żgħar kienu qed jimirdu bil-pesta, u għalhekk is-superjuri tiegħu ma ħallewx jaħdem fl-isptar. Imma San Alwiġi ma riedx iċedi u għalhekk bagħtuh fi sptar ieħor fejn ma kienx hemm morda bil-pesta. Imma darba waħda, waqt li kien jikkura wieħed marid li kellu l-pesta, San Alwiġi ttieħed mill-marda u saħħtu bdiet tmur lura kuljum. Għaddew tliet xhur, meta fil-21 ta' Ġunju, 1591, wara li San Roberto Bellarmino, li kien il-konfessur tiegħu, qarbnu u amministralu l-aħħar Sagramenti, miet fl-età ta' 23 sena.

Il-Papa Benedittu XIII ikkanonizzah fl-1726. Ir-relikwi tiegħu jinsabu fil-knisja ta' San Injazju, f'Ruma.





# San Ġużepp Cafasso

*Tifkira: 23 ta' Ġunju*

San Ġużepp Cafasso hu wieħed mill-"qaddisin soċjali" tal-belt ta' Turin, l-Italja (flimkien ma' San Ġwann Bosco, San Ġużepp Benedettu Cottolengo, il-Beatu Franġisk Faà di Bruno, u diversi oħrajn), li ddedikaw ħajjithom fis-soċjetà tas-seklu 19 fl-Italja ta' Fuq, b'risq nies vulnerabbli u soċjalment emarġinati u sfruttati. Għall-ħidma tiegħu b'risq il-kriminali, speċjalment dawk li kienu kkundannati għall-mewt, San Ġużepp Cafasso ġie mlaqqam "il-qassis tal-forka". Kien jieqaf magħhom sa fuq il-forka, iwasslilhom il-ħniena ta' Alla, li ma tabbanduna qatt lill-bniedem waħdu, l-anqas fil-punt tal-mewt.

Ġużepp Cafasso twieled fil-15 ta' Jannar 1811. F'familja fqira ta' bdiewa, f'Castelnuovo d'Asti, fir-Reġjun tal-Pjemonta, l-Italja. Kien it-tielet fost erba' wlied. Oħtu ż-żgħira Marjanna hi omm il-Beatu Ġużepp Allamano, saċerdot u fundatur ta' Istitut Reliġjuż. Ġużepġp Cafasso kellu saħħa fraġli ħafna minħabba problemi fix-xewka ta' dahru. Sa minn età żgħira ħass is-sejħa għas-saċerdozju u għalhekk mar il-belt ta' Turin u ġewwa Chieti biex jistudja għal saċerdot. F'dan iż-żmien hu ltaqa' ma' qaddis ieħor, Ġwanni Bosco, li dakinhar kellu 14-il sena, u minn dakinhar saru ħbieb tal-qalb. Ġużepp Cafasso ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Settembru 1833. Anke wara li sar saċerdot, baqa' jistudja, fejn iltaqa' ma' Lwiġi Guala, wieħed mill-fundaturi tal-Istitut ta' San Franġisk t'Assisi, li kien kulleġġ għat-tagħlim tas-saċerdoti djoċesani. Cafasso kellu ħafna għal qalbu l-formazzjoni kontinwata tas-saċerdoti. Hu baqa' marbut ma' dan l-Istitut għomru kollu, l-ewwel bħala student, imbagħad bħala għalliem, kappillan, u fl-aħħar rettur tal-istess Istitut. Kien attent għall-istudenti foqra, u kien jipprovdilhom kotba u ħwejjeġ oħra meħtieġa biex ikompli l-istudji.

Ġużepp Cafasso kien saċerdot ta' penitenzi kbar. Qatt ma kien jinstema' jgerger bl-uġigħ li kien ikollu. Kien jaħdem għal ħinijiet twal, anke jekk saħħtu ma kienitx tippermettilu. Kien jgħid li l-mistrieħ jieħdu fil-Ġenna. Kien iqaddes kuljum fl-4:30 ta' filgħodu, u kien jgħaddi ħafna ħin iqarar u jitlob fis-skiet, hekk li kien imfittex ħafna bħala konfessur u direttur spiritwali, fejn kien iħeġġeġ għall-impenn soċjali tal-Insara. Fost dawk li sabu l-għajnuna tad-direzzjoni spiritwali ta' San Ġużepp Cafasso, insibu lil San Ġwann Bosco, il-Beatu Franġisk Faà di Bruno, u l-Venerabbli Ġulja Falletti di Barolo, li ħadmet ħafna b'risq il-priġunieri nisa. Cafasso baqa' magħruf b'mod partikulari għall-ħidma tiegħu fil-ħabsijiet mal-priġunieri, fosthom dawk li kienu jiġu kkundannati għall-mewt. Fost oħrajn, jirrakkontaw kif darba, dan is-saċerdot qasir u

dgħajjef qabad priġunier mil-lejħa u ma riedx iħallih qabel dan iqerr! Darb'oħra akkumpanja 60 priġunier imqarrin lejn il-forka. Bosta minnhom ġew mgħallqa dritt wara li qarrew u rċevew l-assoluzzjon, hekk li l-Cafasso sejħilhom "l-imgħallqa qaddisin".

San Ġużepp Cafasso miet fit-23 ta' Ġunju 1860. Il-prietka tal-funeral għamilha l-ħabib tiegħu San Ġwann Bosco. Hu ħalla l-ġid kollu tiegħu lill-Istitut imwaqqaf minn San Ġużepp Benedittu Cottolengo. Ġie ddikjarat beatu fit-3 ta' Mejju 1925 mill-Papa Piju XI u ddikjarat qaddis fit-22 ta' Ġunju 1947, mill-Papa Piju XII.





# Beatu Jacques Ghazir Haddad

*Tifkira: 26 ta' Ġunju*

Abuna Yaaqub El-Haddad twieled fl-1 ta' Frar 1875, ġewwa Ghazir, fil-Libanu, it-tielet fost ħames aħwa f'familja Maronita. Meta kien jiffrekwenta l-Kulleġġ *de la Sageese* f'Bejrut, studja l-Għarbi, il-Franċiż u s-Sirjak, li hi lingwa antika li kienu jużaw l-Insara tal-Lvant Nofsani, l-Asja tan-Nofs u l-Kerala, fl-Indja. Mil-Libanu mar Alessandrija tal-Eġittu, biex jgħallem l-Għarbi fil-Kulleġġ tad-de la Salle Brothers. Hemmhekk ħass is-sejħa għas-saċerdozju, u fl-1893 daħal mal-Aħwa Kapuċċini f'Khasbau. Yaaqub (jew Ġakobb) ġie ordnat saċerdot fl-1 ta' Novembru 1901, f'Bejrut, il-belt kapitali tal-Libanu.

Bejn l-1903 u l-1914, Patri Yaaqub dar il-Libanu kollu jipprietka, tant li tawh l-isem ta' "l-Appostlu tal-Libanu". Kien mistieden jipprietka wkoll fis-Sirja, il-Palestina, l-Iraq u t-Turkija.

Fl-1919 xtara biċċa raba' fuq l-għolja ta' Jall-Eddib, fit-Tramuntana ta' Bejrut, fejn bena kappella ddedikata lill-Madonna tal-Baħar. Ħdejha bena Salib kbir. Minn hemm, Patri Jacques, kif kienu jsejħulu bil-Franċiż, kien jgħin lil kull min kien ifittxu għal kull bżonn. Kien żmien diffiċli għal-Libanu, sena wara li kienet intemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija. Il-Kapuċċini Franċiżi kienet tkeċċew mil-Libanu, imma Patri Jacques, baqa' f'artu jaħdem mal-foqra ul-batuti. Biex jgħinuh f'din il-ħidma mal-morda u mal-foqra li kienu dejjem jiżdiedu, fl-1920 Fr Jacques waqqaf is-Sorijiet Franġiskani tas-Salib tal-Libanu.

Il-ħidma sempliċi ta' Fr Jacques dritt attirat l-ammirazzjoni tal-poplu. Bosta foqra u morda bdew imorru ħdejn is-"Salib" jitolbu l-għajnuna ta' Fr Jacques. Fl-1950, is-"Salib" ġie trasformat fi sptar psikjatriku, wieħed mill-iktar moderni fl-Lvant Nofsani. Dan il-moviment ta' karità beda jinfirex mal-Libanu kollu u Fr Jacques flimkien mas-Sorijiet żiedu fil-ħidma tagħhom ta' assistenza soċjali.

Fl-1993 fetaħ id-Dar tal-Qalb ta' Ġesù, f'Deir el-Kamar, li għall-bidu kienet orfanatrofju għall-bniet u aktar tard saret dar għal dawk li kellhom mard kroniku. Fl-1948 fetaħ l-Isptar tas-Sinjura Tagħna għall-anzjani, għall-morda kroniċi u dawk li kienu jbatu minn xi paraliżi. Fl-1949 l-Isptar ta' San Ġużepp sar wieħed mill-aktar ċentri mediċi importanti ta' Bejrut. Sena wara, fl-1950, fetaħ id-Dar ta' Sant'Anton, f'Bejrut, biex jilqa' t-tallaba u dawk bla dar, li l-pulizija kienet jsibu jiġġerrew mat-toroq. Fl-istess sena fetaħ id-Dar tal-Providenza għal tfajliet bla dar.

Minkejja l-ħidma kbira tiegħu fl-isptarkijiet, Fr Jacques u s-Sorijiet ħadmu wkoll fuq proġetti ta' edukazzjoni u fetħu diversi skejjel, kif ukoll orfanatrofju li kien jilqa' 200 tifla.

Għal din il-ħidma kbira tiegħu ta' karità, Fr Jacques irċievi diveri unuri statali, filwaqt li l-poplu Libaniż spiss xebbhu ma' San Vinċenz de Paul u San Ġwann Bosco. Iżda l-istess ħidma bla taqta', il-vjaġġi u l-iljieli fit-talb ħallew marka fuq saħħtu. Kien

ibati minn bosta marda, kważi tilef id-dawl għal kollox u ġarrab ukoll il-marda tal-kanċer. Madanakollu qatt ma waqaf irodd ħajr lil Alla għal dawn l-opri ta' ħniena li kienu saru permezz tiegħu u tas-Sorijiet.

Fr Jacques miet fis-26 ta' Ġunju 1954, fil-Libanu, fl-għomor ta' 79 sena. Hu ġie dikjarat beatu mill-Papa Benedittu XVI nhar it-22 ta' Ġunju 2008, f'quddiesa speċjali li nżammet fil-belt ta' Bejrut, u li tmexxiet mill-Kardinal Saraiva Martins. Anke wara mewtu, infetħu aktar sptarijiet biex jassistu l-vittmi tal-gwerer u l-popolazzjonijiet fejn ma kienx hemm assistenza medika.






# San Kamillu ta' Lellis

*Tifkira: 14 ta' Lulju*

San Kamillu twieled f'Bocchianco, l-Italja, fl-1550. Tilef 'l ommu meta kellu tlettax-il sena. Kiber bi spirtu avventuruż u ta' sbatax-il sena ħalla d-dar u daħal suldat biex jiġġieled mal-Venezjani kontra t-Torok, iżda minħabba ferita li kellu f'siequ ħalla l-armata u daħal l-isptar ta' San Ġakbu, f'Ruma. Meta ħareġ mill-isptar raġa' daħal suldat fl-armata ta' Venezja u mar jiġġieled kontra t-Torok. Meta ġie lura mill-ġlied, ħalla l-armata u tilef kull ma kellu fil-logħob. Biex ma jaqax jittallab, daħal jaħdem mal-Kapuċċini ta' Manfredonja, fl-1574.

Wara xi ftit xhur ġie impressjonat minn parir li tah il-Gwardjan tal-patrijiet, u beda jibdel ħajtu. Fl-1575, huwa talab u ġie aċċettat bħala ajk, u hekk ħa l-libsa ta' Kapuċċin. Iżda billi l-ferita f'riġlu baqgħet tinkwetah, iddeċieda li jerġa' jmur l-isptar ta' San Ġakbu. Hawn sab il-vokazzjoni tiegħu li jdur bil-morda. Bid-dedikazzjoni u bl-abbiltà tiegħu fix-xogħol, rebaħ l-ammirazzjoni ta' kulħadd, u wasal biex ġie maħtur Direttur tal-isptar.

Bil-ħsieb li jipprovdi nies li jkunu kkwalifikati biex iduru bil-morda, huwa ġabar nies miegħu li kienu lesti li jiddedikaw ruħhom għal dan ix-xogħol. Sadanittant bil-għajnuna tal-konfessur tiegħu San Filippu Neri, huwa sar saċerdot, fl-1584, meta kellu 34 sena. Fl-istess sena waqqaf is-Soċjetà tal-Qaddejja tal-Morda, magħrufa bħala l-Kamilljani. Għall-bidu, kienu jaqdu lill-morda fl-isptar Santu Spirtu ta' Ruma, imbagħad bdew jikbru u jixterdu. Fl-1588, kienu jikkuraw il-morda bil-pesta li kienu jkunu fuq il-bastimenti li jaslu Ruma. Fl-1605, Patri Kamillu bagħat xi patrijiet tiegħu biex jieħdu ħsieb is-suldati feriti li kienu qed jiġġieldu fl-Ungerija u l-Kroazja. Kienet l-ewwel unità medika fuq il-kamp tal-battalja.

Fl-1607, Kamillu rriżenja minn Superjur tal-Ordni minħabba saħħtu. Miet f'Ruma fl-14 ta' Lulju, 1614 fil-għomor ta' 64 sena. Sa l-aħħar baqa' jdur bil-morda minkejja l-ferita li kellu. Ġie kkanonizzat fl-1746; il-Papa Ljun XIII ħatru Patrun tal-infermieri.





# San Pietru Poveda

*Tifkira: 28 ta' Lulju*

Imwieled f'Linares, f'Jaen, fi Spanja fis-sena 1874, hu ħass kmieni s-sejħa biex isir saċerdot. Ordna saċerdot fl-1897 u waqt li kien qed ikompli l-istudji tiegħu, hu kompla jgħallem u jattendi l-katekeżi kif ukoll jipprietka l-missjonijiet popolari u jiddirieġi s-seminaristi. Fl-1902 kellu jagħmel il-prietki tar-Randan fi Guadix lill-*gypsies* li kienu jgħixu fl-għerien. Huwa beda l-lezzjonijiet tad-duttrina, u mbagħad fetaħ żewġ skejjel għat-tfal. Dun Pietru mar jgħix fl-għerien biex ikun aktar qrib ta' dan il-poplu. Fetaħ ukoll refettorju biex ikollhom fejn jieklu u skejjel ta' filgħaxija għall-adulti. Beda jdur mal-provinċja u fil-belt ta' Madrid biex jiġbor il-flus għal dan il-proġett, u organizza l-Konferenzi ta' San Vinċenz. Konvint mill-importanza tal-edukazzjoni, waqqaf l-Iskejjel tal-Qalb ta' Ġesù għat-tfal foqra. Imma sab min jopponih u kellu jħalli x-xogħol tiegħu fl-għerien ta' Guadix u jmur iservi ta' kanonku fil-bażilika ta' Covadonga, fl-Asturias.

Biex ikoimpli juri l-importanza tal-iskejjel u tat-tagħlim, beda jippubblika artikli u ktejjeb żgħar fuq il-ħtieġa ta' formazzjoni professjonali tal-għalliema. Dan kien il-bidu tal-'Istituzzjoni Tereżjana', li hu waqqaf flimkien ma' Maria Josefa Segovia. Din hi għaqla ta' lajċi Kattoliċi li jevanġelizzaw permezz tal-edukazzjoni u l-kultura. F'dak iż-żmien, fi Spanja ta' tmiem is-seklu 19, madwar 70% tal-irġiel u 80% tan-nisa kienu illitterati. Kiteb fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-għalliema u għalhekk fetaħ ċentri għall-formazzjoni tal-għalliema. Fl-1921 mar Madrid fejn inħatar Kappillan tal-Familja Rjali ta' Spanja. Kompla jaħdem għall-konsolidazzjoni u l-espansjoni tal-istituzzjoni Tereżjana. Ipparteċipa fit-twaqqif tal-Federazzjoni tal-Ħbieb tat-Tagħlim u waqqaf diversi proġetti favur l-għalliema Kattoliċi.

Fis-27 ta' Lulju 1936, fil-bidu tal-persekuzzjoni ta-Knisja matul il-Gwerra Ċivili Spajola, hu kien arrestat fid-dar tiegħu f'Madrid. Minkejja l-ġid li għamel, kien meqjus bħala għadu tar-Repubblika u ġie xkubettat. Miet martri nhar it-28 ta' Lulju 1936. Kien iddikjarat qaddis fl-2003.





# **Beatu Solanus Casey** (Bernard Francis)

*Tifkira: 30 ta' Lulju*

Bernard Francis Casey twieled fil-25 ta' Novembru 1870 fuq farm, fil-Wisconsin, fl-Istati Uniti tal-Amerika. Hu kien is-sitt wild, f'familja ta' sittax-il tifel u tifla, bin familja ta' immigranti mill-Irlanda. Imlaqqam "Barney", ta' età żgħira marad bid-difterija, infezzjoni li ħalliet marka fuq il-vuċi tiegħu, hekk li meta kiber, għad li kien jaf idoqq tajjeb il-vjolin, ma kienx jista' jkanta. Tnejn oħra minn ħutu mietu żgħar bl-istess marda.

Meta kiber, ipprova jaħdem f'bosta postijiet, fosthom jaqta' s-siġar, u jsuq tram, ħadem fi sptar u anke f'ħabs. Għall-bidu kellu xewqa li jiżżewweġ, imma t-tfajla li kien ħa grazzja magħha ntbagħtet f'*boarding school* u ma rahiex iżjed. Darba, fuq ix-xogħol, ra qtil ikrah ħafna, li ġagħlu jirrifletti sewwa fuq ħajtu. Waqt li kien isuq it-tram, ra baħri fis-sakra joqtol mara b'daqqiet ta' sikkina. Minn hemm beda jirrifletti fuq il-vokazzjoni. Daħal fis-seminarju minuri tal-Arċidjoċesi ta' Milwaukee, bix-xewqa li jsir saċerdot djoċesan. Peress li t-tagħlim kien isir jew bil-Ġermaniż jew bil-Latin, żewġ lingwi li ha ma kienx jaf, ġie mħajjar jidħol f'ordni reliġjuż u jsir saċerdot 'sempliċi' li jkun jista' jqaddes bla ma jipprietka u lanqas iqarar. Wara żmien jaħsibha, ħass lill-Madonna ssejjaħlu biex jingħaqad mal-Kapuċċini fil-belt ta' Detroit, fejn ingħaqad magħhom fl-14 ta' Jannar 1897. Ingħata l-isem reliġjuż Solanus, f'ġieħ il-qaddis Kapuċċin San Franġisk Solanus, għax it-tnejn li huma kellhom imħabba għall-vjolin. Għad li ftit kien jaf skola, ġie ordnat saċerdot, u qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fl-1904, fil-preżenza tal-familja tiegħu.

Fra Solanus serva għal għoxrin sena f'bosta kunventi fi New York. Minkejja li ftit kellu skola, baqa' magħruf bħala kelliem li kien jispira ħafna nies b'dak li jgħid. Għad li kien jagħmel ix-xogħol sempliċi ta' purtinar tal-kunvent f'Detroit, kull nhar ta' Erbgħa kien imexxi quddiesa li għaliha kienu jattendu bosta morda. Minn hemm sar magħruf għall-imħabba tiegħu lejn il-morda, tant li bosta nies kienu jħossu li fiequ mill-mard tagħhom bl-interċessjoni tiegħu u tat-talb tiegħu. L-għaxqa tiegħu kienet jintasab għarkupptejn quddiem l-Ewkaristija fis-skiet tal-lejl.

F'dan iż-żmien ukoll, Fra Solanus għen biex titwaqqaf *soup kitchen* tal-Kapuċċini fl-1929, fi żmien ta' faqar kbir fl-Istati Uniti, minħabba l-*Great Depression*. Din is-*soup kitchen*, li kienet toffri ikla sħuna lill-foqra, għadha teżisti sal-lum.

Kien iħobb ħafna jdoqq il-vjolin, speċjalment kant Irlandiż lil sħabu l-patrijiet, imma meta kien jipprova jkanta, sħabu l-patrijiet kienu jibdew jisogħlu u hu, bil-pulit, kien jiskuża ruħu u jmur jitlob waħdu.

Saħħtu bdiet tmur lura minħabba l-mard li ħakmu. Hu miet fil-31 ta' Lulju 1957. Hu ġie dikjarat beatu fit-18 ta' Novembru 2017.



# San Gejtanu ta' Thiene



*Tifkira: 7 t'Awwissu*

San Gejtanu twieled f'Viċenza, l-Italja, fl-1480, minn familja sinjura u nobbli. Fl-1504, meta kellu 24 sena rċieva d-Dottorat mill-Università ta' Padova. Irritorna Viċenza u sar Senatur. Iżda beda jħoss li għandu jservi 'l Alla iktar mill-qrib. Fl-1506, mar Ruma. Hemm daħal fil-Konfraternità tal-Imħabba Divina li għenitu ħafna biex jissaħħaħ fis-sejħa għas-saċerdozju. Sar qassis fl-1516.

Fl-1518, mar Viċenza biex jassisti lil ommu li kienet qed tmut, u wara li amministralha s-sagramenti mietet f'idejh. F'Viċenza sar membru tal-Oratorju ta' San Ġirolmu, u ntefa' b'ruħu u b'ġismu jdur bil-morda inkurabbli. Fl-1520, mar Verona fejn waqqaf Oratorju simili. Wara ħames xhur mar Venezja fejn beda jaħdem fi sptar ġdid tal-belt, u tant ħadem fih li kien meqjus bħala l-fundatur ewlieni tiegħu.

Fl-1523, telaq minn Venezja u mar Ruma. Flimkien ma' Ġwann Pietru Carafa, li wara sar il-Papa Pawlu IV, u żewġ qassisin oħra, waqqaf it-Teatini, Kjeriċi Regolari, jiġifieri saċerdoti li jgħixu flimkien taħt regola. Bħala l-ewwel Superjur Ġenerali ntgħażel Carafa, li qabel kien Isqof ta' Chieti, bil-Latin Theate. Minn hawn ġej l-isem "Teatini." Carafa kien irriżenja minn isqof biex seta' jingħaqad ma' Gejtanu.

Huma kienu jirrifjutaw benefiċċji, u bla ma jittallbu kienu jiddependu fuq id-donazzjonijiet volontarji li l-providenza ta' Alla kienet tibgħat. Il-motto fuq l-arma tagħhom kien: "*Fittxu l-ewwel is-saltna t'Alla.*"

Fl-1530, Gejtanu ntgħażel Superjur wara Carafa, u dam it-tliet snin taż-żmien tiegħu. Warajh reġa' ntgħażel Carafa. Fl-1543, kien qiegħed Napli, u biex jgħin lill-foqra waqqaf il-"Montes Pietatis," il-Bank tal-Ħniena, minn fejn il-foqra setgħu jisselfu l-flus billi jħallu xi ħaġa bħala rahan, u wara jeħduha lura. B'hekk kienu jevitaw li jmorru jissellfu mill-idejn u jispiċċaw misruqa ħajjin bl-użura. Dak li beda San Gejtanu, illum sar il-Bank ta' Napli.

San Gejtanu miet f'Napli fis-7 ta' Awwissu 1547, fl-età ta' 67 sena. Ġie kkanonizzat fl-1671 mill-Papa Klement X.





# **Santa Marija tas-Salib** (Mary Helen MacKillop)

*Tifkira: 8 ta' Awwissu*

Imwielda f'Melbourne fl-Awstralja fl-1842, Mary Helen MacKillop, magħrufa wkoll bħala Santa Marija tas-Salib, kienet miż-żona ta' Fitzroy. Il-ġenituri tagħha kienu emigranti mill-Iskozja. Missierha kien għamel żmien jistudja biex isir saċerdotm, imma waqaf ftit żmien qabel ordna. Mary kienet il-kbira fost tmien ulied. Huma sofrew minn tfulija iebsa, frott il-faqar.

Mary bdiet taħdem bħala clerk ta' 16-il sena f'ħanut f'Melbourne. Biex issostni l-familja tagħha, fl-1860 daħlet taħdem bħala tutor għand iz-zijiet tagħha. Hi kienet tieħu ħsieb u tgħallem lit-tfal tagħhom. Minn hemm bdiet tidher l-imħabba tagħha lejn il-foqra, għax fejn kien possibbli kienet tiġbor it-tfal ta' bdiewa oħra fuq il-farm ta' zijuha biex tgħallimhom l-iskola. Minn hemm hi ltaqgħet mas-saċerdot, Fr Julian Tenison-Woods, li kien il-kappillan tal-post. Damet sentejn taħdem maz-zijiet tagħha, sakemm marret tgħallem f'Portland, sakemm fetħet skola tagħha – boarding school – għat-tfajliet, fejn ingħaqdet magħha l-bqija tal-familja tagħha.

Fl-1866, Fr Julian stieden lil Mary u lil ħutha bniet Annie u Lexie biex jiftħu skola Kattolika f'Penola. L-iskola fetħet fi stalla tal-bhejjem. Wara li wieħed minn ħutha subien irranġha l-istalla, l-aħwa MacKillops bdew jgħallmu aktar minn 50 tfal. F'dan iż-żmien, Mary għamlet vot privat biex tiddedika ħajjitha lil Alla u bdiet tilbes l-iswed bħala sinjal tal-konsagrazzjoni tagħha.

Fil-21 ta' Novembru 1866, fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna, grupp ta' nisa ngħaqdu ma' Mary u ħutha. Mary ħadet l-isem reliġjuż ta' "Sor Marija tas-Salib", u hi u oħtha Lexie bdew jilbsu lbies sempliċi ta' sorijiet. Dan il-grupp ċkejken sejjaħ lilu nnifsu is-Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Qalb ta' Ġesù. Minn hemm marru f'dar ġdida f'Adelaide u, fuq talba tal-Isqof, fetħu skola ġdida. Ir-regola ta' dan l-istitut reliġjuż kienet tenfasizza l-faqar u l-fiduċja fil-providenza divina. Minħabba l-kulur tal-ħwejjeġ kannella li kienu jilbsu, in-nies kienet tirreferi għal dawn is-sorijiet bħala "Brown Joeys".

Il-ħidma ta' dan l-Istitut bdiet tinfirex ġmiela, speċjalment biex jinfetħu skejjel għall-foqra fiż-żoni rurali. Fi tliet snin biss minn meta beda l-Istitut, aktar minn 70 soru kienu jmexxu 21 skola għat-tfal. Huma mbagħad bdew jaħdmu wkoll f'orfanatrofju, ma' tfal abbandunati, bniet fil-periklu tal-prostituzzjoni, max-xjuħ fqar, mal-ħabsin, u f'dar għall-anzjani u l-morda terminali. Bħala stil ta' ħajja, is-sorijiet

kienu jmorru jgħixu fil-postjiet imwarrba fejn jgħixu l-bdiewa, il-ħaddiema tat-trejns u l-minaturi, u jgħixu l-istess faqar u kundizzjonijiet tagħhom. Sal-1871, in-numru tas-sorijiet żdied għal 130, u dawn kienu jaħdmu f'aktar minn 40 skola u istituzzjonijiet ta' karità f'South Australia u Queensland.

Fil-ħajja tagħha ma naqsux l-isfidi u l-problema. Kien hemm min jgħir għalihom, min jgħid fuqhom u min saħansitra waqqafhom u keċċihom minn fejn kienu jaħdmu. Imma l-grazzja ta' Alla qatt ma naqsithom. Fl-1873 Mary MacKillop marret Ruma sabiex takkwista l-approvazzjoni pontifiċja minn idejn il-Papa Piju IX, illum Beatu. Hi bniet u fetħet ukoll diversi skejjel, kunventi u proġetti oħra ta' karità, kif ukoll djar għal dawk bla dar, għall-anzjani u għall-eks-priġunieri u l-prostituti. Mary MacKillop mietet fl-Awstralja fis-sena 1909. Kienet l-ewwel mara Awstraljana bbeatifikata. Ġiet dikjarata qaddisa fl-2010 minn Papa Benedittu XVI.



# San Lawrenz Djaknu

*Tifkira: 10 ta' Awwissu*



Wara l-appostli San Pietru u San Pawl, San Lawrenz l-aktar martri Ruman magħruf ta' Ruma. Ma għandniex wisq dettalji ċerti fuqu ħlief li kien djaknu tal-Knisja ta' Ruma. Jingħad li hu kien minn minn Spanja, u ħadu miegħu Ruma l-arċidjaknu Sistu meta dan kien għaddej minn dawk l-inħawi. Meta aktar tard Sistu sar Papa bl-isem ta' Sistu II, fil-257 għażel lil Lawrenz bħala djaknu u, għalkemm kien għadu żagħżugħ, qiegħdu l-ewwel wieħed mis-seba' djakni li kienu jservu lill-Knisja ta' Ruma. Sa mill-bidu tat-twaqqif tagħhom fi żmien l-Appostli, xogħol id-djakni kien jikkonsisti, fost oħrajn, li jieħdu ħsieb il-foqra, ir-romol u l-imwarrba. Bħala arċidjaknu ta' Ruma, fost il-ħidma tiegħu, għalhekk, San Lawrenz kien jieħu ħsieb il-ġid tal-Knisja u jara li titqassam il-karità lill-foqra.

Fis-6 ta' Awwissu 258 il-Papa Sistu, waqt li kien fiċ-ċimiterju ta' San Kallistu ma' xi djakni tiegħu, ġie maqbud u kkundannat għall-mewt. Jingħad li Lawrenz mar jilħqu u staqsieh kif kien sejjer għall-aħħar sagrifiċċju tiegħu mingħajr id-djaknu tiegħu. Papa Sistu jingħad li ħabbar lil Lawrenz li kellu jmut mewta ħarxa ftit jiem wara. Fil-fatt Lawrenz ġie hu wkoll maqbud mis-suldati Rumani.

San Ambroġ ħalla miktub li, skont tradizzjoni orali, Lawrenz qabel ma arrestawh, ġie mogħti tlett ijiem żmien biex inewwel lill-imperatur Valerjanu t-teżori tal-knisja, iżda d-djaknu biegħhom biex jiġu mgħejjuna l-foqra u ppreżenta lill-imperatur dawn l-istess foqra bħala teżori tal-knisja.

Lawrenz ġie għalhekk ikkundannat għal mewta l-aktar ħarxa billi jkun mixwi fuq gradilja. Il-qaddis ingħata difna xierqa fuq il-Via Tiburtina.

Wara l-martirju, il-fdal tal-Qaddis indifen fiċ-ċimiterju ta' Ċirijaka ħdejn it-triq Tiburtina fil-Verano. Kostantinu l-Kbir bena bażilika fuq il-qabar tiegħu, li waqgħet u nbniet kemm-il darba. Il-knisja li hemm illum iġġib l-isem ta' San Lorenzo Fuori le Mura, u tinsab f'idejn il-patrijiet Kapuċċini.

Imfaħħar mill-aqwa dutturi tal-Knisja, fosthom Santu Wistin, Sant'Ambroġ, u San Ljun il-Kbir, wara l-Appostli San Pietru u San Pawl, hu l-iktar martri meqjum ġewwa Ruma.



# Santu Rokku

*Tifkira: 16 ta' Awwissu*



Għad li t-tagħrif dwar Santu Rokku mhux kollu ċert, jingħad li Rokku twieled f'Montpellier fi Franza fis-seklu erbatax. Kien ġej minn familja tassew tat-tajjeb. Biegħ kull ma kellu u tah il-foqra u erħielha lejn il-Belt Eterna (Ruma) sabiex iżur is-santwarji mqaddsa.

F'dak iż-żmien il-pesta tat-tifu kienet fl-aqwa tagħha. In-nies kienu qed imutu bil-mijiet. Hu ddedika ħajtu għal dawn in-nies. Kien ifejjaq ħafna minnhom billi jagħmlilhom is-sinjal tas-salib fuq moħħhom. Għen lil ħafna oħrajn li ma fiequx billi qagħad magħhom jassistihom għal mewta tajba. Kien anke jidfinhom meta ħadd ma kien jażżarda jersaq lejhom. Darba minnhom, meta kien qed jassisti bniedem marid, laqqat l-infezjoni hu wkoll. Ġismu mtela bi ġrieħi koroh. Mar joqgħod ġo foresta biex ma jdejjaq lil ħadd. Wieħed kelb beda jeħodlu l-ħobż ta' kuljum mingħand wieħed sinjur. Meta s-sinjur intebaħ, iddeċieda li jsegwi lill-kelb. Il-għani ħa għandu lil Rokku u qagħad idur bih sa ma fieq.

Rokku reġa' lura lejn Montpellier imma sab li l-belt tiegħu kienet fi gwerra. Ħasbuh spija u tefgħuh il-ħabs għal ħames snin. Kien joffri t-tbatijiet tiegħu għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Miet nhar Santa Marija tas-sena 1378.



# San Alberto Hurtado

*Tifkira: 18 ta' Awwissu*



Alberto Hurtado Cruchaga twieled fiċ-Ċili, fil-belt ta' Viña del Mar, nhar it-22 ta' Jannar 1901. Studja fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti u temm l-istudju fil-liġi fl-Università Kattolika waqt li kien jaħdem sabiex jassisti lil ommu. Imma hu ħass li l-vokazzjoni tiegħu kienet dik ta' saċerdot. Ingħaqad mal-Kumpanija ta' Ġesù, magħrufin bħala l-Ġiżwiti, u ordna saċerdot fl-1933. Iddedika lilu nnifsu għall-istudenti, li mhux biss kien jgħallimhom imma wkoll imexxihom spiritwalment. Kien edukatur kbir taż-żgħażagħ. Kien iħossu l-aktar qrib tal-foqra u għalhekk waqqaf l-għaqda magħrufa bħala 'Id-Dar ta' Kristu'. B'imħabba li qatt ma tehda, xtara *pickup* u kien joħroġ ta' kuljum idur ifittex il-foqra u lit-tfal abbandunati. Lil dawk bla dar hu kien jiġborhom miegħu sabiex jieħu ħsiebhom, jipprovdilhom l-ikel u sodda sħuna. In-numru tad-djar li fetaħ żdied ħafna fiċ-Ċili u bejn l-1945 u l-1951 hu stmat li madwar 850,000 tfal sabu xi forma ta' għajnuna f'din l-għaqda. F'kulħadd hu kien jara lil Ġesù sofferenti. Aktar tard hu waqqaf djar sabiex jgħinu fl-edukazzjoni tal-foqra u jipprovdilhom xogħol. Fost l-attivitajiet tiegħu rridu nsemmu l-pubblikazzjonijiet u l-konferenzi dwar is-saċerdozju, il-problemi tal-adolexxenza, il-Kattoliċiżmu u l-ordni soċjali u suġġetti oħra. Hu waqqaf ukoll rivista kif ukoll trejd unjin fiċ-Ċili. Miet fit-18 ta' Awwissu 1952.





# Santa Roża ta' Lima

*Tifkira: 26 ta' Awwissu*

Santa Roża twieldet fl-20 ta' April 1586, f'Lima, il-Peru. Meta kellha ħdax-il sena rċeviet il-Griżma tal-Isqof mingħand San Turibju, Arċisqof ta' Lima, u ħadet l-isem ta' Roża flok dak li kellha ta' Isabella li kienu tawha fil-magħmudija.

Sa minn ċkunitha fid-dar rawmet ruħha fil-qdusija, u għażlet lil Santa Katarina ta' Siena bħala mudell ta' ħajjitha. Kienet tqatta' ħafna ħin fit-talb u fil-mortifikazzjoni.

Billi kienet tfajla sabiħa ħafna, kienet togħrok wiċċha bil-bżar biex jitlgħalha kollu nfafet u jittebba' ħalli b'hekk tnaqqas sbuħitha. Meta l-ġenituri tagħha marru lura fin-negozju hi bdiet taħdem fil-ġnien matul il-ġurnata u tħit mal-lejl. Il-ġenituri tagħha xtaquha tiżżewweġ, iżda hi ma riditx. Kienet ilha li għamlet il-vot tal-verġinità.

Meta kellha madwar għoxrin sena Roża daħlet Terzjarja Dumnikana. Bdiet tgħix għaliha waħidha f'għarix fil-ġnien, u hemm bdiet tgħaddi ħafna mill-ħin tagħha fit-talb, kontemplazzjoni u penitenza. Minkejja li kienet tgħix ħajja maqtugħa għaliha waħidha, kellha tidher quddiem l-Inkwiżizzjoni. Iżda hi impressjonat lit-Tribunal bl-umiltà tagħha u bl-għaqda tagħha ma' Alla.

Hija żammet parti mid-dar tagħha biex tkun tista' tieħu ħsieb it-tfal foqra, ix-xjuħ u l-morda. Jgħidu li dan kien il-bidu tas-servizzi soċjali fil-Perù.

L-aħħar tliet snin ta' ħajjitha għaddiethom marida u fi tbatija kbira fid-dar ta' ħabibitha li kienet il-mara ta' impjegat għoli mal-Gvern.

Mietet nhar l-24 ta' Awissu 1617, meta kellha 31 sena. Il-belt kollha ta' Lima ħarġet bi ħġarha għall-funeral tagħha, u l-aqwa nies tal-belt refgħu t-tebut tagħha.

Fl-1671, il-Papa Klement X iddikjaraha Qaddisa u Patruna tal-Perù, tal-Amerika t'Isfel u tal-Filippini. Kienet l-ewwel waħda li ġiet ikkanonizzata mill-Kontinent Amerikan.





# Beata Maria Del Transito Cabanillas

*TIfkira: 25 ta' Awwissu*

Maria del Transito Eugenia de los Dolores Cabanillas twieldet nhar Santa Marija tas-sena 1821 f'Cordoba, fl-Arġentina. F'żgħożitha, hi ntbagħtet lejn il-belt ta' Cordoba sabiex tistudja u tieħu ħsieb lil ħuha li kien fis-seminarju.

Maria del Transito kienet magħrufa għall-pjetà tagħha, speċjalment għall-qima tagħha lejn l-Ewkaristija. Kienet taħdem ħafna bħala katekista u twettaq għemejjel ta' karità. Kienet iżżur ukoll il-foqra u l-morda fid-djar tagħhom flimkien mal-kuġin tagħha Rosario. Fl-1858 hi daħlet fit-Terz'Ordni Franġiskan u riedet twaqqaf istitut għall-formazzjoni Nisranija tal-foqra u tal-tfal abbandunati. Nhar is-Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni tas-sena 1878, Maria del Transito flimkien ma' tnejn oħra tat bidu għall-Kongregazzjoni Terzjarja tas-Sorijiet Missjunarji tal-Arġentina. Hi ħadet l-isem ta' María del Tránsito de Jesús Sacramentado. L-għan tagħha kien li twaqqaf istitut reliġjuż iddedikat għat-tagħlim u l-għajnuna pastoral tal-foqra u tat-tfal orfni. Għal dan il-għan, waqqfet tliet skejjel f'Cordoba. Mexxiet dawn l-iskejjel b'ħafna mħabba u karità sakemm saħħitha ma ppermettitilhiex aktar.

Mietet fil-25 t'Awwissu 1885. Baqgħet magħrufa għall-eżempji qaddisa ta' umiltà u mħabba u servizz, speċjalment lejn it-tfal, il-foqra u l-morda. Ġiet dikrajata beata fl-14 ta' April 2002.



# San Rajmondu Nonnato

*Tifkira: 31 ta' Awwissu*



Rajmondu Nonnato twieled fil-bidu tas-seklu tlettax, fi Spanja. Isejħulu 'Nonnato' jew 'il-mhux imwieled' għax fil-verità hu ma twelidx bi twelid normali imma ġie meħlus minn ġuf ommu wara li din mietet permezz ta' intervent li llum jissejjaħ 'operazzjoni ċesarja'. Biex ma jilħaqx patri, missieru ġagħlu jmur jirgħa n-nagħaġ. Hemmhekk kien jgħaddi ħafna ħin fit-talb, f'kappella li kien hemm fil-qrib, iddedikata lil San Nikola. Imbagħad wara xi snin, missieru ħallieh jagħmel kif jixtieq.

F'Barċellona hu sar ħabib ma' San Pietru Nolasco, il-fundatur tal-Ordni tal-Merċedarjani, li xogħolhom kien li jippruvaw isalvaw ll-Insara maqbuda lsiera mill-Mori fl-Afrika ta' Fuq, u daħal fil-kongregazzjoni. Fl-1222 ġie ordnat qassis u beda jaħdem biex isalva l-ilsiera mill-jasar tagħhom. Kien jiġbor il-flus, u bil-flus kien 'jixtri' il-ħelsien tal-ilsiera.

Fil-belt ta' Valencia rnexxielu jeħles 140 Nisrani li kienu lsiera. Ivvjaġġa lejn l-Afrika fejn kien jipprietka, jikkonsla u jfejjaq, u anke kien iqatta' ħafna ħin mal-ilsiera tal-pirati Berberi. F'Alġeri rnexxielu jirriskatta 250 Nisrani lsir, u f'Tunis jingħad li, meta ma kienx fadallu flus, offra li jaqa' hu lsir stess biex isalva 28 Nisrani lsir. Frott din il-ħidma perikoluża, hu stess kellu jbati l-ħabs u anke t-tortura. Jingħad li, għal diversi xhur, għalqulu xuftejh b'katnazz sabiex ma jkunx jsita' jippridka dwar il-fidi Nisranija. Imbagħad ġie meħlus u reġa' lura lejn Spanja.

Miet qrib Barċellona fis-sena 1240.



# San Ġużepp Calasanz

*Tifkira: 25 t'Awwissu*



Ġużeppi Calasanz twieled f'Peralta de la Sal, belt ċkejkna fil-provinja ta' Huesca, fi Spanja fis-sena 1557. Meta kellu erbatax-il sena, esprima x-xewqa tiegħu li jsir saċerdot. Għall-bidu, missieru waqaflu u riedu jiżżewweġ, imma Ġużepp, wara marda li kważi wasslitu għall-qabar, ġie ordnat saċerdot fis-sena 1583.

Fost il-ħidmiet tiegħu bħala saċerdot fi Spanja, Ġużepp waqqaf fondazzjoni li kellha l-għan li tqassam l-ikel lill-foqra. Ta' 35 sena, is-saċerdot Ġużepp mar Ruma, fejn sab għalqa kbira fejn seta' jaħdem fost il-foqra, speċjalment fl-edukazzjoni tat-tfal abbandunati u orfni. Hemmhekk ingħaqad mal-Konfraternità tad-Duttrina Nisranija u flimkien kienu jiġbru t-tfal mit-toroq u jgħallmuhom l-iskola. Imma l-għalliema ma riedux jagħmlu xogħol iżjed, mingħajr ma jiġu mħallsin. B'xorti tajba, il-kappillan tal-knisja ta' Santa Dorotea fi Trastevere pprovdielu żewġt ikmamar mas-sagristija tal-knisja u wiegħdu għajnuna fit-tagħlim, u meta ngħaqdu miegħu żewġ saċerdoti oħra, Ġużepp Calasanz fetaħ l-ewwel skola bla ħlas fl-Ewropa għat-tfal. Kien Novembru 1597. Hekk, it-tfal foqra setgħu huma wkoll jirċievu t-tagħlim, u t-tagħlim ma baqax biss privileġġ tal-għonja. Tliet snin wara rnexxielu jiftaħ skola fiċ-ċentru ta' Ruma; aktar tard, in-numru tal-iskejjel li fetaħ beda jiżdied. F'qasir żmien, u bl-għajnuna tal-Papa Klement VIII, l-iskejjel taħt it-tmexxija tiegħu kellhom madwar 1000 student.

Flimkien ma' wħud minn dawk li kienu jaħdmu miegħu, waqqaf ordni reliġjuż maskili li sejjaħlu l-Ordni tal-Kleru Fqir Regulari ta' Omm Alla għall-Iskejjel Piji, l-ewwel istitut reliġjuż iddedikat għat-tagħlim tat-tfal. Fis-snin ta' wara, irnexxielu jiftaħ aktar skejjel f'diversi nħawi tal-Ewropa. San Ġużepp kien jemmen li bit-tagħlim u bir-reliġjon, it-tfal seta' jkollhom futur ta' ferħ. Calasanz kien iħobb il-matematika u x-xjenza, hekk li ried li dawn jiġu mgħallma fl-iskejjel. Hu kien ħabib kbir tax-xjenzjat Galileo Galilei.

Ġużeppi Calasanz miet f'Ruma fis-sena 1648. Il-ħidma tiegħu xterdet għal madwar id-dinja kollha.





# Santa Tereża ta' Kalkutta

*Tifkira: 5 ta' Settembru*

Madre Tereża ta' Kalkutta twieldet f'familja Kattolika Albaniża fi Skopje, illum parti mill-Maċedonja. Ta' 18-il sena ddeċidiet li tidħol fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Missjunarji tal-Madonna ta' Loreto. Fl-1928 telqet lejn l-Irlanda u sena wara kienet l-Indja. Fl-1931, iż-żagħżugħa Ines ħadet l-ewwel voti u l-isem ġdid ta' Swor Marija Tereża tal-Bambin Ġesù (għad-devozzjoni tagħha lejn il-qaddisa ta' Lisieux), u ta' 20 sena kienet tgħallem l-istorja u l-ġografija lil studenti bniet sinjuri fil-kulleġġ tas-sorijiet ta' Loreto, f'Entally, żona fil-Lvant ta' Kalkutta.

Wara l-ħajt tal-kunvent kien hemm il-kwartier ta' Motti bl-intiena soffokanti tiegħu, wieħed mill-ifqar *slums* ta' Kalkutta, il-miżbla tad-dinja. Mill-bogħod Swor Tereża setgħet tisma' l-ħsejjes li kienu jaslu sal-kulleġġ lussuż, iżda ma kinitx taf x'kienu. Kienu l-wiċċ l-ieħor tal-Indja, dinja oħra 'l bogħod minnha, għallinqas sa dik il-lejla tal-10 ta' Settembru 1946, meta kienet f'ferrovija diretta lejn Darjeeling għall-eżerċizzji spiritwali u hemm ġietha t-"tieni sejħa": matul dak il-lejl, frażi baqgħet imwaħħla f'moħħha tul il-vjaġġ kollu, l-għajta muġugħa ta' Ġesù msallab: "Għandi l-għatx!" Hija kellha tħalli l-kunvent biex tiddedika ruħha għall-ifqar fost il-fqar: dawk li huma x-xejn, l-emarġinati f'kollox, l-abbandunati li kuljum kienu jmutu fuq il-bankini ta' Kalkutta, mingħajr lanqas id-dinjità li jistgħu jmutu fuq sodda.

Swor Tereża ħalliet il-kunvent ta' Entally b'ħames rupiji fil-but u s-sari abjad bit-tarf ikħal tal-ifqar Indjani, wara kważi 20 sena mas-sorijiet ta' Loreto. Kien is-16 ta' Awwissu 1948. Iċ-ċkejkna Ines saret Madre Tereża. Fl-1950, id-djoċesi approvat il-kongregazzjoni ġdida tagħha tal-Missjunarji tal-Karità. Kien is-7 ta' Ottubru, il-festa tar-Rużarju, u mhux b'kumbinazzjoni għax din il-kongregazzjoni ġdida ġiet ddedikata lil Marija. L-imħabba profonda ta' Madre Tereża lejn il-Madonna kellha għeruq fit-tfulija tagħha, meta ommha kienet tieħu lilha u lil ħutha Lazar u Age l-knisja, iżuru l-foqra u jitolbu flimkien ir-rużarju.

Barra t-tliet voti tal-faqar, kastità u ubbidjenza, kull Missjunarju tal-Karità jieħu ieħor, dak ta' "servizz b'xejn lejn l-ifqar fost il-fqar." Enfasi fuq l-imitazzjoni tal-virtujiet tal-Madonna, speċjalment l-umiltà, is-silenzju, u l-karità. "I thirst" (għandi l-għatx), hemm miktub fuq il-kurċifiss tal-Casa Madre u f'kull kappella – f'kull parti tad-dinja – f'kull dar tal-kongregazzjoni ta' Madre Tereża. Din il-frażi tat-"tieni sejħa tagħha," tiġbor f'żewġ kelmiet l-ispiritwalità u l-missjoni tagħha.

Illum il-figura rqiqa ta' Madre Tereża, il-ġisem fraġli tagħha mgħawweġ bl-għejja tax-xogħol, u wiċċha mkemmex saru magħrufin mad-dinja kollha. Kull min iltaqa' magħha, anke darba, ma jistax jinsieha: id-dija tat-tbissima tagħha kienet tirrifletti l-imħabba immensa tagħha. Meta hi tħares lejk, b'dawk għajnejha profondi, amorevoli, limpidi, kont tħoss li qed iħarsu lejk l-istess għajnejn ta' Alla l-Imbierek.

Attiva u kontemplattiva fl-istess ħin, kienet tħobb tiddefinixxi lilha nnifisha bħala "l-lapes żgħir ta' Alla", strument żgħir u sempliċi f'idejh. Kienet tagħraf b'umiltà li meta l-lapes jispiċċa, il-Mulej jarmih u jafda lil ħaddieħor il-missjoni appostolika tagħha: "Min jemmen fija jagħmel hu ukoll l-għemejjel li qed nagħmel jien, u ikbar minnhom ukoll" (Ġwanni 14, 12). Rebħet il-Premju Nobel fis-sena 1979.

Madre Tereża mietet f'Kalkutta filgħaxija tal-Ġimgħa 5 ta' Settembru, 1997, fid-9.30. Kellha 87 sena. Fis-26 ta' Lulju 1999 infetaħ il-proċess tagħha ta' beatifikazzjoni, 3 snin qabel suppost; għalkemm għall-poplu Madre Tereża kienet diġà qaddisa. Nhar id-19 ta' Ottubru 2003, il-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjaraha Beata. Madre Tereża ta' Kalkutta kienet ġiet iddikjarata qaddisa fl-4 ta' Settembru 2016, mill-Papa Franġisku.

L-ulied spiritwali tagħha għadhom jaqdu lill-"ifqar fost il-fqar" fl-orfanatrofji, fil-lebbrożarji, fid-djar tal-anzjani, f'ommijiet xebbiet, u l-moribondi. B'kollox qegħdin 5000 f'madwar 600 dar imferrxin madwar id-dinja. "Meta mmut" – kienet tgħid hi – "inkun nista' ngħinkom iktar…"





# San Pietru Claver

*Tifkira: 9 ta' Settembru*

San Pietru Claver kien membru tas-Soċjetà ta' Ġesù (il-Ġiżwiti)u huwa l-Patrun tal-iskjavi u l-missjonijiet Afrikani, kif ukoll tar-Repubblika tal-Kolombja minħabba x-xogħol li għamel mal-iskjavi tal-Kolombja.

Pietru Claver twieled minn familja sinjura f'Verdú, Spanja. Huwa daħal mal-Ġiżwiti fl-1601. Meta kien f'Majorka qiegħed jistudja l-filosofija, Claver kien imħeġġeġ minn Alfons Rodriguez, *brother* Ġiżwita u l-kustodju qaddis tal-kulleġġ, biex imur il-missjonijiet fl-Amerika. Claver hekk għamel, u fl-1610 mar f'Cartagena, il-Kolombja. Wara li lesta l-istudji tiegħu f'Bogotá, Pietru kien ordnat saċerdot f'Cartagena fl-1616.

Cartagena kien wieħed miż-żewġ portijiet fejn l-iskjavi mill-Afrika kienu jaslu biex jinbiegħu fl-Amerika t'Isfel. Sa żmien San Pietru Claver, il-kummerċ tal-iskjavi kienu ilu għaddej għal madwar seklu. In-nies tal-post ma kienux meqjusa b'saħħithom biżżejjed biex jaħdmu fil-minjieri tad-deheb u tal-fidda. Għalhekk, il-propjetarji kienu jixtru l-iskjavi li jinġiebu mill-Afrika (l-aktar mill-Etjopja, l-Angola u l-Kongo) għal ftit flus. Dan kien kummerċ ta' bnedmin li baqa' għaddej f'ħafna pajjiżi kważi sa nofs is-seklu 19. Kemm il-Papa Pawlu III (seklu 16) u warajh il-Papa Urbanu VIII (seklu 17) kienu ħarġu stqarrijiet kontra l-kummerċ tal-iskjavi, imma kollu għalxejn. L-iskjavi ma kellhom ebda dinjità u ebda dritt. Kienu meqjusa bħal oġġett ta' xiri u bejgħ. Ħafna kienu jiġu ttrattati ħażin. Kienu jimirdu jew imutu bix-xogħol iebes. Kien kummerċ li jħalli ħafna flus. Cartagena kienet ċentru ta' kummerċ għall-iskjavi, u madwar 10,000 skjav kienu jaslu kull sena mill-Afrika, wara vjaġġ twil ta' diversi xhur fuq l-art u mbagħad fil-baħar Atlantiku. Madwar terz tal-iskjavi kienu jmutu matul il-vjaġġ.

Bejn is-snin 1616 u 1650, Pietru Claver ħadem kuljum biex jaqdi l-bżonnijiet ta' 10,000 skjav li kienu jaslu kull sena. Meta kien jasal bastiment bl-iskjavi, Pietru kien l-ewwel jittallab għall-frott, gallettini jew ħelu biex ikun jista' jagħtihom lill-iskjavi. Imbagħad kien jivvjaġġa magħhom ma' xi tradutturi biex ikun jista' jagħtihom id-donazzjonijiet tiegħu kif ukoll juża magħhom il-ħiliet tiegħu bħala tabib u għalliem. Claver kien jidħol sa fil-qiegħ tal-vapuri fejn dawn l-iskjavi kienu jinżammu f'miżerja kbira u intejjen insapportabbli u ma jitlaqx minn hemm sa ma' kull persuna tkun irċeviet ftit ta' kura. Pietru kien jagħtihom istruzzjoni qasira dwar il-fidi Kattolika u jgħammed kemm jista' minnhom. B'dan il-mod huwa seta' jgħin biex is-sidien tal-

iskjavi jagħtuhom trattament aktar uman peress li jkunu saru ħuthom fir-reliġjon Nisranija. Meta kien l-istaġun tal-maltemp u ma kienux isiru vjaġġi bil-baħar, Pietru kien iżur l-iskjavi fejn kien jaħdmu, fil-mijieri jew fir-raba'. Pietru Claver għammed aktar minn 300,000 skjav sal-1651, meta imbagħad marad bil-pesta. Hu stmat li ta' kull sena kien iqarar madwar 5000 skjav. Ma' dan ix-xogħol, Pietru kien iservi wkoll lill-kriminali kkundannati għall-mewt u kien iżur il-morda fl-isptarijiet.

Fl-aħħar snin tal-ħajja tiegħu, Pietru tant kien marid li ma setax iħalli l-kamra tiegħu. Ex-skjav li kien imqabbad biex idur bih, ittrattah b'mod krudili: ma kienx jitimgħu għal ħafna ġranet, u qatt ma kien jaħslu. Claver qatt ma lmenta. Huwa kien konvint li ħaqqu dan it-tip ta' trattament: kien iqisu lilu nnifsu bħala skjav.

Fl-1654, Pietru kien midluk biż-żejt tas-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Meta n-nies semgħet dwar dan, iffullat biex tmur fil-kamra tiegħu biex tarah għall-aħħar darba. In-nies ttrattaw il-kamra ta' Pietru Claver qisha kienet xi santwarju, u żarmawha minn kollox ħlief mill-ħwejjeġ tas-sodda li kellu. Claver miet fis-7 ta' Settembru, 1654.

San Pietru Claver ġie kkanonizzat fl-1888. It-tifkira tiegħu hija ċċelebrata fit-9 ta' Settembru.



# San Ġwann Macias

*Tifkira: 16 ta' Settembru*



San Ġwann Macias twieled f'Ribera de Frenso f'Badajoz, fi Spanja fis-sena 1585. Ta' erba' snin sefa' orfni miż-żewġ ġenituri. Zijuh rabba lilu u lil oħtu. Sa minn eta żgħira, Ġwanni tgħallem is-sengħa ta' ragħaj, u kien jgħaddi ħinijiet twal jirgħa l-merħliet u jgħid ir-rużarju. Ta' 16-il sena ltaqa' ma' Patri Dumnikan, u Ġwanni beda jaħseb bis-serjetà x'irid Alla minnu. Ħass ix-xewqa li jsir Dumnikan. Ta' 25 sena, Ġwanni beda jaħdem ma' neguzjant, li offrielu l-possibiltà li jivvjaġġa l-Amerika t'Isfel. Fl-1619 telaq lejn l-Amerika u, wara li għadda mill-Kolombja u l-Ekwador, wasal il-Perù, fil-belt kapitali ta' Lima, fejn baqa' għal ħajtu kollha. Dan kien iż-żmien tal-iskoperta tal-Amerika u l-kolonizzazzjoni tal-kontinent il-ġdid. Fuq il-bastimenti ġejjin u sejrin bejn Spanja u l-kontinent ġdid Amerikan kienu jivvjaġġaw kull xorta ta' persuni: suldati, kummerċjanti jfittxu d-deheb, missjunarji, u anke ħafna foqra li kienu jittamaw li jsibu xortihom f'din l-art ġdida.

Fis-sena 1622 hu daħal fil-kunvent Dumnikan ta' Lima bħala wieħed mill-aħwa lajċi, iddedikati għax-xogħol manwali. Biż-żmien, ix-xogħol tiegħu sar dak ta' sagistan u kien jieħu ħsieb ukoll il-bieb tal-kunvent għal ħamsa u għoxrin sena. Hu baqa' magħruf għat-talb u l-karità. Ħadem ħafna billi kien jagħti karità u joffri l-għajnuna tiegħu lill-foqra. Kien jitlob ir-Rużarju b'suffraġġju għall-erwieħ tal-Purgatorju. Kellu influwenza kbira fuq sħabu u fuq in-nies tal-belt. Ħarstu kienet dejjem 'il barra mill-kunvent biex jara kif jagħmel biex jgħin lil dawk fil-bżonn. L-imħabba tiegħu lejn il-foqra wasslitu biex jitma' 200 fqir kuljum. F'dan sab l-għajnuna kbira ta' ħmara, li kien jibgħatha ddur mal-belt ta' Lima b'kitba fuqha biex in-nies tagħti karità. Mid-dehra, il-ħmara kienet taf sewwa mnejn għandha tgħaddi, u kull darba kienet terġa' lura l-kunvent mgħobbija b'għotjiet għall-karità, li San Ġwann kienu juża biex jgħin lill-foqra ta' Lima. San Ġwann kien jagħmel penitenza kbira. Kien isum ħafna. Dan wasslu biex ikun marradi. Għad li kellu xewqa kbira li jiddedika ħajtu għat-talb fis-skiet, baqa' sal-aħħar ta' ħajtu jaqdi n-nies li kienu jħabbtu l-bieb tal-kunvent: morda, foqra, tallaba, persuni b'diżabilità. Anke l-għonja kienu jfittxuh għall-pariri tiegħu.

San Ġwann Macias miet f'Lima fil-15 ta' Settembru 1645. Hu kien kontemporanju ta' San Martin de Porres u Santa Roża ta' Lima. Il-ġisem tiegħu huwa vvenerat fil-Bażilika tar-Rużarju, f'Lima. Kien ibbeatifikat minn Papa Girgor XVI fl-1813 u kanonizzat minn Papa Pawlu VI nhar it-28 ta' Settembru 1975.





# San Piju ta' Pietrelcina

*Tifkira: 23 ta' Settembru*

Patri Piju ta' Pietrelcina, imwieled fis-seklu bħala Francesco Forgione, twieled nhar il-25 ta' Mejju 1887, f'familja fqira ta' bdiewa. Kien tifel marradi imma qaddis, daħal mal-Franġiskani Kapuċċini u ħa l-isem 'Piju' għal San Piju V, il-patrun ta' Pietrelcina. Kellu doni sopranaturali u fost l-oħrajn kellu l-ħames pjagi tal-Imsallab. Kien ifejjaq u kellu d-don tal-bilokazzjoni. Kien jaqra l-qlub u l-kuxjenzi ta' dawk li jersqu jqerru għandu. Għal ħamsin sena, ġarr f'ġismu l-ħames pjagi, mill-1918 sal-mewt tiegħu fl-1968.

Ta' ħames snin, Franġisku wiegħed lilu nnifsu lill-qaddis patrun ta' ismu, San Franġisk t'Assisi. Wara dan jingħad li kien ġa beda jkollu l-viżjonijiet. Ta' sittax-il sena beda n-novizzjat mal-Kapuċċini u ħa l-isem ta' Fra Piju. Sa mill-ewwel ġranet tiegħu fil-kunvent huwa sar il-mimmi ta' għajnejn il-patrijiet kapuċċini l-oħra. Fra Piju kien sar magħlub wisq u kien spiss jaqbdu deni qawwi. Dan kien deni li t-tobba ma setgħux jispjegaw. Xi drabi t-termometru kien jinkiser bil-qawwa tad-deni.

Piju kien ordnat saċerdot nhar l-10 ta' Awwissu 1910. Ftit inqas minn xahar wara li sar saċerdot, bdew jidhru fil-pali ta' jdejh bħal "dbabar ħomor" li kienu jweġġgħu ħafna iżda li wara xi ġurnata jew tnejn kienu jgħibu għal kollox.

Meta faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918), Piju bħaż-żgħażagħ Taljani l-oħra, nġabar bil-lieva iżda għamel biss xahar (Novembru 1915) minħabba d-deni stramb li reġa' qabdu. It-tobba militari eżentawh għal sena u Piju reġa' lura Pietrelcina. Meta għalqitlu s-sena eżentat mil-lieva huwa rraporta f'Napli fejn reġgħu eżentawh għal sitt xhur oħra, jiġifieri sa Ġunju 1917. F'Mejju ta' dik is-sena, mar l-ewwel u l-unika darba f'ħajtu Ruma biex jakkumpanja lil oħtu ż-żgħira li kellha ssir soru ta' Santa Briġida. F'Marzu 1918, inħeles darba għal dejjem mis-servizz militari għax instab li kien ibati bi bronco-polmonite kronika.

Darba, fil-jum tal-Ġimgħa, Piju kien waħdu fil-Kunvent għax il-patrijiet l-oħra kellhom xi qadjiet. Waqt li kien qiegħed għarkupptejh quddiem il-Kurċifiss, jingħad li Ġesù Msallab ħa l-ħajja u minnu ħarġu ħames vleġeġ li ppenetraw il-ġisem tiegħu.

Piju bilkemm kellu s-saħħa jqum mill-art u jasal saċ-ċella biex ikun jista' jbiddel ħwejġu u jnaddafhom mid-demm biex ma jindunawx b'dak li kien ġralu. Din id-darba l-Mulej ma neħħielux is-sinjali. Jingħad li Patri Piju baqa' b'dawk il-pjagi sal-aħħar jum ta' ħajtu.

Patri Piju jibqa' magħruf għall-imħabba kbira tiegħu lejn il-morda. Fl-1925, Patri Piju rranġa bini li qabel kien iservi ta' monasteru u għamel sptar żgħir li semmieh għal

San Franġisk. Iżda fl-1956 għamel l-opra kolossali tiegħu meta bil-flus ta' ħafna benefatturi fetaħ wieħed mill-aktar sptarijiet moderni anke sal-ġurnata tal-lum, "Casa Sollievo della Sofferenza" – Dar għas-Serħan tat-Tbatija.

Patri Piju miet f'San Giovanni Rotondo nhar it-23 ta' Settembru 1968. Ġwanni Pawlu II ħatru beatu fit-2 ta' Mejju 1999 u qaddis nhar is-16 ta' Ġunju 2002.





# San Vinċenz de Paul

*Tifkira: 27 ta' Settembru*

San Vinċenz twieled f'Pouy, qrib il-muntanji Pirinej, Franza, fl-24 ta' April 1581. Il-ġenituri tiegħu kellhom daqsxejn ta' razzett żgħir li minnu kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Meta l-missier ra li ibnu Vinċenz kien inklinat ħafna lejn l-istudju, iddeċieda li jedukah, u bagħtu jistudja f'kulleġġ immexxi mill-Franġiskani.

Meta Vinċenz kien qed jistudja, laqa' talba ta' wieħed sinjur mid-distrett biex ikun l-għalliem privat ta' wliedu. Hekk ma baqax iktar ta' piż finanzjarju fuq missieru.

Fl-1596 daħal l-Università ta' Toulouse biex jistudja l-filosofija u t-teoloġija. Fl-1600 sar saċerdot u baqa' jistudja sal-1605, meta telaq lejn Marsilja biex jiġbor somma ġmielha ta' flus li kienet imħollija lilu. Hu u ġej lura bil-baħar, il-pirati qabżu fuq il-ġifen tiegħu, u lilu ħaduh Tuneż. Hemm dam madwar sentejn u qeda tliet sidien bħala lsir, l-aħħar wieħed kien apostata, jiġifieri kien Nisrani u mbagħad sar Mawmettan. Bl-eżempju tal-ħajja tajba tiegħu, Vinċenz ħajru jerġa' jsir Nisrani, u flimkien miegħu ħarab minn Tuneż. Wara mawra qasira f'Ruma rritorna Franza fl-1607.

Mar Pariġi u hemm iltaqa' ma' Monsinjur de Berulle li wara nħatar Kardinal, u fuq il-parir tiegħu sar Kapillan ta' Clinchy, raħal żgħir qrib il-belt, fl-1611. Fl-istess waqt, kien ukoll kappillan tar-Reġina Margerita ta' Valois, u għalliem privat ta' wlied il-Konti de Gondi, li kien Ġeneral tax-xwieni kollha ta' Franza.

Fl-1617 beda jipprietka l-missjonijiet. Darba, meta kien f'raħal, sama' l-aħħar qrara ta' wieħed fqir qabel miet, u ntebaħ kemm il-fqar ta' Franza kellhom bżonn min jieħu ħsiebhom. Minn dakinhar intefa' b'ruħu u b'ġismu jaħdem għall-fqar, fil-ħabsijiet, fl-isptarijiet u fost l-ilsiera tax-xwieni. Fl-1619, inħatar uffiċjalment bħala Kappillan tal-ilsiera tax-xwieni.

Fl-1625 waqqaf il-"Kongregazzjoni tal-Missjoni", li l-membri tagħha saru magħrufa bħala "Lazzaristi" minħabba li l-kunvent kien iġib l-isem ta' San Lazzru "Saint Lazare".

Bil-għajnuna ta' Santa Lwiża de Marillac waqqaf il-"Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità", li l-"Kappella tagħhom kienet il-knisja parrokkjali u l-kunvent tagħhom kien fis-swali tal-morda fl-isptarijiet u fit-toroq mal-fqar."

Bil-għajnuna tal-membri ta' dawn il-kongregazzjonijiet huwa waqqaf orfanatrofji għas-subien u għall-bniet, sptarijiet, djar għall-kura tal-mard mentali, u rnexxielu jifdi iktar minn 1,200 ilsir f'Tuneż u fl-Alġier.

Kien bniedem li jġib il-ferħ kull fejn jersaq. Kien sensittiv ħafna għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Is-sabiħa hi li ma kienx hekk minn dejjem anzi kif jgħid hu stess kellu jissielet bis-sħiħ biex jirbaħ it-temperament supperv, żorr u aħrax li kellu.

San Vinċenz miet fis-27 ta' Settembru, 1660. Il-Papa Klement XII niżżel ismu fil-lista tal-Qaddisin. Il-Papa Ljun XIII ħatru Patrun tal-Istituzzjonijiet tal-Karità tal-Knisja.





# San Franġisk ta' Assisi

*Tifkira: 4 ta' Ottubru*

Franġisku twieled f'Assisi fl-Umbrija, fil-qalba tal-Italja, lejn l-aħħar tas-seklu tnax. Missieru, kummerċjant għani tad-drappijiet, malli ġie lura minn Franza, lil dan ibnu ried isejjaħlu "Francesco," b'rabta ma' Franza li hu tant kien iħobb. Ommu, ta' mara twajba li kienet, għamlet ħilitha biex trawwem fih sa minn ċkunitu mħabba kbira lejn Alla. Fl-iskola tal-parroċċa tgħallem jaqra u jikteb. Kien iħobb il-poeżija, u kellu ġibda għall-mużika.

Missieru kellu ħafna ambizzjonijiet għal ibnu; kien jittama li ibnu jasal għal pożizzjoni li tgħollih għal kollox 'il fuq mill-foqra u dawk li s-soċjetà kienet tqis bħala ż-żgħar. Sakemm kellu 23 sena, Franġisk kien il-hena ta' missieru għaliex hu wkoll kien mogħni b'tant xewqat li d-dinja ma titfgħux fil-ġenb. Kien ċert li jekk Franġisk jaqbad l-istess triq tiegħu kellu ċans kbir li jirnexxi fil-ħajja. Imma missieru ma kienx kuntent għal kollox bih. Franġisk kien jaf iħaddem moħħu biex jaqla' l-flus; imma, imbagħad, hu kien ħali, u jtajjar somom kbar. Żgħażagħ tal-età tiegħu kienu jixxalaw ħafna minn fuq dahru; lilu kienu jarawh bħala l-mexxej tagħhom għaliex mhux biss kien jonfoq, imma kien kapaċi wkoll jagħti ħajja lill-festi li kienu jiġu organizzati. Franġisk kien jiġbed lejh l-attenzjoni taż-żgħażagħ ta' Assisi għaliex kien iħobb jitfa' fuqu lbies li jagħti ħafna fil-għajn, u jgħaqqad oħrajn miegħu fid-daqq u fil-kant. Minkejja dan, missieru u ommu riedu jkunu ġenerużi miegħu. Missieru, għalkemm ma kienx japprova dak l-infiq, ħassu hieni li ibnu kien tant maħbub u stmat. Ommu kienet qed tapprezza ħafna l-kwalitajiet tajbin ta' binha; għalkemm iħobb il-ħajja, Franġisk kien dejjem ta' mġiba tajba, nobbli fi kliemu u għemilu, u ta' qalb kbira mal-foqra.

Fil-gwerra li nqalgħet bejn Assisi u Peruġja, Franġisku ta s-sehem tiegħu. Dawk ta' beltu sofrew telfa, u hu nnifsu waqa' priġunier. Dak kien żmien meta Franġisk beda jirrifletti fuq il-veru valur tal-ħajja. Wara sena magħluq fil-ħabs, Franġisk waqa' f'marda li ħadet fit-tul. Imma malli fieq mill-marda tiegħu, lilu malajr reġgħu rikbuh l-ambizzjonijiet ta' qabel, u telaq lejn il-Pulja bit-tama li jinħatar Kavallier. Imma bilkemm beda dak il-vjaġġ, li kellu ħolma li ġegħlitu jirrifletti ħafna. X'inhu l-aħjar timxi wara l-Imgħallem jew wara l-qaddej? Franġisk ma ddubitax liema kellha tkun l-għażla tiegħu. Imma hu ma kienx fehem x'kellu jagħmel.

Lura lejn Assisi, beda għal Franġisk żmien ġdid. Hu qisu nesa l-ħbieb tal-imgħoddi, u ntafa' f'ħajja ta' ġabra. F'għar fqajjar maqtugħ mill-ħsejjes tal-belt,

Franġisk fit-tnehid talab mingħand Alla dawl biex jurih x'ried minnu. Franġisk, żagħżugħ imrobbi fil-fsied, kellu bħal stmerrija mill-mard tal-ġdiem. Imma, f'dan iż-żmien ta' xejra ġdida għal ħajtu, hu għamel rebħa kbira fuq in-natura dgħajfa tiegħu meta, bi mħabba sinċiera, għannaq miegħu u bies bniedem milqut mill-ġdiem. Ftit wara din il-ġrajja, Kristu Msallab qanqlu meta jingħad li kellmu għall-ewwel darba, u mlielu lil qalbu bi mħabba kbira lejn it-tbatijiet li l-Mulej kien ġarrab f'ħajtu.

Franġisk baqa' ġeneruż bħalma kien qabel; imma dawk li stħoqqilhom il-ġenerożità tiegħu kienu oħrajn. L-imġiddmin dehrulu l-iżjed mitluqin fost il-morda; għalhekk, hu ħabbhom bi mħabba speċjali. Barra minn dan, minflok ma tajjar flusu f'divertimenti, Franġisk beda jqassam ħafna karità lill-foqra, u ma qatax milli jgħin lill-knejjes foqra tal-belt ta' Assisi u lis-saċerdoti li kienu jieħdu ħsiebhom. Knisja għażiża għal qalbu kienet dik ta' San Damjan. F'dik il-knisja ċkejkna u fi stat ħażin, hu sama' leħen mill-Kurċifiss impinġi li kien imdendel wara l-altar. Dan stiednu biex isewwi l-Knisja tiegħu li kienet qed tiġġarraf.

Franġisk kien għadu ma fehemx tajjeb x'ried Alla mingħandu. Imma hu beda jintebaħ li l-Mulej riedu jagħti ħajtu għas-servizz tal-Knisja. Għal xi żmien, Franġisk ħalla daru, inġabar fil-knisja ta' San Damjan, u għamel dak li s-saċerdot tal-post talab mingħandu.

Missieru kien għadu jittama li dak ma kienx ħlief żmien qasir ta' kriżi. Imma, meta baqa' jara 'l ibnu mitfugħ fuq attivitajiet li 'l dak il-missier dehru jbaxxuh, missieru ħa deċiżjoni li għal Franġisk fissret ħajja ġdida. Quddiem missier irrabjat u fil-preżenza tal-Isqof Gwido ta' Assisi li kien qed jagħmilha ta' mħallef, Franġisk iddikjara li jiċħad għal kull wirt li kien imissu minn missieru. "Mil-lum 'il quddiem," stqarr iż-żagħżugħ Franġisku, "ngħid: Missierna, li inti fis-smewwiet."

Issa Franġisku kien ċert x'kellha tkun it-triq ta' ħajtu. Hu libes libsa fqajra b'salib fuqha, u dak li kien jixtieq isir "Kavallier tad-dinja," sejjaħ lilu nnifsu "Kavallier tar-Re l-Kbir." Franġisk beda sentejn ta' ħajja iebsa maqtugħ għalih waħdu, mogħti għat-talb u għall-penitenza. Hu għex ukoll jaqdi u jitlob f'xi monasteri Benedittini, u għamel fihom il-ħidmiet l-iżjed umli u l-iżjed iebsin. Kienu għadhom f'moħħu l-kelmiet tal-Kurċifiss ta' San Damjan li qallu: "Sewwi l-Knisja tiegħi." Franġisk aċċetta dawk il-kelmiet kif daqqew f'widnejh; għalhekk, hu ntafa' biex isewwi l-ħsara li kien fihom tliet knejjes ċkejknin ta' madwar Assisi: dawk ta' San Damjan, San Pietro della Spina, u Santa Marija tal-Anġli.

Franġisk kien qed jistenna għal darb'oħra l-leħen ta' Alla. Hu ma ġġarrafx quddiem id-disprezz ta' dawk li fl-imgħoddi kienu ħbiebu; imma hu lanqas ma ntefaħ bl-ammirazzjoni ta' dawk li raw fih bidla tal-għaġeb. Darba, waqt li fil-knisja ta' Santa Marija tal-Anġli sema' l-qari tal-Vanġelu, hu ntlaqat minn kelmiet li ħasshom qed jingħadu għalih. Kienu l-kelmiet li Kristu bihom ħabbar x'kellha tkun il-missjoni tal-appostli, u l-ħajja ta' faqar li kienu sejrin jgħixu. Saċerdot fissirlu dawk il-kelmiet tal-Mulej, u hu sema' t-tifsira bil-ferħ għaliex Alla rrivelalu li dawk kienu jgħoddu għalih ukoll. Minn dak il-waqt 'il quddiem, Franġisk biddel ukoll il-libsa tiegħu: beda jilbes ċoqqa griża, lewn l-irmied, tħażżem b'ħabel abjad, u ried li jimxi ħafi. L-Isqof ta' Assisi tah il-permess li jipprietka l-Vanġelu fil-knisja ta' San Ġorġ; fid-dawl tal-kelmiet ta' Kristu, Franġisk ipprietka l-paċi u l-penitenza.

Għalkemm ma tkellimx bil-kelmiet diffiċli tal-għorrief, ma kinux ulied il-poplu biss dawk li ssaħħru minn kliemu. L-għani Bennard u l-ġurista Pietru Cattani wrewh li xtaqu li flimkien miegħu jaqsmu l-istess ħajja tiegħu. Imma, mal-għonja u l-għorrief, malajr tħalltu l-foqra u s-sempliċi. Fl-ewwel sena, kien hemm tmienja oħra li għażlu dik l-għamla ta' ħajja. Franġisk, li ried jgħix dejjem f'ubbidjenza lejn il-Knisja, sena wara, ħadhom miegħu Ruma, quddiem Papa Innoċenz III. Il-Papa sabha diffiċli biex jagħtihom l-approvazzjoni tiegħu; imma l-Mulej nebbħu li kien sejjer jinqeda b'dak il-bniedem qaddis sabiex il-Knisja ma tiġġarrafx.

Bil-barka tal-Papa, Franġisk beda jinħass bħal Kristu ieħor iħabbar l-aħbar it-tajba. Hu kien predikatur li jgħaddi minn post għall-ieħor. Kien jitkellem b'kelmiet li jifhimhom kulħadd u kien jolqot il-bniedem fil-laħam il-ħaj. Franġisk kien il-ħabbar tassew tal-kelma ta' Alla għaliex ix-xandir tal-kelma kien ifisser li min jisimgħu, aktar milli jitgħallem, jieħu d-deċizjoni li jbiddel ħajtu.

Anki l-għorrief u l-kbar tad-dinja kienu jisimgħuh, u l-kelmiet imqanqla tiegħu ġieli ġiebu fihom sens ta' biża' li ma setax ma jiswilhomx ta' ġid. Minkejja dan, il-bniedem li ssejjaħ "dawl mibgħut mis-sema", "il-mibgħut minn Alla", jew "Kristu ieħor" emmen li ma kienx jistħoqqlu li jkun saċerdot. Għalhekk, hu għażel li jibqa' jservi 'l Alla bil-ministeru ta' djaknu.

Il-qasam ewlieni tal-ħidma appostolika ta' San Franġisk kien l-Italja għaliex f'din l-art hu ħadem bla waqfien mis-sena 1208 'il quddiem. Imma dak li tant kellu jifraħ għall-fatt li x'uħud minn uliedu fl-Ordni tal-Minuri mietu f'art ta' missjoni għal Kristu, ma setax ma jkunx hu nnifsu mħeġġeġ bl-istess entużjażmu. Il-ħeġġa missjunarja u x-xewqa tal-martirju ingħaqdu flimkien f'San Franġisk. Imma l-ewwel darbtejn li pprova jmur lejn is-Sirja u l-Marokk, darba minnhom tempesta, u darb'oħra l-mard, reġġgħuh lura lejn art twelidu.

Fis-sena 1212, San Franġisk waqqaf it-tieni Ordni tiegħu li kien dak tas-Sorijiet. Fil-bidu ssejħu: "Id-Dami Fqajrin ta' San Damjan". Għalkemm San Franġisk kien ir-ruħ ta' din l-istituzzjoni, huma sabu mexxejja kbira f'Santa Klara ta' Assisi: li minnha s-Sorijiet issejħu "Klarissi".

Ftit wara t-tluq tal-ewwel missjunarji tiegħu, San Franġisk innifsu, fl-24 ta' Lulju 1219, salpa lejn l-Eġittu. Is-Sultan Malik-el-Kamil laqgħu tajjeb u sema' l-kelma tiegħu. Is-Sultan inġibed lejn dak il-bniedem għaliex kien konvint li hu riedlu l-ġid; imma ma ħalliex it-twemmin Musulman tiegħu. San Franġisk ma ġiex mogħti l-martirju għal Kristu għaliex, fiż-żmien qasir ta' esperjenza missjunarja, lilu ħabbewh anki dawk li ma qablux ma' dak li kien qed jippritkalhom. F'dak iż-żmien, ir-raba' Konċilju tal-Lateran kien ordna li ssir Kruċjata ġdida. Din kienet bejn is-snin 1217 - 1221. L-imġiba ta' San Franġisk wriet li, fi żmien ta' falliment sħiħ ta' dik il-Kruċjata, aktar kien hemm possibiltà li l-Musulmani jersqu lejn Kristu permezz ta' messaġġier ta' paċi, milli permezz ta' suldati li jużaw l-armi kontra dawk li ma jaqblux magħhom.

Nhar l-24 ta' Diċembru, 1223, huwa ġabar miegħu l-bdiewa u r-rgħajja fqajrin li kienu jgħixu qrib l-għolja ta' Greccio. San Franġisk riedhom li jħossu l-imħabba kbira ta' Ġesù għall-bniedem meta għażel li jitwieled fil-għar ta' Betlem. Hu ppreżenta presepju ħaj, u tkellem b'kommozzjoni kbira fuq dan il-misteru tal-għaġeb. Dik id-drawwa malajr bdiet tinfirex mad-dinja kollha kemm hi. Għalkemm ma kienx l-ewwel

darba li sar il-presepju fid-dinja Nisranija, madankollu kien San Franġisk li qanqal l-imħabba ta' kulħadd għall-presepju.

Mis-sena 1221 'il quddiem, meta kien għadu ta' madwar 40 sena, Franġisku kien marid. L-ulied spiritwali tiegħu diġà kienu jwasslu għal eluf. Kien hemm bżonn ta' mexxej minfloku. Għalhekk fis-sena 1221, San Franġisk għażel lil Fra Elija ta' Cortona biex ikun il-Vigarju tiegħu fit-tmexxija. L-aħħar snin ta' ħajtu kienu dawk li fihom issokta jingħaqad ma' Alla dejjem iżjed fit-talb. L-għaqda ma' Kristu msallab kien qed iħossha fil-ġisem u r-ruħ tiegħu għaliex hu kien għaddej minn żmien ta' tbatija.

Fis-sajf tas-sena 1224, San Franġisk inġabar fis-skiet tal-kunvent li kien fuq il-għolja La Verna. Il-qaddis kien jgħakkes il-ġisem tiegħu billi, matul is-sena, isum ir-Randan għal seba' darbiet. Fuq dik il-għolja, hu kien qiegħed isum ir-Randan li kien jagħmel f'ġieħ l-Arkanġlu San Mikiel. Lejn il-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib, li taħbat fl-14 ta' Settembru, waqt li kien fuq dik l-għolja fi ġranet ta' sawm u f'meditazzjoni fuq il-passjoni ta' Kristu, jingħad li l-Mulej Ġesù deherlu b'sitt iġwienaħ, bħal serafin, maqtugħ fl-ajru u b'dirgħajh miftuħin, bir-riġlejn ma' xulxin, u msallab ma' salib. Mill-ġwienaħ, tnejn kienu weqfin fuq ir-ras, tnejn mifruxin għat-titjir, u tnejn jiksu l-ġisem kollu. Imbagħad, waqt li kien mitluf f'estasi ta' mħabba, fl-idejn, fir-riġlejn, u fil-ġenb ta' Franġisku bdew jidhru l-pjagi tal-istess Kristu msallab. L-idejn u r-riġlejn dehru minfudin b'imsiemer li kellhom bħal ras tonda u sewda fuq iż-żewġ naħat; kienu ppuntati u milwijin sabiex ma jinqalgħux. L-imsiemer kienu tal-laħam stess, imma maħruġin 'il barra. Il-ġenb lemini wkoll deher bħallikieku minfud minn lanza, u kien jagħti fl-aħmar bħall-ġerħa li kellu; ta' sikwit, il-ġerħa kienet tnixxi d-demm, u lbiesu kien jiċċappaslu. Minn dak il-waqt, il-qaddis Franġisku, li sa minn tant żmien kien jarawh bħal Kristu ieħor, ġie trasfigurat fi xbieha ħajja tal-Mulej anki fl-istess ġisem tiegħu.

Minn mindu ngħata l-pjagi, San Franġisk ma qata' qatt milli jbati fil-ġisem tiegħu. Hu mar lejn Assisi fejn għadda l-aħħar sentejn ta' ħajtu, u kien dejjem marid. Persuni għeżież kienu jieħdu ħsiebu, u jikkurawh. Ma kienx possibbli li jaħbihom. Imma ftit kienu dawk li raw il-pjagi tiegħu. L-aħħar sentejn ġiebu magħhom tbatijiet oħrajn. San Franġisk kien qiegħed jitlef id-dawl ta' għajnejh. F'dan iż-żmien li matulu Kristu kien għaqqdu miegħu tant mill-qrib fil-passjoni tiegħu, San Franġisk kiteb l-"Għanja tal-Ħejjaq". Biex jobdi lill-Kardinal Ugolino ta' Segni, il-Protettur tal-Ordni, San Franġisk qagħad għal xi kura li riedu jagħmlulu f'għajnejh it-tobba tal-Qorti Papali nnifisha. Dan kien f'Rieti fis-sena 1225; kienet kura li ġiebet magħha tbatijiet kbar fil-pazjent. Fl-aħħar sena ta' ħajtu, fl-1226, San Franġisk għadda perjodi qosra fi Siena u f'Cortona. F'dak iż-żmien, il-qaddis deher tant magħfus bl-uġigħ b'mod li kulħadd ħaseb li kien sejjer imut. Fix-xahar ta' April 1226, bil-mod il-mod u b'ħafna waqfien, San Franġisk reġa' ttieħed fil-belt ta' Assisi. Għall-ewwel, hu nżamm fil-palazz tal-Isqof; imbagħad, għall-aħħar ta' Settembru, hu ġie trasportat fil-kunvent għażiż tal-Porzjunkola.

Franġisku għadda l-aħħar ħinijiet ta' ħajtu jimmedita fuq il-passjoni ta' Kristu li r-rakkont tagħha nqralu mill-Vanġelu ta' San Ġwann. Flimkien ma' ħutu reliġjużi, hu ried iġedded ukoll it-tifkira tal-aħħar ċena tal-Mulej mal-appostli. Il-mewt, li San Franġisk fil-"Għanja tal-Ħlejjaq" ried isejħilha "Oħtu", ma kenitx fil-bogħod. Ir-

reliġjużi bdew ikantaw is-Salm 142: "B'leħen qawwi lill-Mule] insejjaħ; b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob". U, lejn it-tmiem tas-Salm, meta tkantaw il-kelmiet: "Mill-ħabs oħroġni, biex inrodd ħajr lil ismek. Madwari jduru l-ġusti, għax Int timxi tajjeb miegħi", ruħu ħarġet minn ġismu. Kien is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 1226, filgħaxija. San Franġisk kellu biss qrib-il 45 sena.

Billi ma nżul ix-xemx kien jitqies li bdiet il-ġurnata ta' wara, it-tifkira ta' San Franġisk intrabtet dejjem mal-4 ta' Ottubru. Hu ġie ddikjarat qaddis mill-Papa Girgor IX, ħabib kbir u ammiratur tiegħu, fis-16 ta' Lulju, 1228.

Hu l-qaddis patrun tal-ambjent, tal-annimali, tal-ekoloġisti, tan-negozjanti, tal-Azzjoni Kattolika, u tal-Italja.



# San Daniel Comboni

*Tifkira: 10 ta' Ottubru*



Daniel Comboni twieled f'Limone sul Garda fi Brescia, fl-Italja fil-15 ta' Marzu tas-sena 1831. Hu skopra l-vokazzjoni tiegħu f'Verona waqt li kien qed jistudja. Hemmhekk studja, fost l-oħrajn, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Għarbi, u anke l-mediċina.

Ġie ordnat saċerdot fis-sena 1854. Tliet snin wara telaq għall-missjoni fl-Afrika flimkien ma' ħames missjunarji oħra. Il-missjoni tiegħu kienet li jikseb il-ħelsien ta' tfal li kienu lsiera. Fil-bidu sabha diffiċli biex ixandar il-Vanġelu, speċjalment meta sab ruħu f'Kartum, il-kapitali tas-Sudan, anke minħabba s-sħana u l-mard, u l-qagħda ta' faqar kbir. Uħud minn sħabu l-missjunarji mietu.

Meta reġa' lura lejn l-Italja, hu ppjana strateġija ġdida għall-ħidma missjunarja fl-Afrika. Talab l-għajnuna mingħand isqfijiet u nies ta' qagħda finanzjarja tajba sabiex ikompli jwettaq il-ħidma tiegħu. Waqqaf ukoll rivista missjunarja, li kienet l-ewwel waħda fl-Italja kollha, u dan għamlu biex din isservi ta' strument ta' animazzjoni missjunarja. Kien jafda l-missjoni tiegħu f'idejn Alla l-Imbierek u l-ħidma missjunarja wettaqha frott l-imħabba kbira li kellu lejn l-Afrika. Dan iż-żelu missjunarju wasslu sabiex iwaqqaf istituti missjunarji għall-irġiel u għan-nisa fl-1867 u fl-1872 rispettivament.

Bħala t-teologu għall-isqof ta' Verona, hu seta' jieħu sehem fil-Konċilju Vatikan l-Ewwel. Sebgħin isqof iffirmaw petizzjoni favur l-evanġelizzazzjoni tal-Afrika Ċentrali. Nhar it-2 ta' Lulju 1877, hu nħatar Vigarju Apostoliku għall-Afrika Ċentrali u kien allura ordnat isqof. Fil-ħidma missjunarju tiegħu fl-Afrika, San Daniel ipprova jiġbed l-attenzjoni tal-pajjiżi Ewropej biex jagħtu kas tal-foqra li kienu jgħixu f'bosta pajjiżi fl-Afrika. Kien idur l-ibliet, fosthom Londra u Pariġi, biex jiġbor il-flus mingħand is-slaten u l-isqfijiet sabiex ikun jista' jwettaq opri ta' karità b'risq il-foqra u l-morda. Baqa' jaħdem sal-aħħar kontra l-iskjavitù tal-popli Afrikani.

Miet f'Kartum nhar l-10 ta' Ottubru 1881, waqt imxija tal-kolera, fl-età ta' 50 sena.



# San Martin de Porres

*Tifkira: 3 ta' Novembru*



San Martin twieled fid-9 ta' Novembru 1579, f'Lima, il-Perù, fl-istess belt u l-istess żmien ta' Santa Roża ta' Lima. It-tnejn kienu ħbieb ħafna u t-tnejn saru reliġjużi Dumnikani.

Martin kien it-tifel ta' sinjur kbir Spanjol u ta' mara fqira sewda. Meta twieled, missieru ma riedx jaf bih, għalhekk kellu jaqsam il-faqar ta' ommu sakemm tmien snin wara missieru aċċettah.

Ta' tnax-il sena daħal jaħdem ma' wieħed tabib li kien ukoll parrukkier, għalhekk tgħallem is-sena ta' parrukkier, u wkoll kif jagħmel xi mediċini, jamministrahom, u jdewwi l-ġrieħi.

Meta kellu sittax-il sena, talab lill-Patrijiet Dumnikani biex iħalluh jgħinhom fix-xogħol tagħhom. Il-Patrijiet ħallewh, u wara disa' snin, meta raw kemm kien żagħżugħ bil-għaqal, aċċettawh ukoll bħala fratell magħhom, fl-1603.

Bil-għajnuna ta' xi nies li ssieħbu miegħu, waqqaf orfanatrofju, u ġabar flus biżżejjed għall-fondi permanenti ħalli xebbiet fil-bżonn tingħatalhom dota biex biha jkunu jistgħu jiżżewġu. Barra minn hekk, kien jgħin ħafna lill-ilsiera suwed li kienu jinġiebu fil-Perù mill-Afrika.

Għex ħajtu jgħin lill-foqra u lill-morda, u jittrattahom bid-dinjità ta' bnedmin, u kien ifakkarahom f'Alla li jħobb bl-istess mod lill-bnedmin kollha ta' kull ġens u ta' kull kulur.

Miet meta kellu sittin sena, fil-kunvent tar-Rużarju Mqaddes ta' Lima, fit-3 ta' Novembru, 1639. Lima kollha bkietu, u l-kelmiet "Miet l-ikbar ħabib tal-fqar," kienu fuq fomm kulħadd.

Ġie bbeatifikat mill-Papa Girgor XVI fl-1837 u kkanonizzat fl-1962 mill-Papa Ġwanni XXIII.





# San Martin ta' Tours

*Tifkira: 11 ta' Novembru*

San Martin twieled madwar is-sena 316, minn ġenituri pagani f'Sabaria, l-Ungerija, fejn missieru, li kien fizzjal fl-Armata Rumana kien stazzjonat. Ftit wara, missieru ġie trasferit f'Pavia, l-Italja.

Ta' ħmistax-il sena, daħal fl-Armata Rumana, u xi sentejn wara ntbagħat f'Amiens, Franza. Hawn iltaqa' ma' wieħed fqir, li kien qed iterter bil-bard, ġietu ħniena minnu, qabad il-mantell li kellu fuqu, qasmu fi tnejn u tah biċċa. Bil-lejl kellu viżjoni li dak il-fqir kien Ġesù stess.

M'għaddiex żmien twil, meta ħalla l-Armata, u tgħammed. Wara mar Poitiers, fi Franza fejn ġie ordnat saċerdot minn San Ilarju, li kien Isqof ta' Poitiers. San Martin talab lill-Isqof biex jagħtih biċċa art biex hemm ikun jista' jgħix fis-solitudini. Hawn bdew jingħaqdu miegħu xi eremiti oħrajn, u bil-mod bena dak li kellu jkun l-ewwel monasteru ta' Franza, ġo Ligugé, li malajr iffjorixxa.

Meta miet San Ilarju, in-nies bi ħġarhom marru għal San Martin, ġabuh u għamluh Isqof tagħhom fis-sena 371. Bħala Isqof baqa' jgħix ħajja umli u sempliċi. Miet fit-8 ta' Novembru 397, fl-età ta' 81 sena.

San Martin huwa l-ewwel Qaddis fil-Knisja tal-Punent li ġie pubblikament ivvenerat qaddis għalkemm ma kienx miet martri. Difnuh f'Tours.





# Santa Elizabetta tal-Ungerija

*Tifkira: 19 ta' Novembru*

Fil-ħajja qasira tagħha, Santa Elizabetta spikkat fl-imħabba kbira li kellha lejn il-foqra u lejn il-morda. Aktarx li twieldet fl-1207, f'Sarospatak, fl-Ungerija. Missierha kien ir-Re Indrì II tal-Ungerija, u ommha kienet ir-Reġina Ġertrude ta' Merano, għalhekk trabbiet f'ħafna kumdità. Fl-1221, meta kellha biss 14-il sena, iżżewġet lil Ludoviku IV, Landgraf tat-Turinġja, fil-Ġermanja. Żewġha kellu 21 sena , 7 snin akbar minnha. Kien żwieġ qasir, imma kien tassew hieni għax kienu jinħabbu ħafna. Kellhom tlitt itfal.

Sa minn ċkunitha kellha qalbha tajba mal-fqar u l-morda. Meta żżewġet sabet l-għajnuna ta' żewġha għax hu wkoll kien karitattiv. Bl-għajnuna ta' żewġha, bniet sptar ħdejn il-palazz tagħha, u hi stess kienet tmur iddur bil-morda. Ġieli ġara li meta l-isptar kien ikun mimli bil-pazjenti, kienet tieħu l-morda fil-palazz tagħha.

Wara sitt snin ta' ħajja l-iktar kuntenta fiż-żwieġ, żewġha miet fl-Italja minn marda li ħakmitu waqt li kien qed jieħu sehem fil-Kruċjata tal-Imperatur Frederiku II, fl-1227, 18-il ġurnata wara t-twelid tat-tielet tarbija tagħha Ġertrude.

L-għedewwa politiċi ta' żewġha keċċewha mill-palazz, u eżiljawha. Elizabetta, li issa kellha 20 sena, waqgħet f'faqar kbir għax il-qraba tagħha (min-naħa ta' żewġha) ċaħħdu lil din l-armla żagħżugħa minn kull kenn u mezzi għaliha u għal uliedha. Hi kellha tmur minn post għal ieħor tittallab il-karità, imma l-virtujiet tagħha kienu akbar mill-isfortuni tagħha. Irrifjutat li terġa' tiżżewweġ. Minflok, hija ritirat ġewwa Eisenak, imbagħad fil-kastell ta' Pottenstin. Iżda wara, għażlet li tgħix ġo dar modesta, ġewwa Marburgo.

Inkitbet mat-Terz'Ordni tal-Franġiskani u kienet iżżur il-morda darbtejn matul il-jum u tgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom, tant li ftaqret hi stess. Kienet tmur titlob il-karità u tagħmel l-aktar xogħlijiet umli fejn kien meħtieġ. Din l-għażla ta' ħajja qajmet rabja kbira fost il-kunjati tagħha, tant li waslu biex ħadulha l-kustodja ta' wliedha. Imma xejn ma seta' jtellef jew inaqqas il-ġentilezza jew it-tjubija tagħha, lanqas is-severità eċċessiva tas-saċerdot li għażlet bħala direttur spiritwali tagħha.

Fl-aħħar, kisbet lura xi ftit mill-ġid li kellha u permezz tiegħu ħasbet għall-futur ta' wliedha imma qassmet il-bqija tas-sehem tagħha f'opri ta' karità.

Mietet fis-16 ta' Novembru 1231, meta kellha 24 sena. Il-Papa Girgor IX iddikjaraha Qaddisa fl-1235, erba' snin biss wara mewtha.



# San Nikola ta' Bari

*Tifkira: 6 ta' Diċembru*



San Nikola twieled lejn is-sena 270, minn familja sinjura f'Patara, Liċja, fl-Asja ż-Żgħira fejn San Pawl kien ħawwel il-fidi. Sar Isqof ta' Mira, illum Dembre, raħal fit-Turkija. Kien mitfugħ il-ħabs fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu u ġie meħlus minn Kostantinu. X'aktarx li attenda l-Konċilju ta' Niċea fis-sena 325, u miet f'Mira bejn 345 u 352.

Fl-1087, wara l-invażjoni tal-Asja ż-Żgħira mill-Musulmani, il-fdal tiegħu ġie miġjub f'Bari, l-Italja, fejn għadu hemm sal-lum. Għalhekk jissejjaħ San Nikola ta' Bari.

San Nikola hu magħruf mad-dinja kollha speċjalment għall-istejjer ta' karità li xterdu dwaru. Fosthom meta darba sema' b'wieħed raġel li ma kellux flus biżżejjed biex iżewweġ it-tliet xebbiet li kellu. San Nikola mar bil-lejl u tefagħlu mit-tieqa tliet boroż tal-flus biex ikun jista' jżewwiġhom. Minn hawn ġejja t-tradizzjoni ta' San Niklaws, jew Santa Klaws, il-Father Christmas tal-Milied li jġib ir-rigali. F'ħafna pajjiżi tal-Ewropa ta' Fuq, dan il-personaġġ tal-Milied għadu jissejjaħ Santa Klaws u jlibbsuh ta' isqof.

Kellu mħabba wkoll lejn il-morda u l-priġunieri. Storja oħra tgħid li San Nikola fi żmien Kostantinu rnexxielu jipprova l-innoċenza ta' tliet żgħażagħ li kienu kkundannati għall-mewt mill-Gvernatur Estathius, u b'hekk ġew meħlusin. Stejjer bħal dawn għamluh popolari ħafna.



# San Ġwann ta' Matha

*Tifkira: 17 ta' Diċembru*



San Ġwann ta' Matha twieled u għex fi żmien il-Medjuevu. Kien żmien li fih ħafna Nsara kienu jmorru pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa, li kienet tinsab f'idejn il-Musulmani. Kien żmien ukoll li fih bdew il-Kruċjati, propju biex dawn il-postijiet qaddisa jkunu f'idejn l-Insara. Kien ukoll iż-żmien li fih bdew jinbtu ħafna Ordnijiet reliġjużi, u wkoll Ordnijiet militari bil-għan li jikkumbattu l-Musulmani. F'dan il-ġlied, ħafna kienu jaqgħu lsiera.

San Ġwann twieled fi Provenza, fi Franza. Il-familja tiegħu kienet nobbli, u għalhekk missieru bagħtu fil-belt ta' Aix biex jirċievu edukazzjoni li kienet tingħata f'dawk iż-żminijiet lit-tfal ta' familji nobbli: grammatika, ġlied bix-xabla u jirkeb żiemel. Jingħad li San Ġwann irregala parti sew mill-flus li kien tah missier lill-foqra, u kien iżur l-isptar kull nhar ta' Ġimgħa, biex jassisti l-morda foqra.

Minn hemm mar Pariġi fejn ħa d-dottorat fit-teoloġija u kien ordnat saċerdot fl-1197 ta' 37 sena. It-tradizzjoni tal-Ordni tat-Trinitarji tgħidilna li dakinhar tal-ewwel quddiesa solenni tiegħu, hu kellu viżjoni u ra lil Kristu maestuż Pantakrator qed iżomm żewġ ilsiera, wieħed iswed u l-ieħor le. Billi dak kien żmien li fih ħafna kienu jinqabdu ħafna lsiera, San Ġwann fehem li l-Mulej kien qed jgħidlu sabiex jagħmel xi ħaġa speċjali favur l-ilsiera. Hu ngħaqad ma' San Feliċ ta' Valois fl-eremitaġġ tiegħu ta' Cerfroid u għarraflu bl-idea tiegħu li jwaqqaf ordni reliġjuża għall-fidwa tal-ilsiera Nsara minn taħt idejn il-Misilmin fi Spanja.

Lejn tmiem l-1197 it-tnejn marru Ruma u s-sena ta' wara kisbu l-approvazzjoni tal-Papa Innoċenzju III għat-twaqqif tal-Ordni tat-Trinitari, bi Ġwanni bħala s-superjur. Huma wkoll kellhom l-approvazzjoni tar-re Filippu Awgustu ta' Franza. L-ordni kiber u xtered fi Franza, Spanja, l-Italja u l-Ingilterra, u bagħat ħafna membri tiegħu fl-Afrika ta' Fuq, u fdew għadd kbir ta' lsiera. Hu saħansitra mar quddiem is-sultan tal-Marokk b'ittra mill-Papa sabiex jagħmel l-ewwel ħidma ta' fidwa għall-ilsiera fis-sena 1199 u ħeles madwar mitt ilsir Kristjan.

San Ġwann ta' Matha miet Ruma fis-17 ta' Diċembru 1213, u r-relikwi tiegħu ġew trasferiti minn Ruma għal Madrid fi Spanja fl-1655.





# Santa Francesca Saverja Cabrini

*Tifkira: 22 ta' Diċembru*

Franġiska twieldet f'Sant'Angelo Lodigiano, qrib Milan; kienet l-iżgħar fost 13 -il aħwa ta' familja ta' bdiewa. Minn kmieni kienet mimlija b'żelu missjunarju għax fil-familja kienu jinqraw l-Annali tal-Propagazzjoni tal-Fidi. Hija kisbet ċertifikat ta' għalliema u applikat biex tidħol soru f'żewġ ordnijiet reliġjużi differenti li kellhom djar fil-missjoni, iżda d-darbtejn ġiet irrifjutata billi kienet tidher ta' saħħa dgħajfa.

Kellha devozzjoni lejn San Franġisk Saverju, tant li bħala soru ħadet l-isem tiegħu. Ix-xewqa tagħha kienet li tmur missjunarja fiċ-Ċina. Kontra qalbha, fuq talba tal-isqof tagħha, hija pprovat issalva orfanatrofju f'Codogno u tagħmel l-istaff tiegħu komunità reliġjuża, iżda wara 6 snin ta' xogħol iebes, din il-ħidma ma rnexxietx.

Fl-1880, meta kellha 30 sena, Franġiska b'7 sħabha mill-orfanatrofju bdiet il-komunità tagħha tas-Sorijiet Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù bl-iskop li jmorru missjunarji fiċ-Ċina.

L-isqof ta' Piacenza, il-Beatu Giovanni Battista Scalabrini, issuġġerielha li tmur taħdem fost l-immigranti Taljani, speċjalment fl-Istati Uniti, bħalma ġa kienet qiegħda tagħmel il-kongregazzjoni tiegħu ta' San Karlu; iżda qalb Madre Cabrini kienet aktar miġbuda lejn iċ-Ċina.

Dik il-ħabta eluf kbar ta' Taljani kienu emigraw lejn l-Amerika fejn ma kienu popolari xejn; ħafna minnhom bla sengħa u bla ma jafu kelma bl-Ingliż, u spiss kienu jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn kienu jiġu sfruttati. Madre Franġiska talbet il-parir tal-Papa Ljun XIII, li bla tlaqliq qalilha: "Mhux lejn il-Lvant, iżda lejn il-Punent." Hija obdiet mill-ewwel u flimkien ma' sitt sorijiet tagħha waslet fi New York fl-1889, fejn ma damitx ma waqqfet l-ewwel dar u orfanatrofju.

L-ilsien Ingliż sabitu tqil, kif ukoll ħassitha stramba meta kellha tiltaqa' mal-Protestanti, imma ma kinitx bniedma taqta' qalbha. Minkejja li għall-bidu kienet tibża' tivvjaġġa fuq il-baħar, hi qasmet l-Atlantiku tletin darba. Matul 28 sena rnexxielha twaqqaf diversi skejjel, djar għall-iltiema, kif ukoll erba' sptarijiet, fosthom il-famuż Columbus Hospital ġo New York.

Madre Cabrini daħħlet ukoll is-sorijiet tagħha f'diversi pajjiżi fl-Ewropa barra mill-Italja, fosthom Franza, Spanja u l-Ingilterra, kif ukoll fl-Amerika t'Isfel bħall-Brażil, l-Arġentina u n-Nikaragwa. Xtaqet tasal anki sal-Alaska.

Madre Cabrini mietet għal għarrieda waħedha f'wieħed mill-isptarijiet tagħha f'Chicago waqt li kienet tħejji r-rigali tal-Milied għal 500 tifel u tifla, nhar it-22 ta' Diċembru 1917 meta kellha 67 sena. Ġiet ibbeatifikata 21 sena wara mewtha fl-1938 u ddikjarata qaddisa fl-1946, l-ewwel ċittadina tal-Istati Uniti li ġiet ikkanonizzata. Fl-1950, il-Papa Piju XII ħatarha Patruna tal-emigranti.






# Santa Fabjola ta' Ruma

*Tifkira: 27 ta' Diċembru*

Santa Fabjola kienet mara Rumana mnissla minn familja aristokratika li għexet fis-seklu 4 WK. Nafu dwarha minħabba li kienet kollaboratriċi ta' San Ġlormu, il-qaddis mistiku li ttraduċa l-Bibbja għal-Latin mill-ilsna oriġinali. Ġlormu jirreferiha għaliha f'diversi ittri minn tiegħu. Taħt id-direzzjoni ta' Sabn Ġlorma, kienet waħda minn grupp ta' nisa li kienu jiddedikawh ħajjithom għall-ġabra fit-talb u għall-opri tal-karità.

Iżżewġet meta kienet ferm żagħżugħa lil raġel vizzjuż. Minħabba d-diffikultajiet min-naħa tiegħu, iddivorzjatu skont il-liġi Rumana. Wara mewtu hi daħlet għat-tieni żwieġ. Milli jidher dan lanqas kien raġel virtuż ħafna u miet wara ftit. Hekk spiċċat armla. Darba minnhom, fil-Vġili tal-Għid, hi dehret quddiem il-Papa fil-Bażilika Laterana l-katidral tiegħu f'Ruma, u talbitu maħfra talli kienet iżżewġet għat-tieni darba. Hu taha l-maħfra mitluba u hi rtirat f'ħajja ta' talb u meditazzjoni f'darba stess. Iddedikat ħajjitha biex iddur bil-morda u l-foqra u waqqfet sptar; kull ma kellha tagħtu lill-monasteri u lill-foqra. Fis-sena 394 marret il-Palestina u għexet fil-qrib ta' San Ġlormu. Wara xi żmien reġgħet lura lejn Ruma u mietet qrib is-sena 400 WK. Għadd kbir ta' nies minn Ruma attendew il-funeral tagħha.


HOSPITAL

# Tagħrif fil-qosor dwar il-Qaddisin u l-Beati f'dan is-sussidju

| Qaddisin u Beati | Stat vokazzjonali | Nazzjonalità | Epoka | Tifkira liturġika | Qasam ta' ħidma |
|---|---|---|---|---|---|
| San Bazilju l-Kbir | Isqof u Duttur | Turkija | 330-379 | 2 ta' Jannar | sptarijiet, skejjel, u orfanatrofji |
| Santa Ġenoveffa | Mara kkonsagrata | Franza | 422-502 | 3 ta' Jannar | foqra |
| Santa Elizabetta Anna Seton | Omm u Reliġjuża | USA | 1774-1821 | 4 ta' Jannar | skejjel, u orfanatrofji |
| Santa Marianne ta' Molokai | Reliġjuża | Ġermanja / USA | 1838-1918 | 23 ta' Jannar | lebbruzi |
| Santa Anġela Merici | Reliġjuża | Italja | 1474-1540 | 27 ta' Jannar | skejjel u orfanatrofji |
| San Ġwann Bosco | Saċerdot u Reliġjuż | Italja | 1818-1888 | 31 ta' Jannar | skejjel, taħriġ professjonali, u orfanatrofji |
| Beata Marija Ludovika de Angelis | Reliġjuża | Italja / Arġentina | 1880-1962 | 25 ta' Frar | sptarijiet |
| Santa Katerina Drexel | Reliġjuża | USA | 1858-1955 | 3 ta' Marzu | *natives* u Afro Americans |
| Santa Franġiska Rumana | Omm u Reliġjuża | Italja | 1384-1440 | 9 ta' Marzu | pesta u morda |
| San Lwiġi Orione | Saċerdot u Reliġjuż | Italja | 1872-1940 | 12 ta' Marzu | ħaddiema, tfal foqra u ltiema, skejjel |
| Beatu Artemides Zatti | Lajk ikkonsagrat | Italja / Arġentina | 1880-1951 | 15 ta' Marzu | morda |
| Santa Lwiża de Marillac | Omm u Reliġjuża | Franza | 1591-1660 | 15 ta' Marzu | tagħlim, tfal foqra, anzjani, morda, persuni b'diżabbiltajiet fiżiċi u mentali, suldati feruti |
| San Oscar Romero | Isqof | El Salvador | 1917-1980 | 24 ta' Marzu | ġustizzja soċjali |
| Beatu Franġisku Faà di Bruno | Xjenzjat u Saċerdot | Italja | 1825-1888 | 27 ta' Marzu | ħaddiema, nisa abbużati |
| San Leonardo Murialdo | Saċerdot u Reliġjuż | Italja | 1828-1900 | 30 ta' Marzu | skejjel professjonali |
| San Ġwann Battista de la Salle | Saċerdot u Relġjuż | Franza | 1651-1719 | 7 ta' April | skejjel, formazzjoni tal-għalliema |
| San Ġużepp Moscati | Tabib | Italja | 1880-1927 | 12 ta' April | morda |
| San Ġużepp Cottolengo | Saċerdot | Italja | 1786-1842 | 30 ta' April | sptarijiet, morda, persuni b'diżabilità |
| San Ġużepp Marija Rubio | Saċerdot u Reliġjuż | Spanja | 1864-1929 | 4 ta' Mejju | foqra, morda |
| Beata Anna Rosa Gattorno | Omm u Reliġjuża | Italja | 1831-1900 | 6 ta' Mejju | foqra, morda anzjani uabbandunati, tfal, tfajliet fil-prostituzzjoni |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| San Pietru Nolasco | Reliġjuż | Franza | 1189-1256 | 6 ta' Mejju | ilsiera |
| San Damjan ta' Molokai | Saċerdot u Reliġjuż | Belġju / USA | 1840-1889 | 10 ta' Mejju | lebbrużi |
| Il-Beata Maria Crescencia Perez | Reliġjuża | Arġentina | 1897-1932 | 20 ta' Mejju | tfal, morda (bit-tuberkulożi) |
| Santa Joaquina Vedruna de Mas | Omm u Reliġjuża | Spanja | 1783-18-4 | 22 ta' Mejju | skejjel u sptarijiet |
| Santa Giovanna Antida Thouret | Reliġjuża | Franza | 1765-1826 | 23 ta' Mejju | skejjel, ħabsin, sptarijiet, formazzjoni tan-nersis |
| Santa Madalena Sofia Barat | Reliġjuża | Franza | 1779-1865 | 25 ta' Mejju | skejjel |
| San Filippu Neri | Saċerdot | Italja | 1515-1595 | 26 ta' Mejju | morda, pellegrini, ċentri għat-tfal u żgħażagħ |
| San Marċellinu Champagnat | Saċerdot u Reliġjuż | Franza | 1789-1840 | 6 ta' Ġunju | tagħlim lill-foqra |
| San Alwiġi Gonzaga | Reliġjuż | Italja | 1568-1591 | 21 ta' Ġunju | morda |
| San Ġużepp Cafasso | Saċerdot | Italja | 1811-1860 | 23 ta' Ġunju | ħabsijiet, ikkundannati għall-mewt |
| Beatu Jacques Ghazir Haddad | Saċerdot u Reliġjuż | Libanu | 1875-1954 | 26 ta' Ġunju | morda, foqra, sptarijiet, tfal abbandunati |
| San Kamillu ta' Lellis | Saċerdot u Reliġjuż | Italja | 1550-1614 | 14 ta' Lulju | sptarijiet, suldati feruti |
| San Pietru Poveda | Saċerdot u Reliġjuż | Spanja | 1874-1936 | 28 ta' Lulju | *gypsies*, skejjel, formazzjoni tal-għalliema |
| Solanus Casey | Saċerdot u Reliġjuż | USA | 1870-1957 | 30 ta' Lulju | morda, *soup kitchens* |
| San Gejtanu | Saċerdot u Reliġjuż | Italja | 1480-1574 | 7 ta' Awwissu | morda, sptarijiet, bank li jsellef il-flus lill-foqra |
| Santa Marija tas-Salib (Mary Helen MacKillop) | Reliġjuża | Awstralja | 1842-1909 | 8 ta' Awwissu | skejjel, ofranatrofji, ħabsijiet, prostituti, morda, ħaddiema |
| San Lawrenz Djaknu | Djaknu u Martri | Spanja / Italja | Seklu 3 | 10 ta' Awwissu | foqra |
| Santu Rokku | Ġuvni | Franza | 1295-1327 | 16 ta' Awwissu | pesta |
| San Alberto Hurtado | Saċerdot u Reliġjuż | Ċili | 1901-1952 | 18 ta' Awwissu | djar għat-tfal abbandunati, taħriġ professjonali |
| Santa Roża ta' Lima | Tfajla kkonsagrata | Perù | 1586-1617 | 23 ta' Awwissu | foqra, xjuħ, morda |
| Beata Maria Del Transito Cabanillas | Reliġjuża | Arġentina | 1821-1858 | 25 ta' Awwissu | foqra, tfal abbandunati, skejjel |
| San Rajmondu Nonnato | Reliġjuż | Spanja | 1200-1240 | 31 ta' Awwisu | lsiera |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| San Ġużepp Calasanz | Saċerdot u Reliġjuż | Spanja | 1557-1648 | 25 ta' Awwissu | foqra, tfal abbandunati, skejjel |
| Santa Tereża ta' Kalkutta | Reliġjuża | Albanija / Maċedonja / Indja | 1910-1997 | 5 ta' Settembru | foqra, abbandunati, morda, moribondi |
| San Pietru Claver | Saċerdot u Reliġjuż | Spanja / Kolombja | 1580-1654 | 9 ta' Settembru | skjavi mill-Afrika |
| San Ġwann Macias | Reliġjuż | Spanja / Perù | 1585-1645 | 16 ta' Settembru | morda, foqra, tallaba, persuni b'diżabilità |
| San Piju ta' Pietrelcina | Saċerdot u Reliġjuż | Italja | 1887-1968 | 23 ta' Settembru | morda |
| San Vinċenz de Paul | Saċerdot u Reliġjuż | Franza | 1581-1660 | 27 ta' Settembru | foqra, ħabsin, sptarijiet, orfanatrofji, ilsiera tax-xwieni, djar morda mentali |
| San Franġisk ta' Assisi | Reliġjuż | Italja | 1181/1182-1226 | 4 ta' Ottubru | karità lill-foqra, l-ambjent u l-annimali |
| San Daniel Comboni | Reliġjuż | Taljan | 1831-1881 | 10 ta' Ottubru | missjoni fl-Afrika, tfal ilsiera |
| San Martin ta' Porres | Reliġjuż | Perù | 1579-1639 | 3 ta' Novembru | morda, foqra, orfanatrofju |
| San Martin ta' Tours | Suldat u Isqof | Ungerija / Franza | 316/317-397 | 11 ta' Novembru | foqra |
| Santa Elizabetta tal-Ungerija | Omm u Reġina | Ungerija | 1207-1231 | 17 ta' Novembru | foqra, morda, sptarijiet |
| San Nikola | Isqof | Turkija | 250/260-326 | 6 ta' Diċembru | foqra |
| San Ġwann ta' Matha | Saċerdot u Reliġjuż | Franza | 1160-1213 | 17 ta' Diċembru | foqra, morda, ilsiera |
| Santa Franġiska Saverja Cabrini | Reliġjuża | Italja / USA | 1850-1917 | 22 ta' Diċembru | immigranti, orfanatrofji, skejjel, sptarijiet |
| Santa Fabjola ta' Ruma | Omm | Italja | Seklu 4 | 27 ta' Diċembru | morda, foqra |